DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1328

tat-30 ta' Settembru 2021

dwar il-miżuri SA.32014, SA.32015, SA.32016 (2011/C) (ex 2011/NN) implimentati mill-Italja u mir-Reġjun tal-Lazio għal Laziomar u l-akkwirent tagħha CLN

(notifikata bid-dokument C(2021) 6989)

(Il-verżjoni Taljana biss hija awtentika)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

WERREJ

Paġna

1. Proċedura 158

2. Sfond u deskrizzjoni tal-miżuri soġġetti għall-investigazzjoni 158

2.1. Qafas ġenerali 158

2.1.1. Il-Konvenzjonijiet inizjali 160

2.1.2. L-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali 8

2.1.3. Il-privatizzazzjoni ta' Laziomar u l-konklużjoni tal-kuntratt ta' servizz il-ġdid 161

2.2. Miżuri fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012 161

2.3. Deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri soġġetti għal din id-Deċiżjoni 162

2.3.1. L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn Laziomar u l-Italja 162

2.3.1.1. L-obbligi ta' servizz pubbliku 162

2.3.1.2. Baġit u tul ta' żmien 11

2.3.2. Il-privatizzazzjoni ta' Laziomar 165

2.3.2.1. Il-proċedura ta' bejgħ u l-għoti finali 165

2.3.2.2. Il-kuntratt ta' bejgħ 165

2.3.2.3. Proċedimenti fuq livell nazzjonali 166

2.3.3. Il-kuntratt ta' servizz il-ġdid bejn ir-Reġjun tal-Lazio u Laziomar 166

2.3.3.1. Il-benefiċjarju 166

2.3.3.2. Ir-rotot 15

2.3.3.3. Tul ta' żmien 166

2.3.3.4. L-obbligi ta' servizz pubbliku 166

2.3.3.5. Id-dispożizzjonijiet dwar il-kumpens u l-għoti finali 16

2.3.4. Il-prijorità tal-irmiġġ 168

2.3.5. Il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010 168

2.4. Proċedura ta' ksur Nru 2007/4609 170

3. Raġunijiet għall-bidu u għall-estensjoni tal-proċedura 170

3.1. L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn Laziomar u l-Italja 170
3.1.1. Osservanza tas-sentenza Altmark u eżistenza ta' għajnuna 171
3.1.2. Kompatibbiltà 171
3.2. Il-privatizzazzjoni ta' Laziomar 172
3.3. Il-kuntratt ta' servizz il-ġdid bejn ir-Reġjun tal-Lazio u Laziomar 172
3.3.1. L-osservanza tas-sentenza Altmark, l-eżistenza ta' għajnuna u l-kompatibbiltà 172
3.3.2. Kompatibbiltà 172
3.4. Il-prijorità tal-irmiġġ 173
3.5. Il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010 173
4. Kummenti mill-Italja 173
4.1. Dwar l-obbligi ta' servizz pubbliku u l-ambjent kompetittiv 173
4.2. Dwar il-privatizzazzjoni ta' Laziomar 173
4.2.1. Dwar il-prezz tal-bejgħ ta' Laziomar 174
4.2.2. Dwar in-natura trasparenti u nondiskriminatorja tal-proċedura 174
4.3. Dwar il-konformità tal-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali u tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid mal-kundizzjonijiet tas-sentenza *Altmark* 175
4.4. Dwar il-prijorità tal-irmiġġ 175
4.5. Dwar il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010 175
4.6. Dwar ir-regoli għall-kalkolu tal-kumpens għall-perjodu 2011 – 2019 u dwar il-primjum tar-riskju ta' 6,5 % stabbilit fid-Direttiva CIPE mill-2010 28
4.7. Dwar il-konformità tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid mad-Deċiżjoni SGEI tal-2011 176
4.8. Dwar il-konformità tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid mal-Qafas SGEI tal-2011 177
5. Valutazzjoni 177
5.1. Eżistenza ta' għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE 177
5.1.1. L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn Laziomar u l-Italja 177
5.1.1.1. Riżorsi tal-Istat 178
5.1.1.2. Selettività 178
5.1.1.3. Vantaġġ ekonomiku 179
5.1.1.4. Effett fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ 179
5.1.1.5. Konklużjoni 180
5.1.1.6. Għajnuna ġdida jew eżistenti 180
5.1.2. L-għoti tal-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid abbinat mal-attività kummerċjali ta' Laziomar 180
5.1.2.1. Altmark 1 181
5.1.2.2. Altmark 2 187
5.1.2.3. Altmark 3 43
5.1.2.4. Altmark 4 46
5.1.2.5. Konklużjoni 196
5.1.3. Il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010 196
5.1.3.1. Użu possibbli tal-fondi għall-immodernizzar tal-vapuri għall-finijiet ta' likwidità 197

5.1.3.2. Eżenzjonijiet fiskali relatati mal-proċess ta' privatizzazzjoni 197
5.1.3.3. Possibbiltà tal-użu tar-riżorsi tal-FAS sabiex jiġu ssodisfati l-eżiġenzi ta' likwidità 198
5.1.4. Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna 198
5.2. Il-legalità tal-għajnuna 198
5.3. Il-kompatibbiltà tal-għajnuna 198
5.3.1. Regoli applikabbli 200
5.3.2. Servizz ġenwin ta' interess ekonomiku ġenerali kif imsemmi fl-Artikolu 106 TFUE 60
5.3.3. Ħtieġa ta' att ta' inkarigu li jispeċifika l-obbligi ta' servizz pubbliku u l-metodi għall-kalkolu tal-kumpens 203
5.3.4. It-tul tal-perjodu tal-inkarigu 203
5.3.5. Konformità mad-Direttiva 2006/111/KE 204
5.3.6. Ammont tal-kumpens 65
5.3.7. Il-prijorità tal-irmiġġ 206
5.3.8. Konklużjoni 206
6. Konklużjoni 207

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni(jiet) imsemmija hawn fuq ([1]) u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. **PROĊEDURA**

(1) Fit-23 ta' Marzu 2009, fid-9 ta' Diċembru 2009, fil-21 ta' Diċembru 2009, fis-6 ta' Jannar 2010, fis-27 ta' Settembru 2010 u fit-12 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni rċeviet sitt ilmenti dwar diversi miżuri ta' appoġġ adottati mill-Italja favur il-kumpaniji ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia ([2]). L-ilmenti kienu jikkonċernaw il-kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku mogħti lil dawn il-kumpaniji wara l-iskadenza tal-kuntratti inizjali ta' servizz pubbliku konklużi mal-Italja għall-perjodu bejn Jannar 1989 u Diċembru 2008 ("il-Konvenzjonijiet inizjali"), miżuri ta' appoġġ addizzjonali stabbiliti fil-liġi nazzjonali fil-kuntest tal-proċess ta' privatizzazzjoni tal-kumpaniji, kif ukoll ċerti kwistjonijiet li jirrigwardaw b'mod partikolari l-proċedura ta' privatizzazzjoni ta' Tirrenia di Navigazione S.p.A. ("Tirrenia") u Siremar - Sicilia Regionale Marittima S.p.A. ("Siremar").

(2) Fid-29 ta' Lulju 2010, l-Italja nnotifikat lill-Kummissjoni bil-kumpens imħallas fl-2008, fl-2009 u fl-2010 mill-Italja lil Caremar – Campania Regionale Maritima S.p.A. ("Caremar"). Dik in-notifika ġiet ippreżentata mill-ġdid fl-1 ta' Diċembru 2010 u kienet tkopri l-kumpens imħallas lil Caremar fl-2009 u fl-2010. Il-kumpens imħallas lil Caremar fl-2008 kien kopert minn deċiżjoni separata (ara l-Premessa 20).

(3) Fil-5 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward ta' diversi miżuri adottati mill-Italja favur il-kumpaniji ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia ("id-Deċiżjoni tal-2011") ([3]). L-investigazzjoni kienet tikkonċerna fost l-oħrajn il-kumpens mogħti lil Caremar għall-operat ta' għadd ta' rotot marittimi mill-1 ta' Jannar 2009 u għadd ta' miżuri oħra mogħtija lil dik il-kumpanija (ara l-Premessa 38).

(4) F'dak iż-żmien, Caremar kienet topera rotot ta' kabotaġġ marittimu ([4]) fil-Golf ta' Napli (ir-Reġjun tal-Campania) u fl-arċipelagu ta' Pontino (ir-Reġjun tal-Lazio). Sussegwentement, ir-Reġjun tal-Campania ttrasferixxa lir-Reġjun tal-Lazio r-rotot fl-arċipelagu ta' Pontino fuq bażi awtonoma taħt l-isem Laziomar S.p.A. ("Laziomar") ([5]). Dak it-trasferiment ġie fformalizzat fl-1 ta' Ġunju 2011 (ara l-Premessi 32 u 33.

(5) Id-Deċiżjoni tal-2011 ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw l-kummenti tagħhom dwar il-miżuri investigati.

(6) Permezz ta' ittra datata t-28 ta' Settembru 2011, l-Italja kkonfermat l-intenzjoni tagħha li tipprivatizza l-kumpaniji reġjonali ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia, inkluża Laziomar. Fis-26 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni bagħtet talba għall-informazzjoni lill-Italja dwar il-proċedura ta' privatizzazzjoni. Fit-30 ta' Novembru 2011, l-Italja bagħtet tweġiba għat-talba għall-informazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Ottubru 2011.

([1]) ĠU C 28, 1.2.2012, p. 18 u ĠU C 84, 22.3.2013, p. 58.

([2]) Dak li kien il-Gruppo Tirrenia kien jikkonsisti mill-kumpaniji Tirrenia di Navigazione S.p.A., Adriatica S.p.A., Caremar – Campania Regionale Marittima S.p.A., Saremar – Sardegna Regionale Marittima S.p.A., Siremar – Sicilia Regionale Marittima S.p.A., u Toremar – Toscana Regionale Marittima S.p.A..

([3]) Għajnuna mill-Istat – Repubblika Taljana – Għajnuna mill-Istat SA.32014 (11/C) (ex 11/NN), SA.32015 (11/C) (ex 11/NN), SA.32016 (11/C) (ex 11/NN) - Għajnuna mill-Istat lill-kumpaniji ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia - Stedina biex jitressqu kummenti skont l-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 28, 1.2.2012, p. 18).

([4]) Ara r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu) (ĠU L 364, 12.12.1992, p. 7) ("ir-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu").

([5]) Laziomar ġiet stabbilita fl-1 ta' Diċembru 2010, bir-Reġjun tal-Lazio jkun l-uniku azzjonist.

(7) Fil-15 ta' Novembru 2011, l-Italja ppreżentat il-kummenti dwar il-miżuri koperti mid-Deċiżjoni tal-2011.

(8) Fil-25 ta' April 2012, il-Kummissjoni bagħtet talba oħra għall-informazzjoni lill-Italja dwar il-proċedura ta' privatizzazzjoni. L-Italja wieġbet permezz tal-ittra datata t-22 ta' Mejju 2012.

(9) Fis-7 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni estendiet il-proċedura ta' investigazzjoni, fost l-oħrajn biex tkopri ċerti miżuri ta' appoġġ addizzjonali mogħtija mir-Reġjun tal-Lazio lil Laziomar fir-rigward tal-kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku mogħti lil Laziomar skont il-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid. Verżjoni emendata ta' dik id-Deċiżjoni ġiet adottata mill-Kummissjoni fid-19 ta' Diċembru 2012 ("id-Deċiżjoni tal-2012") ([6]).

(10) Id-Deċiżjoni tal-2012 ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw l-kummenti tagħhom dwar il-miżuri investigati.

(11) Fil-11 ta' Diċembru 2012, l-Italja ppreżentat il-kummenti tagħha.

(12) Fil-25 ta' Jannar 2018, fid-29 ta' Marzu 2018, fil-31 ta' Awwissu 2018, fl-4 ta' Marzu 2019, fil-15 ta' April 2020, fid-9 u fis-26 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mingħand l-Italja. L-Italja pprovdiet din l-informazzjoni fis-26 ta' April 2018, fit-8 u fil-31 ta' Mejju 2018, fit-2 ta' Novembru 2018, fil-11 ta' Diċembru 2018, fit-30 ta' April 2019, fit-22 ta' Ġunju 2020, fit-22 ta' Frar 2021 u fis-17 ta' Marzu 2021.

(13) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna biss għajnuna possibbli lil Laziomar kif speċifikat fit-Taqsima 2.3. Il-miżuri l-oħra kollha soġġetti għad-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012 qegħdin jiġu investigati separatament taħt il-Każijiet SA.32014, SA.32015 u SA.32016 u għalhekk ma humiex koperti minn din id-Deċiżjoni. B'mod partikolari, dawk il-miżuri l-oħra jikkonċernaw kumpaniji oħra ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia.

2. SFOND U DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI SOĠĠETTI GĦALL-INVESTIGAZZJONI

2.1. Qafas ġenerali

2.1.1. *Il-Konvenzjonijiet inizjali*

(14) Storikament il-Gruppo Tirrenia kien proprjetà tal-Italja permezz tal-kumpanija Fintecna ([7]) u inizjalment kien jinkludi sitt kumpaniji, jiġifieri Tirrenia, Adriatica, Caremar, Saremar, Siremar u Toremar. Dawn il-kumpaniji kienu jipprovdu servizzi ta' trasport marittimu b'kuntratti ta' servizz pubbliku separati ta' servizz konklużi mal-Italja fl-1991, li baqgħu fis-seħħ għal 20 sena bejn Jannar 1989 u Diċembru 2008 ("il-Konvenzjonijiet inizjali"). Fintecna kellha 100 % tal-kapital azzjonarju ta' Tirrenia li min-naħa tagħha kienet is-sid uniku tal-kumpaniji reġjonali Adriatica, Caremar, Siremar, Saremar u Toremar. Adriatica, li kienet topera għadd ta' rotot bejn l-Italja u l-Albanija, il-Kroazja, il-Greċja u l-Montenegro rispettivament, ġiet amalgamata ma' Tirrenia fl-2004.

(15) L-iskop ta' dawn il-Konvenzjonijiet inizjali kien li tiġi ggarantita r-regolarità u l-affidabbiltà tas-servizzi tat-trasport marittimu, li l-maġġoranza tagħhom jgħaqqdu lill-Italja kontinentali ma' Sqallija, ma' Sardinja u ma' gżejjer Taljani iżgħar oħra. Għal dan il-għan, l-Italja tat appoġġ finanzjarju fil-forma ta' sussidji mħallsa direttament lil kull kumpanija tal-Gruppo Tirrenia.

(16) Fl-1 ta' Ġunju 2011, Laziomar bdiet topera sensiela ta' rotot ta' kabotaġġ marittimu bejn ir-Reġjun tal-Lazio u l-gżejjer ġirien iżgħar (ara l-Premessa 33). Ir-rotot eżatti kkonċernati huma deskritti fil-Premessa 43.

([6]) Għajnuna mill-Istat – Ir-Repubblika Taljana – Għajnuna mill-Istat SA.32014 (2011/C), SA.32015 (2011/C), SA.32016 (2011/C) - Għajnuna mill-Istat lill-kumpaniji ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia u l-akkwirenti tagħhom - Stedina biex jitressqu l-kummenti skont l-Artikolu 108(2) TFUE (ĠU C 84, 22.3.2013, p. 58).

([7]) Fintecna (Finanziaria per i Settori Industriale e dei Servizi S.p.A.) hija proprjetà esklużiva tal-Ministeru Taljan għall-Ekonomija u tal-Finanzi u tispeċjalizza fil-ġestjoni tal-proċessi ta' privatizzazzjoni u ta' parteċipazzjoni azzjonarja kif ukoll fl-indirizzar ta' proġetti għar-razzjonalizzazzjoni u għar-ristrutturar ta' kumpaniji li jaffaċċjaw diffikultajiet industrijali, finanzjarji jew organizzazzjonali.

(17) Fis-6 ta' Awwissu 1999, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") fir-rigward ta' għajnuna mħallsa fuq il-bażi tal-Konvenzjonijiet inizjali lis-sitt kumpaniji li dak iż-żmien kienu jiffurmaw il-Gruppo Tirrenia.

(18) Matul il-fażi tal-investigazzjoni, l-Italja talbet li l-każ tal-Gruppo Tirrenia jinqasam sabiex il-prijorità tkun li tintlaħaq deċiżjoni finali dwar Tirrenia. Din it-talba kienet immotivata mill-pjan tal-Italja li tipprivatizza l-Grupp, billi tibda proprju minn Tirrenia, u l-intenzjoni tagħha li tħaffef il-proċess fir-rigward ta' dik il-kumpanija.

(19) Il-Kummissjoni ddeċidiet li setgħet tilqa' t-talba tal-Italja, u permezz tad-Deċiżjoni tagħha 2001/851/KE ([8]) ("id-Deċiżjoni tal-2001"), hija għalqet il-proċedura mibdija fir-rigward tal-għajnuna mogħtija lil Tirrenia. L-għajnuna kienet iddikjarata kompatibbli soġġetta għal ċerti impenji mill-Italja.

(20) Permezz tad-Deċiżjoni tagħha 2005/163/KE ([9]) ("id-Deċiżjoni tal-2004"), il-Kummissjoni ddikjarat li l-kumpens mogħti mill-Italja lill-kumpaniji tal-Gruppo Tirrenia minbarra Tirrenia huwa parzjalment kompatibbli mas-suq intern, parzjalment kompatibbli iżda kondizzjonali fuq ir-rispett ta' għadd ta' impenji mill-awtoritajiet Taljani, u parzjalment inkompatibbli mas-suq intern. Id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq *data* kontabilistika li kienet tkopri mill-1992 sal-2001 u kien fiha ċerti kundizzjonijiet li kellhom l-għan li jiżguraw il-kompatibbiltà tal-kumpens tul iż-żmien kollu tal-Konvenzjonijiet inizjali.

(21) Permezz tas-Sentenza tal-4 ta' Marzu 2009 fil-Kawżi T-265/04, T-292/04 u T-504/04 ([10]) ("is-Sentenza tal-2009") il-Qorti Ġenerali ħassret id-Deċiżjoni tal-2004.

(22) Permezz tad-Deċiżjoni tagħha (UE) 2018/261 ([11]) ("id-Deċiżjoni tal-2014"), il-Kummissjoni għalqet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward ta' diversi miżuri adottati mir-Reġjun ta' Sardenja favur Saremar. L-appell ippreżentat minn Saremar u mir-Reġjun ta' Sardenja kontra dik id-deċiżjoni ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali fl-2017 ([12]).

(23) Permezz tad-Deċiżjoni tagħha (UE) 2020/1411 (id-"Deċiżjoni dwar il-Gruppo Tirrenia tal-2020") ([13]), il-Kummissjoni kkonkludiet l-investigazzjoni dwar il-kumpaniji tal-Gruppo Tirrenia minbarra Tirrenia għall-perjodu 1992-2008. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għajnuna mogħtija għall-forniment tas-servizzi ta' trasport ta' kabotaġġ marittimu kienet tikkostitwixxi f'għajnuna eżistenti, filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-għajnuna mogħtija għall-forniment tas-servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali kienet kompatibbli mal-Qafas tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ("SGEI") tal-2011 ([14]) (il-"Qafas SGEI tal-2011").

(24) Permezz tad-Deċiżjoni tagħha (UE) 2020/1412 ([15]) (id-"Deċiżjoni tal-2020 dwar Tirrenia/CIN"), il-Kummissjoni għalqet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-miżuri mogħtija lil Tirrenia u lill-akkwirent tagħha CIN, għall-perjodu 2009-2020.

(25) Permezz tad-Deċiżjoni tagħha (UE) 2021/4268 ([16]) u d-Deċiżjoni tagħha (UE) 2021/4271 ([17]), il-Kummissjoni għalqet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-miżuri mogħtija lil Siremar u Toremar u l-akkwirenti tagħhom, għall-perjodu mill-2009 'il quddiem.

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/851/KE tal-21 ta' Ġunju 2001 dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija lill-kumpanija tat-tbaħħir Tirrenia di Navigazione mill-Italja (ĠU L 318 tal-4.12.2001, p. 9).

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/163/KE tas-16 ta' Marzu 2004 dwar l-għajnuna mill-Istat imħallsa mill-Italja lill-kumpaniji tat-tbaħħir Adriatica, Caremar, Siremar, Saremar u Toremar [Traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 053 tas-26.02.2005, p. 29).

([10]) Il-Kawżi Magħquda T-265/04, T-292/04 u T-504/04 *Tirrenia di Navigazione vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:2009:48.

([11]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/261 tat-22 ta' Jannar 2014 dwar il-miżuri ta' għajnuna SA.32014 (2011/C), SA.32015 (2011/C), SA.32016 (2011/C) implimentati mir-Reġjun ta' Sardenja favur Saremar (ĠU L 49 tat-22.02.2018, p. 22).

([12]) Ara s-Sentenza tas-6 ta' April 2017 fil-Kawża T-219/14 *Regione autonoma della Sardegna (l-Italja) vs Il-Kummissjoni Ewropea*, ECLI:EU:T:2017:266.

([13]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1411 tat-2 ta' Marzu 2020 dwar l-għajnuna mill-Istat Nru C 64/99 (*ex* NN 68/99) implimentata mill-Italja għall-kumpaniji tat-tbaħħir Adriatica, Caremar, Siremar, Saremar u Toremar (il-Gruppo Tirrenia) (ĠU L 332, 12.10.2020, p. 1).

([14]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: Il-Qafas tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku (ĠU C 8, 11.01.2012, p. 15).

([15]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1412 tat-2 ta' Marzu 2020 dwar il-Miżuri SA.32014, SA.32015, SA.32016 (11/C) (*ex* 11/NN) implimentati mill-Italja għal Tirrenia di Navigazione u għall-akkwirent tagħha Compagnia Italiana di Navigazione (ĠU L 332, 12.10.2020, p. 45).

([16]) Għadha ma ġietx ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([17]) Għadha ma ġietx ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2.1.2. *L-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali*

(26) L-Artikolu 26 tad-Digriet Amministrattiv Nru 207 tat-30 ta' Diċembru 2008, ikkonvertit fil-Liġi Nru 14 tas-27 ta' Frar 2009, stabbilixxa l-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali (inkluża dik applikabbli għal Laziomar), li inizjalment kellhom jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2008, għal sena, sal-31 ta' Diċembru 2009.

(27) Fid-dawl tal-privatizzazzjoni tal-kumpaniji tal-Gruppo Tirrenia, l-Artikolu 19-*ter* tad-Digriet Amministrattiv Nru 135 tal-25 ta' Settembru 2009, ikkonvertit fil-Liġi Nru 166 tal-20 ta' Novembru 2009 ("il-Liġi tal-2009"), stabbilixxa t-trasferiment tal-parteċipazzjoni azzjonarja tal-kumpaniji reġjonali (minbarra Siremar) mill-kumpanija prinċipali Tirrenia mingħajr ebda ħlas ta' korrispettiv kif ġej:

(a) Inizjalment, Caremar kellha tiġi ttrasferita lir-Reġjun tal-Campania. Dan tal-aħħar sussegwentement kellu jittrasferixxi lir-Reġjun tal-Lazio l-attività kummerċjali ta' Caremar li topera l-konnessjonijiet tat-trasport mal-arċipelagu ta' Pontino fuq bażi awtonoma taħt l-isem ta' Laziomar;

(b) Saremar kellha tiġi ttrasferita lir-Reġjun ta' Sardinja; u

(c) Toremar kellha tiġi ttrasferita lir-Reġjun tat-Toskana.

(28) Il-Liġi tal-2009 speċifikat ukoll li sal-31 ta' Diċembru 2009 kellhom jiġu miftiehma Konvenzjonijiet ġodda bejn l-Italja u Tirrenia u Siremar. Bl-istess mod, is-servizzi reġjonali kellhom jiġu sanċiti fl-abbozz ta' Kuntratti ta' Servizz Pubbliku, li kellhom jiġu miftiehma bejn ir-Reġjuni ta' Sardinja u tat-Toskana u Saremar u Toremar rispettivament sal-31 ta' Diċembru 2009 u bejn ir-reġjuni tal-Campania u tal-Lazio u Caremar u Laziomar rispettivament sat-28 ta' Frar 2010. L-abbozz ta' Konvenzjonijiet / Kuntratti ta' Servizz Pubbliku kienu se jitpoġġew għall-offerti mal-kumpaniji nfushom u kellhom jiġu ffirmati mal-akkwirenti mal-finalizzazzjoni tal-privatizzazzjoni ta' kull waħda minn dawk il-kumpaniji ([18]).

(29) Għal dak il-għan, il-Liġi tal-2009 kompliet testendi l-Konvenzjonijiet inizjali (inkluża dik applikabbli għal Caremar) mill-1 ta' Jannar 2010 sat-30 ta' Settembru 2010.

(30) Il-Liġi tal-2009 stabbiliet ukoll limiti massimi għall-kumpens annwali għall-operat tas-servizzi li kellhom jibdew japplikaw mill-2010 (taħt l-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali, kif ukoll taħt il-Konvenzjonijiet u l-Kuntratti ta' Servizz Pubbliku l-ġodda), għal ammont totali ta' EUR 184 942 251, kif ġej:

Tabella 1

Limiti massimi ta' kumpens mill-2010

Kumpanija	Kumpens annwali massimu
Tirrenia	EUR 72 685 642
Siremar	EUR 55 694 895
Saremar	EUR 13 686 441
Toremar	EUR 13 005 441
Caremar	EUR 29 869 832 ([1])
([1]) Li minnhom EUR 19 839 226 mir-Reġjun tal-Campania u EUR 10 030 606 mir-Reġjun tal-Lazio.	

(31) L-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 163 tal-1 ta' Ottubru 2010 li kkonvertiet id-Digriet Amministrattiv Nru 125 tal-5 ta' Awwissu 2010 ("il-Liġi tal-2010") stabbilixxa l-estensjoni ulterjuri tal-Konvenzjonijiet inizjali mill-1 ta' Ottubru 2010 sat-tlestija tal-proċessi ta' privatizzazzjoni ta' Tirrenia u Siremar, li seħħew fid-19 ta'Lulju 2012 u fil-31 ta' Lulju 2012 rispettivament.

([18]) Il-paragrafu 10 tal-Artikolu 19-*ter* tal-Liġi tal-2009.

(32) Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19-*ter* tal-Liġi tal-2009, ir-Reġjun tal-Lazio stabbilixxa fl-1 ta' Diċembru 2010, permezz tal-liġi Reġjonali Nru 2/2010, kumpanija pubblika limitata għas-servizzi ta' kabotaġġ marittimu reġjonali, imsejħa Laziomar, sabiex takkwista l-fergħa ta' Caremar li kienet qed topera r-rotot tal-arċipelagu ta' Pontino u biex sussegwentement tiġi privatizzata.

(33) Fis-7 ta' Marzu 2011, Caremar biegħet il-fergħa tagħha li tikkonċerna r-rotot tal-arċipelagu ta' Pontino lil Laziomar. Din tal-aħħar, bdiet topera r-rotot fl-1 ta' Ġunju 2011.

(34) Skont id-Digriet Nru 508 tar-Reġjun tal-Lazio tat-28 ta' Ottubru 2011 ("id-Digriet tal-Lazio"), ġew ipprovduti linji gwida dwar il-proċess ta' privatizzazzjoni ta' Laziomar abbinat flimkien mal-konklużjoni tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid għar-rotot tal-arċipelagu ta' Pontino.

(35) Barra minn hekk, skont il-Liġi Nru 228 tal-24 ta' Diċembru 2012, ir-Reġjun tal-Lazio afda, fuq il-bażi ta' kuntratt "pont", lil Laziomar bl-obbligu li tiżgura l-kontinwità territorjali tar-rotot tal-arċipelagu ta' Pontino sal-privatizzazzjoni tagħha, bl-istess kundizzjonijiet. Dan il-kuntratt ġie ffirmat fit-12 ta' Frar 2013 u baqa' fis-seħħ sal-privatizzazzjoni ta' Laziomar.

2.1.3. *Il-privatizzazzjoni ta' Laziomar u l-konklużjoni tal-kuntratt ta' servizz il-ġdid*

(36) Fi Frar 2012, tnediet proċedura ta' offerti (ara t-Taqsima 2.3.2) biex jinstab akkwirent għal Laziomar abbinata mal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid għall-forniment ta' servizzi marittimi għal perjodu ta' 10 snin inkambju ta' kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku.

(37) Wara offerta rebbieħa fil-proċedura tal-offerti, Compagnia Laziale di Navigazione S.r.l. ("CLN") saret is-sid il-ġdid ta' Laziomar. Il-kuntratt ta' bejgħ bejn ir-Reġjun tal-Lazio u CLN ġie ffirmat fit-30 ta' Diċembru 2013. Fil-15 ta' Jannar 2014, ir-Reġjun tal-Lazio u Laziomar iffirmaw il-kuntratt ta' servizz il-ġdid għall-forniment ta' servizzi marittimi fl-arċipelagu ta' Pontino.

2.2. **Miżuri fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012**

(38) Il-miżuri li ġejjin kienu soġġetti għal valutazzjoni fil-proċedura ta' investigazzjoni formali li nfetħet permezz tad-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012:

(a) Il-kumpens għall-provvista ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ("SGEI") taħt l-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali (*il-Miżura 1*);

(b) L-użu ħażin potenzjali tal-għajnuna għas-salvataġġ minn Tirrenia u Siremar (*il-Miżura 2*);

(c) Il-privatizzazzjoni tal-kumpaniji ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia ([19]) (*il-Miżura 3*);

(d) Il-kumpens imħallas għall-operat tal-SGEI skont il-Konvenzjonijiet / il-Kuntratti ta' Servizz Pubbliku l-ġodda (*il-Miżura 4*);

(e) Il-prijorità tal-irmiġġ (*il-Miżura 5*);

(f) Il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010 li kkonvertiet id-Digriet Amministrattiv 125/2010 (*il-Miżura 6*);

(g) Miżuri addizzjonali adottati mir-Reġjun ta' Sardinja favur Saremar (*il-Miżura 7*);

(39) Bid-Deċiżjoni tagħha tal-2014, il-Kummissjoni għalqet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-miżuri adottati mir-Reġjun ta' Sardinja favur Saremar imsemmija hawn fuq bħala l-Miżura 7 bl-eċċezzjoni ta' miżura waħda ([20]).

2.3. **Deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri soġġetti għal din id-Deċiżjoni**

(40) Din id-Deċiżjoni tittratta biss il-miżuri 1, 3, 4, 5 u 6 kif elenkati fil-Premessa (38) sa fejn jinvolvu lil Laziomar u lil CLN. Dawn il-miżuri huma deskritti f'aktar dettall fit-taqsimiet li ġejjin.

([19]) Din tinkludi l-pagament differit ta' parti mill-prezz tax-xiri għall-akkwiżizzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Tirrenia min-naħa ta' CIN u l-allegat diversi miżuri ta' għajnuna addizzjonali fil-kuntest tal-privatizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar (pereż. kontrogaranzija u żieda tal-kapital mill-Istat għal CdI, l-entità li inizjalment akkwistat il-fergħa kummerċjali ta' Siremar).

([20]) B'mod partikolari, il-proġett Bonus Sardo – Vacanza, li jagħmel parti mill-Miżura 7, ma ġiex ivvalutat fid-Deċiżjoni tal-2014 u lanqas ma hu se jiġi vvalutat f'din id-Deċiżjoni.

2.3.1. *L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn Laziomar u l-Italja*

2.3.1.1. L-obbligi ta' servizz pubbliku

(41) L-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni inizjali ma' Caremar kien jipprevedi pjanijiet ta' ħames snin biex jiġu dettaljati l-portijiet li kellhom jiġu moqdija, it-tip ta' vapuri li kellhom jintużaw u l-frekwenza meħtieġa tas-servizz fdat lil Caremar (u sussegwentement lil Laziomar wara t-trasferiment tar-rotot Pontini lir-Reġjun tal-Lazio fl-1 ta' Ġunju 2011).

(42) Skont l-Italja, l-aħħar pjan ta' ħames snin għal Caremar (dak iż-żmien) li ġie approvat formalment huwa dak relatat mal-perjodu 2000-2004, filwaqt li tfassal pjan għall-perjodu 2005-2008 iżda qatt ma ġie approvat formalment mill-ministeri kompetenti. Minflok, il-gvern ħa deċiżjonijiet *ad hoc* bil-ħsieb li s-servizzi jiġu allinjati aktar mill-qrib mal-ħtiġijiet tal-komunitajiet lokali, mingħajr madankollu ma jsiru bidliet sostantivi fis-sistema ta' servizz pubbliku.

(43) Fuq il-bażi tal-Konvenzjoni inizjali, kif estiża, bl-atti legali sussegwenti msemmija fil-Premessi minn 26 sa 33, Laziomar kienet topera r-rotot li ġejjin matul is-sena kollha:

— Fuq ir-rotta Ponza – Formia (il-**Linja T1**), Laziomar kienet topera l-unika konnessjoni ma' din il-linja. Hija kienet tiżgura żewġ konnessjonijiet kuljum li kienu jipprovdu servizzi mħallta (passiġġieri, vetturi u merkanzija). Il-bastiment, li kien jitlaq mill-gżira fil-5:30 a.m. kien jiggarantixxi lir-residenti l-konnessjoni mal-Italja kontinentali għal raġunijiet ta' studju u xogħol bl-aħħar ritorn fil-5:30 p.m.;

— Fuq ir-rotta Ponza – Formia (**il-Linja A2**); Laziomar kienet topera wkoll l-uniku servizz b'veloċità għolja għall-passiġġieri b'konnessjoni waħda ta' kuljum u kienet iżżomm il-bastiment fuq il-gżira matul il-lejl;

— Fuq ir-rotta Anzio – Ponza (**il-Linja A1**), Laziomar kienet tiżgura servizz ta' kuljum ta' veloċità għolja għall-passiġġieri fl-aktar perjodu bieżel tas-sena mit-Tnejn sas-Sibt. Is-servizz madankollu żdied fil-Ħdud u fil-vaganzi u kien iġġustifikat għal raġunijiet ta' żvilupp soċjali u ekonomiku (b'mod partikolari minħabba li t-turiżmu huwa bażikament l-uniku sors ta' introjtu tal-gżira). Kompetitur wieħed, Vetor, kien jopera wkoll fuq l-istess linja servizz tal-passiġġieri ta' veloċità għolja matul l-aktar perjodu bieżel tas-sena;

— Fuq ir-rotta Ventotene – Formia (**il-Linja T2**), Laziomar kienet tiżgura s-sena kollha servizz ta' kuljum bl-użu ta' bastiment imħallat. Is-servizz imħallat kien l-unika konnessjoni regolari għat-trasport tal-passiġġieri, tal-vetturi u tal-merkanzija matul is-sena kollha;

— Fuq ir-rotta Ventotene – Formia (**il-Linja A3**), Laziomar kienet topera wkoll l-unika konnessjoni ta' veloċità għolja. Din kienet titlaq fis-6:45 a.m., u b'hekk kienet tippermetti lir-residenti li jivvjaġġaw lejn l-Italja kontinentali għal raġunijiet professjonali jew ta' studju, u kienet tibqa' matul il-lejl fuq il-gżira biex tiżgura l-permanenza f'każ ta' emerġenza medika.

2.3.1.2. Baġit u tul ta' żmien

(44) It-Tabella 2 turi l-kumpens annwali mħallas lil Laziomar mill-Italja għall-perjodu 2011 – 2013:

Tabella 2

Kumpens mogħti għall-perjodu 2011-2013

Sena	Kumpens imħallas (EUR)
2011	8 601 187
2012	13 780 506
2013	12 696 006

(45) Il-Konvenzjoni inizjali tipprevedi li l-kumpens annwali tal-obbligi ta' servizz pubbliku jitħallas kif ġej: f'Marzu ta' kull sena jsir pagament inizjali bil-quddiem, ekwivalenti għal 70 % tal-kumpens imħallas is-sena preċedenti. It-tieni pagament, li jsir f'Ġunju, huwa ekwivalenti għal 20 % tal-kumpens. Il-bilanċ, li jitħallas sat-30 ta' Novembru,

jikkostitwixxi fid-differenza bejn l-ammonti mħallsa u d-deficit bejn l-ispejjeż operatorji u d-dħul tas-sena attwali. Jekk jirriżulta li Laziomar tkun irċeviet somma akbar mill-ispiża netta tas-servizzi pprovduti (dħul nieqes it-telf), il-Konvenzjoni inizjali tipprevedi li Laziomar hija meħtieġa li tirrimborża d-differenza. ([21])

— Kumpens mogħti fil-perjodu 2011- 2013

(46) Id-Digriet Presidenzjali Nru 501 tal-1 ta' Ġunju 1979 (id-"Digriet Nru 501/79") jispeċifika l-elementi varji (dħul u spejjeż) li jidħlu fil-kalkolu tas-sussidju mħallas lill-operaturi tas-servizz pubbliku marittimu. Barra minn hekk, il-Liġi Nru 856 tal-5 ta' Diċembru 1986 (il-"Liġi 856/86") ipprevediet ċerti tibdiliet fis-sistema tal-obbligi ta' servizz pubbliku marittimu fl-Italja. Fir-rigward tal-konnessjonijiet ma' gżejjer maġġuri u minuri, l-Artikolu 11 tagħha emenda l-kriterji għall-kalkolu tal-kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku. Is-sussidju kellu jiġi kkalkolat fuq il-bażi tad-differenza bejn id-dħul u l-ispejjeż tas-servizz kif determinat b'referenza għal parametri medji u oġġettivi, u kellu jinkludi redditu raġonevoli fuq il-kapital investit. L-Artikolu 11 jistabbilixxi wkoll li l-kuntratti ta' servizz pubbliku kellhom jinkludu l-lista tar-rotot sussidjati, il-frekwenza u t-tipi ta' vapuri li kellhom jintużaw. Is-sussidji kellhom jiġu approvati mill-Ministri responsabbli. Il-prinċipji stabbiliti fid-Digriet Presidenzjali Nru 501/79 u fil-Liġi Nru 856/86 kienu riflessi fil-Konvenzjonijiet inizjali.

(47) Mill-2010, il-kumpens għall-operat tal-SGEI ġie ddeterminat bl-applikazzjoni ta' metodoloġija ġdida stabbilita fid-Direttiva CIPE ([22]) tad-9 ta' Novembru 2007 intitolata "*Kriterji għad-definizzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku u d-dinamika tan-noll fis-settur tal-kabotaġġ marittimu ta' interess pubbliku*" ("id-Direttiva CIPE") ([23]). Skont il-preambolu, id-Direttiva CIPE nħarġet fid-dawl tal-privatizzazzjoni tal-kumpaniji pubbliċi li joperaw servizzi marittimi b'sistema ta' servizz pubbliku ([24]). Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva CIPE ġew applikati fir-rigward tas-servizzi pprovduti mill-kumpaniji tal-Gruppo Tirrenia mill-2010 'il quddiem, anki qabel id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjonijiet u tal-Kuntratti ta' Servizz Pubbliku l-ġodda rispettivi wara l-privatizzazzjonijiet rispettivi.

(48) Il-metodu stabbilit fid-Direttiva CIPE jippermetti lill-kumpaniji li jaħdmu s-servizz pubbliku marittimu jagħmlu dħul xieraq. Ir-rata tad-dħul minn kapital tiġi ikkalkolata fuq il-bażi tal-kost medju ponderat tal-kapital (weighted average cost of capital, "WACC").

(49) Id-dħul meħtieġ fuq l-ekwità ([25]) jiġi kkalkolat permezz tal-Mudell tal-Ipprezzar tal-Assi Kapitali (Capital Asset Pricing Model, "CAPM"). Fuq il-bażi tal-mudell tal-ipprezzar tal-assi kapitali, l-ispiża tal-ekwità jiġi derivat bħala funzjoni ta' (i) ir-rata mingħajr riskju, (ii) il-Beta (stima tal-profil tar-riskju tal-kumpanija b'mod relattiv għas-suq tal-ekwità) u (iii) il-primjum tar-riskju tal-ekwità assenjat lis-suq tal-ekwità.

(50) B'mod partikolari, l-ispiża tal-ekwità tiġi kkalkolata billi jiġi applikat primjum għat-tiġrib ta' riskju żejjed meta mqabbel mar-rata ta' redditu fuq attivitajiet mingħajr riskju. Dan il-primjum jiġi kkalkolat bħala l-primjum tar-riskju tas-suq immultiplikat bil-Beta tiegħu, li jkejjel il-livell tar-riskju ta' attività speċifika relattivament għas-suq.

(51) Skont id-Direttiva CIPE, ir-rata ta' redditu fuq attivitajiet mingħajr riskju tikkorrispondi għar-rendiment gross medju fuq bonds normattivi ta' għaxar snin b'referenza għat-tnax-il xahar preċedenti li għalihom teżisti *data* disponibbli.

(52) Id-Direttiva CIPE tistabbilixxi primjum tar-riskju tas-suq ta' 4 %. Barra minn hekk, fil-każ ta' servizz li jiġi operat fuq bażi mhux esklussiva, ir-riskju preżumibbilment ogħla mġarrab mill-operatur jiġi remunerat biż-żieda ta' 2,5 % addizzjonali għall-primjum tar-riskju tas-suq.

([21]) Wara l-25 ta' Novembru 2010, permezz ta' deċiżjoni tal-Konferenza Interdipartimentali dwar it-twaqqif tas-sussidju annwali stabbilit skont l-Artikolu 11 tal-Liġi Nru 856/1986 bejn il-Ministeru għall-Infrastruttura u tat-Trasport, il-Ministeru għall-Ekonomija u tal-Finanzi, u l-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku (il-"Konferenza Interdipartimentali"), kwalunkwe ammont ta' kumpens żejjed jitnaqqas mill-avvanzi futuri tas-sussidji.

([22]) Comitato Interministeriale per la Programmazione Economica.

([23]) Gazzetta Ufficiale della Repubblica Italiana ("GURI") Nru 50 tat-28 ta' Frar 2008.

([24]) Skont l-ittra 999 tal-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 296 tas-27 ta' Diċembru 2006 u l-ittra e) tal-Artikolu 1 tad-Digriet Amministrattiv 430/1997.

([25]) Ir-rata ta' redditu mixtieqa għal investitur tal-ekwità fid-dawl tal-profil tar-riskju tal-kumpanija u l-flussi ta' flus assoċjati.

(53) Fil-prattika, madankollu, l-ammont ta' kumpens imħallas lil Laziomar ma jistax jaqbeż il-limitu massimu ta EUR 10 030 606 fis-sena kif stabbilit mil-Liġi tal-2009 (ara l-Premessa 30). Għalkemm il-Liġi tal-2009 tistabbilixxi l-limiti massimi għall-kumpens annwali li jitħallas lill-kumpaniji kollha tat-Tirrenia għall-operat tas-servizzi marittimi soġġetti għas-sistema ta' servizz pubbliku, id-Direttiva CIPE fiha wkoll ċerti salvagwardji li jippermettu lil dawk l-operaturi jkopru biżżejjed l-ispejjeż operatorji tagħhom. Fid-dawl ta' dan, kif muri fit-Tabella 2, il-kumpens imħallas fl-2012 u fl-2013 żdied biex ikopri t-totalità tal-ispiża tas-servizz pubbliku f'dawk is-snin.

(54) B'mod partikolari, skont id-Direttiva CIPE, il-kamp ta' applikazzjoni tas-servizzi, in-nollijiet massimi stabbiliti mill-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid u l-kumpens effettivament mogħti jridu jkunu ddefiniti b'tali mod li jkopru l-ispejjeż ammissibbli kollha tal-fornitur tas-servizz. Tapplika l-formula li ġejja:

$$VA(RSP) + VA(AI(X) = VA(CA)$$

fejn:

— *VA(RSP)* hija l-valur skontat tal-kumpens għall-qadi tal-obbligi ta' servizz pubbliku;

— *VA(AI(X)* hija l-valur skontat ta' dħul ieħor (rikavati min-nollijiet u oħrajn);

— *(VA(CA)* hija l-valur skontat tal-ispejjeż operatorji ammissibbli, il-ħlas lura tad-dejn u r-redditu fuq il-kapital investit.

(55) Fil-każ li l-ekwazzjoni ta' hawn fuq ma tkunx valida, il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet sussidjati jista' jitnaqqas, jew inkella tiġi rieżaminata l-organizzazzjoni tas-servizzi (pereż. it-tip ta' vapuri) jew jiġu modifikati n-nollijiet massimi li jistgħu jiġu imposti.

(56) Barra minn hekk, in-nollijiet massimi applikabbli għal kull servizz, netti mit-taxxi u mid-drittijiet tal-port, jiġi aġġustat kull sena fuq il-bażi ta' formula għall-kalkolu tal-prezzijiet massimi kif ġej:

$$\Delta T = \Delta P - X$$

fejn:

— ΔT hija t-tibdil perċentwali annwali fin-nollijiet massimi;

— ΔP hija r-rata tal-inflazzjoni għas-sena ta' referenza;

— X hija rata annwali reali ta' aġġustament tan-nollijiet massimi, stabbilita fil-kuntratt ta' servizz pubbliku, li tibqa' kostanti għal kemm idum il-kuntratt.

(57) Id-Direttiva CIPE tispeċifika wkoll li n-nollijiet massimi jistgħu jiġu aġġustati sabiex jirriflettu t-tibdil fl-ispejjeż tal-fuel, bl-użu tal-prezzijiet standard pubblikament disponibbli bħala referenza.

2.3.2. *Il-privatizzazzjoni ta' Laziomar*

(58) Fit-13 ta' Frar 2013, ir-Reġjun tal-Lazio ppubblika fuq is-sit web tiegħu s-sejħa għall-offerti għall-bejgħ ta' Laziomar u l-għoti ta' kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku għall-qadi tal-obbligi ta' servizz pubbliku fir-rotot marittimi identifikati fil-Premessa 43 ([26]). Dan l-avviż ġie ppubblikat ukoll f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([27]), fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika Taljana ([28]) u f'erba' gazzetti nazzjonali u lokali Taljani ta' kuljum.

(59) L-Italja għażlet il-proċedura ta' offerti ristretta msemmija fl-Artikolu 55(6) tal-Kodiċi tal-Kuntratti Pubbliċi – id-Digriet Leġiżlattiv Nru 163/2006 (*il Codice dei Contratti pubblici*). Il-kriterju tal-għoti magħżul kien dak tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża.

(60) Sabiex tiġi mħeġġa l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa possibbli fil-proċedura, is-sejħa għall-offerti ppermettiet espressament lill-offerenti jieħdu sehem f'forma konġunta permezz ta' gruppi temporanji ta' offerenti, konsorzji jew Gruppi Ewropej b'Interess Ekonomiku (European Economic Interest Groupings, "GEIE").

([26]) www.regione.lazio.it
([27]) ĠU Nru S/149, 4 ta' Awwissu 2012.
([28]) GURI, Nru 91, 6 ta' Awwissu 2012.

2.3.2.1. Il-proċedura ta' bejgħ u l-għoti finali

(61) Wara l-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-offerti, mal-iskadenza tad-data tal-għeluq, tmien partijiet esprimew interess li jipparteċipaw fil-proċedura tal-offerti (jiġifieri: Navigazione Libera del Golfo S.r.l., Carpoint Motorsport S.p.A., Blu Navy Cruise & Tour S.r.l., Traghetti Lines, CLN, Navigazione Generale Italiana S.p.A., Vetor S.r.l. u Ustica Lines, din tal-aħħar issa qed topera taħt l-isem Liberty Lines) u pprovdew l-informazzjoni mitluba għall-għażla kwalitattiva tal-ewwel stadju tal-proċedura. Sebgħa minn dawn il-parteċipanti, bl-esklużjoni ta' Blu Navy Cruise & Tour S.r.l., ġew ammessi għall-istadju sussegwenti u ġew mistiedna jippreżentaw offerta fis-16 ta' Mejju 2013.

(62) L-istedina għall-preżentazzjoni ta' offerta kien fiha l-abbozz ta' kuntratt il-ġdid ta' 10 snin li kellu jiġi ffirmat bejn l-offerent rebbieħ u r-Reġjun tal-Lazio u informazzjoni aktar dettaljata dwar il-proċedura tal-offerti. B'mod partikolari, l-ittra ta' stedina kkonfermat li għall-kuntratt ta' servizz kienet se tintgħażel l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża bil-prezz ikollu 30 punt u l-kwalifiki tekniċi 70 punt. Fir-rigward tal-prezz għall-bejgħ ta' Laziomar, l-ittra ta' stedina semmiet ammont fiss li jikkorrispondi għal EUR 2 272 000, ikkalkulat fuq il-bażi ta' studju indipendenti, li kien ivvaluta l-valur totali tal-assi ta' Laziomar (ara l-Premessi 66) u (67). Dan il-prezz ma kienx negozjabbli u għalhekk ma kienx soġġett għall-offerta finanzjarja tal-offerenti.

(63) Għal din ir-raġuni, l-offerenti potenzjali kollha ntalbu jinkludu l-ammont fiss ta' hawn fuq għall-bejgħ ta' Laziomar fl-offerta finanzjarja tagħhom, filwaqt li r-Reġjun tal-Lazio jagħżel l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża għall-offerta kollha kemm hi fuq il-bażi tal-prezz u kriterji oħra, prinċipalment tekniċi, li jikkonċernaw is-servizz, kif stabbilit fl-ittra ta' stedina (ara l-Premessa 62).

(64) Mal-iskadenza tad-data tal-għeluq, CLN ippreżentat l-offerta tagħha, li l-ispeċifikazzjonijiet tagħha ġew eżaminati u l-eżitu kien pożittiv. Ma ġiet ippreżentata l-ebda offerta oħra.

(65) L-offerta għalhekk ingħatat lil CLN kemm fir-rigward tal-privatizzazzjoni tal-attività kummerċjali ta' Laziomar kif ukoll tal-operat tas-servizzi marittimi (ara t-Taqsima 2.3.3).

2.3.2.2. Il-kuntratt ta' bejgħ

(66) Il-kuntratt ta' bejgħ ġie konkluż fit-30 ta' Diċembru 2013 u jiddefinixxi t-trasferiment tal-ishma ta' Laziomar lil CLN għall-prezz fiss ta' EUR 2 272 000, fuq il-bażi ta' evalwazzjoni esperta indipendenti kkummissjonata mir-Reġjun tal-Lazio.

(67) L-ammont jirrifletti prinċipalment il-valur tal-assi tanġibbli fissi (li jikkonsistu f'erba' vapuri u tagħmir industrijali u kummerċjali) u l-valur tal-biljetti għall-gżira ta' Ventotene, kif deher fil-karta bilanċjali tal-kumpanija fl-1 ta' Ġunju 2011.

(68) F'konformità mal-Artikolu 4 tal-kuntratt ta' bejgħ, CLN hija obbligata tinnotifika lir-Reġjun tal-Lazio bi kwalunkwe bejgħ futur tal-ishma ta' Laziomar lil terzi persuni, f'liema każ madankollu CLN tibqa' responsabbli b'mod konġunt mal-akkwirent il-ġdid ta' Laziomar, fir-rigward tal-obbligi tal-kuntratt ta' servizz.

2.3.2.3. Proċedimenti fuq livell nazzjonali

(69) Ir-riżultat tal-proċedura tal-offerti li tat l-attività kummerċjali ta' Laziomar u l-kuntratt pubbliku ta' servizz lil CLN kien is-suġġett ta' tilwima fil-Qorti Amministrattiva Reġjonali tal-Lazio (tribunale amministrattivo regionale, "TAR").

(70) Vetor S.r.l. ("Vetor"), li topera wkoll ir-rotta Anzio-Ponza bl-aliskafi (il-Linja A1) ressqet rikors għal eżenzjoni interim kontra l-leġittimità tal-proċedura tal-offerti quddiem it-TAR, li ġiet miċħuda bl-Ordni Nru 2995/2013. L-istess qorti ddeċidiet ukoll dwar il-merti u ċaħdet l-ilment ta' Vetor permezz tas-Sentenza Nru 467/2014. Il-Kunsill tal-Istat ikkonferma d-deċiżjonijiet ta' hawn fuq fl-appell bis-Sentenza Nru 5421/2018.

2.3.3. *Il-kuntratt ta' servizz il-ġdid bejn ir-Reġjun tal-Lazio u Laziomar*

2.3.3.1. Il-benefiċjarju

(71) Kif issemma fil-Premessa 64, CLN ippreżentat offerta għall-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid. Wara l-offerta rebbieħa, Laziomar (akkwistata minn CLN iżda żammet l-identità ġuridika separata tagħha) iffirmat il-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid mar-Reġjun tal-Lazio għall-operat tar-rotot marittimi fil-15 ta' Jannar 2014.

2.3.3.2. Ir-rotot

(72) Laziomar tipprovdi servizzi tal-passiġġieri, imħallta (passiġġieri, vetturi u merkanzija) u ta' merkanzija biss (merkanzija u oġġetti speċjali) bis-sistema ta' servizz pubbliku fuq diversi rotot ta' kabotaġġ kif ġej:

Tabella 3

Network ta' rotot operati minn Laziomar taħt il-kuntratt ta' servizz il-ġdid

Formia – Ponza (mezz ta' trasport tul korp tal-ilma - servizz imħallat) – **il-Linja T1**
Formia – Ventotene (mezz ta' trasport tul korp tal-ilma - servizz imħallat) - **il-Linja T2**
Terracina – Ponza (mezz ta' trasport tul korp tal-ilma – servizzi mħallta u tal-merkanzija ([1])) - **il-Linja T3**
Terracina – Ventotene (mezz ta' trasport tul korp tal-ilma – servizz tal-merkanzija)- **il-Linja T4**
Anzio – Ponza (aliskaf – servizz tal-passiġġieri) - **il-Linja A1**
Formia – Ponza (aliskaf – servizz tal-passiġġieri) - **il-Linja A2**
Formia – Ventotene (aliskaf – servizz tal-passiġġieri) - **il-Linja A3**
([1]) Xi vjaġġi fuq din il-linja huma merkanzija biss (ara t-Tabella 9).

2.3.3.3. Tul ta' żmien

(73) Il-kuntratt ta' servizz il-ġdid bejn ir-Reġjun tal-Lazio u Laziomar għandu jdum 10 snin (2014-2024).

2.3.3.4. L-obbligi ta' servizz pubbliku

(74) L-obbligi ta' servizz pubbliku imposti fuq Laziomar jikkonċernaw fost l-oħrajn il-portijiet moqdija, it-tip u l-kapaċità tal-vapuri assenjati għar-rotot marittimi operati, il-frekwenza tas-servizz u n-nollijiet massimi.

2.3.3.5. Id-dispożizzjonijiet dwar il-kumpens u l-għoti finali

(75) Ir-remunerazzjoni bażi annwali fuq il-bażi tal-proċedura tal-offerti għall-kumpens skont il-kuntratt il-ġdid għat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku fuq ir-rotot marittimi identifikati fil-Premessa 43 ġiet stabbilita mir-Reġjun tal-Lazio li hi EUR 14 300 550, soġġetta għal reviżjoni 'l isfel. L-ammont finalment ġie stabbilit għal EUR 12 752 074 (li jammonta għal EUR 127 520 740 matul il-perjodu tal-kuntratt ta' 10 snin).

(76) Skont l-Artikolu 6 tal-kuntratt, ir-Reġjun tal-Lazio jista' jaġġusta l-kumpens, 'il fuq jew 'l isfel, sabiex jitqiesu l-bidliet li jikkonċernaw il-vjaġġi reali li jsiru kull sena. Il-livell ta' kumpens ma jiġix affettwat jekk l-għadd ta' vjaġġi li jsiru kull sena jkun ogħla jew anqas mill-għadd miftiehem kuntrattwalment bi 3 % jew anqas. F'każ ta' bidliet, 'il fuq jew 'l isfel, b'aktar minn 3 %, il-kumpens jiġi aġġustat skont dan, billi l-għadd ta' vjaġġi żejda jew anqas jiġi mmultiplikat bil-prezz tal-unità, kif indikat fl-offerta. Fl-2017, il-kuntratt ta' servizz ġie emendat biex il-livell ta' kumpens jiġi aġġustat għall-ammont ta' EUR 13 524 536.

(77) Dan l-ammont ta' kumpens huwa ddeterminat fuq il-bażi tal-metodoloġija stabbilita mid-Direttiva CIPE (ara l-Premessi minn 47 sa 57. Is-salvagwardji stabbiliti mid-Direttiva CIPE ġew riflessi fil-kuntratt ta' servizz il-ġdid.

(78) Il-kuntratt ta' servizz jipprevedi kumpens li ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ sabiex jiġu koperti l-ispejjeż netti mġarrba għat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku (bilanċ ekonomiku-finanzjarju). F'każ ta' devjazzjonijiet minn dan l-ekwilibriju kuntrattwali, fl-Artikolu 25 il-kuntratt ta' servizz jipprevedi mekkaniżmu ta' riekwilibriju li jevalwa l-parametri kollha marbuta mal-ħlas tal-kumpens. Għalhekk, jekk b'riżultat ta' bidla materjali ([29]) fil-parametri ekonomiċi li fuqhom ikun ibbażat, l-ammont ta' kumpens ma jkunx biżżejjed biex ikopri l-ispejjeż kollha mġarrba fil-forniment tas-servizz, il-kuntratt ta' servizz il-ġdid jippermetti reviżjoni tal-parametri ewlenin tal-kumpens, jiġifieri: (i) is-sistema tan-nollijiet; (ii) il-livell tas-servizzi pubbliċi offruti; (iii) il-livell tal-prezzijiet massimi annwali; u (iv) il-kontribuzzjonijiet kapitali għall-investimenti.

(79) Skont l-Artikolu 4 (il-paragrafi minn 4 sa 6) tal-kuntratt ta' servizz, il-kumpens imħallas lill-operatur għandu jitnaqqas bi 80 % fil-każ ta' interruzzjoni tas-servizzi minħabba strajks tal-impjegati u bi 30 % fil-każ ta' avvenimenti oħra mhux previsti, filwaqt li n-nuqqas ta' twettiq tas-servizzi f'ċirkostanzi għajr strajks jew avvenimenti mhux previsti jirriżulta fil-pagament ta' penali, skont l-Artikolu 9 tal-kuntratt ta' servizz.

(80) Skont l-Artikolu 22 tal-kuntratt ta' servizz, l-operatur huwa meħtieġ jimplimenta sistema ta' monitoraġġ tekniku, ekonomiku u ta' ġestjoni, li fuq il-bażi tagħha jintbagħtu r-rapporti annwali tal-introjtu relatati mas-servizz ipprovdut fuq il-bażi tal-kuntratt ta' servizz lill-awtorità reġjonali għall-verifika.

(81) Skont l-Artikolu 4(2) tal-kuntratt ta' servizz, il-kumpens annwali li kellu jitħallas lil Laziomar kien stmat li jammonta EUR 12 752 074. Madankollu, skont l-Artikolu 4(3) tal-kuntratt ta' servizz, il-prezz reali mħallas lil Laziomar jiġi ddeterminat bħala r-riżultat tal-produzzjoni realment imwettqa (jiġifieri l-prezz għal kull mil għal kull rotta), b'kont meħud tar-riskji involuti (kummerċjali u industrijali) kif stabbilit fil-kuntratt (pereż. tnaqqis fil-kumpens fil-każ li l-kumpanija ma tagħmilx vjaġġi, penali f'każ li s-servizzi jiġu skonnettjati, eċċ.).

(82) It-Tabella 4 turi l-kumpens stabbilit fuq il-bażi tal-proċedura tal-offerti matul il-perjodu kollu tal-kuntratt u l-kumpens effettivament imħallas lil Laziomar għall-perjodu 2014-2019, wara emendi li jikkonċernaw il-produzzjoni tat-tbaħħir, skont l-Artikolu 6 tal-kuntratt ta' servizz.

Tabella 4

Kumpens stabbilit u mħallas lil Laziomar skont il-kuntratt ta' servizz il-ġdid (EUR) 2014-2019

Sena	Kumpens stabbilit (EUR)	Kumpens imħallas (EUR)
2014	12 752 074	13 374 589
2015	12 752 074	13 376 167
2016	12 752 074	13 330 304
2017	12 752 074	13 370 070
2018	12 752 074	13 356 282
2019	12 752 074	13 366 510

([29]) L-Artikolu 25(2) jiddikjara li: "Devjazzjoni pożittiva jew negattiva fil-bilanċ ekonomiku u finanzjarju tista' tiġi kkawżata minn:
(a) ineffiċjenzi fil-ġestjoni;
(b) komunikazzjoni skorretta minn Laziomar tas-servizzi realment ipprovduti biex jiġi determinat il-prezz annwali;
(c) kundizzjonijiet tas-suq eċċezzjonalment sfavorevoli lil hinn mill-kontroll ta' Laziomar, li jirriżultaw f'deterjorament fil-kundizzjonijiet operattivi u b'hekk spejjeż operatorji oħla jew dħul aktar baxx min-nollijiet, li jwasslu għal tnaqqis fir-riżultat operattiv ta' aktar minn 10 %.
(d) imposti finanzjarji;
(e) emendi għad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolatorji li jistabbilixxu kundizzjonijiet ġodda għat-twettiq tas-servizz previst fil-kuntratt;
(f) investiment ġdid meħtieġ mir-Reġjun li għandu jitwettaq b'riżorsi pubbliċi previsti fl-Artikolu 19;
(g) bidla fis-sistema tan-nollijiet imsemmija fl-Artikolu 3;
(h) kundizzjonijiet tas-suq eċċezzjonalment favorevoli li jwasslu għal żieda fir-riżultat operattiv ta' aktar minn 10 %;
(i) żidiet fil-kost unitarju tal-persunal bħala riżultat tal-obbligi skont is-CCNL [Ftehim Kollettiv Nazzjonali dwar ix-Xogħol] u negozjar addizzjonali tal-kumpaniji;
(j) il-politika kummerċjali applikata minn Laziomar sal-livelli massimi stabbiliti fl-Anness G ta' dan il-kuntratt". (Traduzzjoni mhux uffiċjali tal-Kummissjoni).

2.3.4. *Il-prijorità tal-irmiġġ*

(83) Il-paragrafu 21 tal-Artikolu 19-*ter* tal-Liġi tal-2009 stabbilixxa li, sabiex tiġi ggarantita l-kontinwità territorjali mal-gżejjer u fid-dawl tal-obbligi ta' servizz pubbliku tagħhom, il-kumpaniji ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia, inkluża Laziomar, iżommu l-irmiġġ li diġà ġie allokat u l-prijorità fl-allokazzjoni ta' slots ġodda f'konformità mal-proċeduri stabbiliti mill-Awtoritajiet Marittimi kif stabbiliti bil-Liġi Nru 84 tat-28 ta' Jannar 1994 u mill-Kodiċi Marittimu Taljan.

2.3.5. *Il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010*

(84) Il-Liġi tal-2010 stabbiliet il-possibbiltà li l-impriżi ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia jużaw, fuq bażi temporanja, ir-riżorsi finanzjarji diġà impenjati ([30]) għat-titjib u għall-modernizzazzjoni tal-flotta biex minflok ikopru l-ħtiġijiet urġenti ta' likwidità. Madankollu, l-impriżi ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia li jagħmlu użu minn din il-possibbiltà kienu meħtieġa jerġgħu jimlew dawn il-fondi ddedikati, sabiex xorta jkunu jistgħu jagħmlu t-titjib neċessarju għall-vapuri tagħhom. Dan it-titjib kien meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati standards internazzjonali ġodda tas-sikurezza wara l-Ftehim ta' Stokkolma tal-1996 ([31]).

(85) B'mod partikolari, minn żewġ faċilitajiet, ([32]) twarrbu EUR 23 750 000 biex jitħallas it-titjib tal-Gruppo Tirrenia kollu kemm hu. Madankollu, Laziomar ma għamlet l-ebda użu minn dawn il-faċilitajiet (ara l-Premessa 132).

(86) Barra minn hekk, l-Artikolu 1 tal-Liġi tal-2010 stabbilixxa wkoll dan li ġej:

(a) L-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali mill-1 ta' Ottubru 2010 sakemm jintemm il-proċess ta' privatizzazzjoni ta' Tirrenia u ta' Siremar (ara wkoll il-Premessa 31);

(b) L-Artikolu 19-*ter* tad-Digriet Amministrattiv 135/2009, ikkonvertit b'modifiki fil-Liġi tal-2009, huwa emendat bl-introduzzjoni tal-paragrafu 24 bis. Skont dak il-paragrafu, l-atti u l-operazzjonijiet uffiċjali kollha fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1-15 tal-Liġi tal-2009 jibbenefikaw minn eżenzjoni fiskali. Dawn il-paragrafi jirrigwardaw il-liberalizzazzjoni tas-settur tal-kabotaġġ marittimu permezz tal-privatizzazzjoni tal-Gruppo Tirrenia, inkluż l-istadju preparatorju tagħha, jiġifieri t-trasferiment tal-kumpaniji reġjonali lir-reġjuni rispettivi;

(c) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz pubbliku u biex jiġi appoġġat il-proċess ta' privatizzazzjoni tal-kumpaniji ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia, ir-reġjuni inkwistjoni jistgħu jużaw ir-riżorsi tal-*Fondo Aree Sottoutilizzate* ("FAS") ([33]) skont id-Direttiva CIPE Nru 1/2009 tas-6 ta' Marzu 2009 ([34]).

2.4. **Proċedura ta' ksur Nru 2007/4609**

(87) Wara l-iskambji preċedenti bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u tal-Italja, fid-19 ta' Diċembru 2008 id-Direttur Ġenerali tal-Kummissjoni responsabbli għall-enerġija u għat-trasport bagħat talba għall-informazzjoni lill-Italja. Din it-talba kienet tittratta fost affarijiet oħra, ħarsa ġenerali tar-rotot ta' servizz pubbliku ta' dak iż-żmien u l-mandat ta' servizz pubbliku li l-Italja kienet ipprevediet taħt il-Konvenzjonijiet il-ġodda proposti. Barra minn hekk, l-Italja ntalbet tipprovdi aktar dettalji dwar il-pjanijiet ta' privatizzazzjoni għall-Gruppo Tirrenia.

(88) Fl-ittra tagħha tat-28 ta' April 2009, l-Italja tat tweġiba dettaljata għat-talba tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008. F'dik l-ittra, fost affarijiet oħra, l-Italja ddikjarat dan li ġej:

(1) l-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali sal-31 ta' Diċembru 2009 kienet meħtieġa sabiex tinkiseb il-liberalizzazzjoni tas-settur tal-kabotaġġ marittimu fl-Italja permezz tal-privatizzazzjoni tal-Gruppo Tirrenia;

([30]) Kif stabbilit fl-Artikolu 19, il-paragrafu 13a tad-Digriet Amministrattiv 78/2009, ikkonvertit fil-Liġi 102/2009 ("il-Liġi 102/2009"), u fil-paragrafu 19 tal-Artikolu 19-*ter* tal-Liġi tal-2009.

([31]) Dawn l-istandards tas-sikurezza mbagħad ġew iddettaljati fid-Direttiva tal-Kunsill 98/18/KE tas-17 ta' Marzu 1998, trasposta permezz tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 45 tal-4 ta' Frar 2000, tad-Direttiva 2003/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' April 2003, trasposta permezz tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 52 tat-8 ta' Marzu 2005 u tad-Direttiva 2003/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, trasposta permezz tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 65 tal-14 ta' Marzu 2005.

([32]) Il-fondi kollha (jiġifieri EUR 7 000 000) previsti skont il-paragrafu 19 tal-Artikolu 19-*ter* tal-Liġi tal-2009 u EUR 16 750 000 mill-fondi previsti mil-Liġi 102/2009.

([33]) Il-Fond għal Żoni Sottoutilizzati (*Fondo Aree Sottoutilizzate*) huwa fond nazzjonali li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika Reġjonali Taljana. Ir-riżorsi tiegħu jiġu allokati fil-biċċa l-kbira tagħhom għal reġjuni identifikati bħala tali mill-awtoritajiet Taljani.

([34]) *Gazzetta Ufficiale della Repubblica Italiana*, Nru 137 tas-16 ta' Ġunju 2009.

(2) il-kumpens għal servizz pubbliku mogħti lill-Gruppo Tirrenia kien neċessarju sabiex tiġi żgurata l-kontinwità territorjali mal-gżejjer permezz ta' konnessjonijiet marittimi li ma kinux qegħdin jiġu pprovduti b'mod sodisfaċenti mill-operaturi privati fis-suq;

(3) proċess ta' razzjonalizzazzjoni dettaljat tar-rotot kien ġie konkluż fl-10 ta' Marzu 2009. Dan il-proċess qies l-aspetti soċjali, ekonomiċi u okkupazzjonali rilevanti, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu salvagwardjati l-konnessjonijiet essenzjali għall-kontinwità territorjali u kien jinkludi konsultazzjoni mas-sitt Reġjuni kkonċernati. Din ir-razzjonalizzazzjoni kienet se twassal għal tnaqqis ta' madwar EUR 66 miljun fl-ispiża netta tas-servizz pubbliku u fl-għoti tas-sensja lil madwar 600 membru tal-ekwipaġġ tal-Gruppo Tirrenia kollu. L-Italja fakkret ukoll li r-razzjonalizzazzjoni tal-2009 ikkomplementat sforzi preċedenti (fl-2004, fl-2006 u fl-2008) sabiex jitnaqqsu s-servizzi operati mill-Gruppo Tirrenia;

(4) l-objettivi kienu li (i) jinżammu l-konnessjonijiet meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-kontinwità territorjali ma' u bejn il-gżejjer u l-Italja kontinentali, u d-dritt għas-saħħa, għall-istudju u għall-mobilità, (ii) jiġu razzjonalizzati l-konnessjonijiet fejn kien hemm operaturi privati li kienu jipprovdu l-istess konnessjonijiet matul l-istess perjodu ta' żmien, b'garanziji simili ta' kwalità u ta' kontinwità, u (iii) jiġu razzjonalizzati l-konnessjonijiet tas-sajf u l-konnessjonijiet veloċi li jittrasportaw persuni biss;

(5) fl-ittra, l-Italja tat ħarsa ġenerali tar-rotot operati mill-kumpaniji tal-Gruppo Tirrenia matul l-2008 u l-għadd imnaqqas ta' rotot li l-kumpaniji tal-Gruppo Tirrenia kienu se joperaw fl-2009. Skont l-Italja, dawn ir-rotot tal-aħħar kienu se jkunu l-bażi għall-Konvenzjonijiet il-ġodda li kellhom jiġu konklużi mas-sidien il-ġodda tal-kumpaniji tal-Gruppo Tirrenia.

(89) Fil-21 ta' Diċembru 2009, id-Direttur Ġenerali tal-Kummissjoni responsabbli għall-enerġija u t-trasport bagħat ittra lill-Italja fejn fost l-oħrajn innota li fid-dawl tar-rivoluzzjoni radikali fis-settur tal-kabotaġġ marittimu fl-Italja, u minħabba l-impatt soċjali konsiderevoli li kienet tkun tinvolvi l-privatizzazzjoni, kieku l-offerti kellhom jitwettqu fuq bażi sempliċi ta' kuntratt pubbliku ta' servizz, l-għoti b'sejħiet għall-offerti għall-kumpaniji tat-tbaħħir li kellhom dawn il-kuntratti kien aċċettabbli - fil-prinċipju u bħala eċċezzjoni - għall-iskop li tiġi żgurata l-konformità mal-kriterju ta' nondiskriminazzjoni fost is-sidien tal-vapuri tal-Komunità stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 ([35]) ("ir-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu"). Il-Kummissjoni tinnota li r-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu ma jirrikjedix li l-Istati Membri jipprivatizzaw il-kumpaniji tat-trasport marittimu tagħhom iżda biss li jilliberalizzaw dak is-suq speċifiku.

(90) Fid-29 ta' Jannar 2010 ([36]), il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' avviż formali dwar l-implimentazzjoni ħażina tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu. F'dik l-ittra, il-Kummissjoni fakkret li dak ir-Regolament jirrikjedi li, kull meta Stat Membru jikkonkludi kuntratti ta' servizz pubbliku jew jimponi obbligi ta' servizz pubbliku, huwa għandu jagħmel dan fuq bażi mhux diskriminatorja fir-rigward tas-sidien kollha tal-vapuri tal-Unjoni. L-Artikolu 4(3) ta' dak ir-Regolament jipprevedi li kuntratti eżistenti ta' servizz pubbliku jistgħu jibqgħu fis-seħħ sad-data ta' meta jiskadi l-kuntratt rilevanti. Madankollu, il-Kummissjoni nnotat li l-kumpaniji tal-Gruppo Tirrenia komplew joperaw servizzi tat-trasport marittimu wara l-iskadenza tal-kuntratti ta' servizz pubbliku rispettivi (il-Konvenzjonijiet inizjali). B'mod partikolari, dawk il-Konvenzjonijiet kellhom jiskadu fl-aħħar tal-2008, iżda ġew estiżi ripetutament mill-Italja. Għalhekk, il-Kummissjoni stiednet lill-Italja sabiex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha.

(91) Ukoll fid-29 ta' Jannar 2010, id-Direttur Ġenerali tal-Kummissjoni responsabbli għall-enerġija u għat-trasport wieġeb għall-ittra tal-Italja tat-22 ta' Jannar 2010. Id-Direttur Ġenerali enfasizza li t-tweġiba tiegħu kienet tikkonċerna biss il-konformità mar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu u mhux kwistjonijiet ta' għajnuna mill-Istat. F'dan l-isfond, id-Direttur Ġenerali indika li l-ġustifikazzjonijiet ipprovduti dwar ċerti rotot kienu biżżejjed sabiex ineħħu d-dubji espressi qabel. Id-Direttur Ġenerali fakkar li l-kuntratti ta' servizz pubbliku jistgħu jkopru biss rotot li għalihom hemm falliment tas-suq.

(92) Fid-29 ta' Marzu 2010, l-Italja wieġbet għall-ittra ta' avviż formali tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar 2010.

(93) Fl-10 ta' Settembru 2010, waqt laqgħa *ad hoc*, l-Italja infurmat lill-Kummissjoni li l-proċedura kompetittiva għall-kuntratt li kien jinvolvi fost l-oħrajn ir-rotot tal-arċipelagu ta' Pontino operati minn Caremar dak iż-żmien ġiet ittardjata wkoll. Sussegwentement, il-Liġi Nru 163 tal-1 ta' Ottubru 2010 estendiet ulterjorment il-Konvenzjonijiet inizjali sakemm jitlestew il-proċessi ta' privatizzazzjoni ta' Tirrenia u ta' Siremar (ara wkoll il-Premessa 31).

([35]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu) (ĠU L 364, 12.12.1992, p. 7).

([36]) L-ittra ta' avviż formali ġiet adottata fit-28 ta' Jannar 2010 iżda kien biss l-għada li din ġiet innotifikata lill-Italja.

(94) Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi, fl-24 ta' Novembru 2010 il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' avviż formali komplementari. F'din l-ittra, il-Kummissjoni ddikjarat dan li ġej:

(a) il-Konvenzjoni inizjali ta'Caremar, fost oħrajn, ġiet estiża awtomatikament u mingħajr ebda proċedura kompetittiva;

(b) filwaqt li l-kuntratti ta' servizz pubbliku inkwistjoni komplew jiġu applikati, ma kienet tlestiet l-ebda proċedura kompetittiva, għal Caremar fost oħrajn;

(c) irriżervat id-dritt tagħha li tippubblika opinjoni motivata jekk ikun meħtieġ (filwaqt li tqis kwalunkwe kumment li setgħet tagħmel l-Italja).

(95) Fil-21 ta' Ġunju 2012, il-Kummissjoni adottat opinjoni motivata dwar id-dewmien tal-privatizzazzjoni ta' tliet kumpaniji (Caremar, Laziomar u Saremar) ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia. Billi l-proċeduri tal-offerti għat-tliet kumpaniji l-oħra (Tirrenia, Toremar u Siremar) kienu tlestew matul l-2011 ([37]), dawk il-kumpaniji ma kinux koperti mill-opinjoni motivata. Il-Kummissjoni nnotat li l-Italja ma kinitx stabbiliet proċeduri kompetittivi għall-għoti ta' kuntratt ta' servizz pubbliku għall-kabotaġġ marittimu operat minn fost l-oħrajn Laziomar, aktar minn tliet snin wara l-iskadenza normali tal-Konvenzjonijiet inizjali rispettivi. Dawk il-Konvenzjonijiet kienu ġew estiżi awtomatikament u b'mod indefinit u b'hekk kienu qed jimpedixxu lil sidien ta' vapuri oħra tal-Unjoni milli jikkompetu għall-għoti ta' dawn il-kuntratti.

(96) Fit-8 ta' Awwissu 2012, l-Italja wieġbet għall-opinjoni motivata fejn sostniet li l-avviżi ta' offerti għall-għoti tal-kumpaniji mogħnija b'kuntratti ta' servizz pubbiku ġodda kienu ppubblikati jew kienu se jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. B'mod partikolari, għal Laziomar l-avviż intbagħat għall-pubblikazzjoni fl-1 ta' Awwissu 2012.

(97) Fl-14 ta' Jannar 2014, CLN saret is-sid il-ġdid ta' Laziomar u ffirmat kuntratt ta' servizz pubbliku ta' 10 snin għal konnessjonijiet mal-arċipelagu ta' Pontino.

(98) Permezz ta' ittra tal-15 ta' Lulju 2016, l-Italja informat lill-Kummissjoni li l-privatizzazzjoni tal-kumpaniji kollha ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia kienet tlestiet. Fit-8 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħlaq il-proċedura ta' ksur.

3. **RAĠUNIJIET GĦALL-BIDU U GĦALL-ESTENSJONI TAL-PROĊEDURA**

3.1. **L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn Laziomar u l-Italja** ([38])

3.1.1. *Osservanza tas-sentenza Altmark u eżistenza ta' għajnuna*

(99) Fid-Deċiżjoni tagħha tal-2011, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li d-definizzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku inklużi fil-Konvenzjonijiet inizjali mal-kumpaniji kollha ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia ma kinitx ċara b'mod suffiċjenti u għalhekk il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi b'mod definittiv jekk kienx fiha żball evidenti. B'mod partikolari, f'dak l-istadju l-Kummissjoni ma kellhiex stampa sħiħa tal-obbligi effettivament imposti għall-operat tar-rotot fost l-oħrajn fl-arċipelagu ta' Pontino meta mqabbel mas-servizzi offruti mill-kompetituri fuq uħud minn dawk ir-rotot.

(100) Il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li t-tieni kundizzjoni tas-sentenza *Altmark* ([39]) kienet osservata minħabba li l-parametri li fuqhom ġie bbażat il-kalkolu tal-kumpens kienu ġew stabbiliti bil-quddiem u r-rekwiżiti ta' trasparenza kienu ġew osservati. B'mod partikolari, il-Kummissjoni nnotat li dawn il-parametri huma deskritti fil-Konvenzjonijiet inizjali (għall-kumpens li jikkonċerna s-sena 2009) u fid-Direttiva CIPE (għall-kumpens mill-2010 'il quddiem).

([37]) Anki jekk it-trasferiment formali tas-sjieda ta' Tirrenia, ta' Toremar u ta' Siremar ma seħħx qabel l-2012.

([38]) Id-Deċiżjoni tal-2011 fiha raġunijiet għall-ftuħ tal-proċedura fir-rigward, fost l-oħrajn, tal-għajnuna mħallsa lis-sitt kumpaniji ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia fuq il-bażi tal-Konvenzjonijiet inizjali. Fiż-żmien tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-2011 (fil-5 ta' Ottubru 2011), is-servizzi marittimi fuq ir-rotot tal-arċipelagu ta' Pontino kienu għadhom kif ġew trasferiti minn Caremar lil Laziomar (fl-1 ta' Ġunju 2011). Għalkemm id-Deċiżjoni tal-2011 ma tagħmilx referenza espliċita għal Laziomar, il-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni tal-Konvenzjoni inizjali li tkopri r-rotot imsemmija, tapplika bl-istess mod għal Laziomar, bħala l-operatur il-ġdid ta' dawk ir-rotot.

([39]) Ara s-Sentenza tal-24 ta' Lulju 2003 fil-Kawża C-280/00 *Altmark Trans*, ECLI:EU:C:2003:415.

(101) Madankollu, il-Kummissjoni qieset li t-tielet kundizzjoni tas-sentenza *Altmark* ma kinitx tidher li ġiet osservata u li l-operaturi setgħu ġew ikkumpensati żżejjed għat-twettiq tal-kompiti ta' servizz pubbliku. B'mod partikolari, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-proporzjonalità tal-kumpens imħallas lill-kumpaniji ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia mill-2009, minħabba n-nuqqas ta' definizzjoni ċara tal-obbligi imposti fuq dawk il-kumpaniji. Bl-istess mod, il-Kummissjoni kellha dubji jekk il-primjum tar-riskju ta' 6,5 %, li japplika mill-2010 'il quddiem, jirriflettix livell xieraq ta' riskju billi *prima facie* l-operaturi ma kinux jidhru li jassumu r-riskji li normalment jiġġarrbu fl-operat ta' dawn is-servizzi.

(102) Il-Kummissjoni kienet ukoll tal-fehma preliminari li r-raba' kundizzjoni tas-sentenza *Altmark* ma ġietx osservata billi l-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali ma kinitx soġġetta għal sejħa għall-offerti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li ma kienet irċeviet l-ebda evidenza biex issostni l-argument li l-operaturi pprovdew is-servizzi inkwistjoni bl-anqas spiża għall-komunità.

(103) Għalhekk, fid-Deċiżjoni tal-2011, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li l-kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku mħallas lill-operaturi matul l-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali jikkostitwixxi f'għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li jenħtieġ li din l-għajnuna titqies bħala għajnuna ġdida.

3.1.2. *Kompatibbiltà*

(104) Fid-Deċiżjoni tal-2011, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-kumpens għal servizz pubbliku għas-snin bejn l-2009 u l-2011 ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni SGEI tal-2005 ([40]) u lanqas tal-Qafas SGEI tal-2005 ([41]). Għalhekk, il-Kummissjoni vvalutat din il-miżura direttament skont l-Artikolu 106(2) TFUE u sabet li kellha dubji dwar jekk kinux issodisfati l-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà applikabbli.

(105) Fid-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni nnotat li fil-31 ta' Jannar 2012, kien daħal fis-seħħ pakkett SGEI ġdid li jikkonsisti fid-Deċiżjoni SGEI tal-2011 ([42]) u l-Qafas SGEI tal-2011 ([43]). Madankollu, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku bl-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali ma setax jitqies bħala kompatibbli mas-suq intern u eżentat mir-rekwiżit ta' notifika skont id-Deċiżjoni SGEI tal-2011.

(106) Il-Liġi tal-2010 pprevediet l-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali mit-30 ta' Settembru 2010 sa tmiem il-proċess ta' privatizzazzjoni. B'riżultat ta' dan, il-kumpens riċevut minn Laziomar mill-1 ta' Ġunju 2011 sal-privatizzazzjoni tagħha seta' jiġi vvalutat fuq il-bażi tal-Qafas SGEI tal-2011.

3.2. **Il-privatizzazzjoni ta' Laziomar**

(107) Fid-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni esprimiet dubji li l-proċedura tal-offerti għall-bejgħ ta' Laziomar kienet trasparenti u inkondizzjonata b'mod suffiċjenti sabiex jiġi żgurat li l-bejgħ ikun sar bil-prezz tas-suq.

(108) Il-Kummissjoni qieset li ċerti kundizzjonijiet imposti fil-privatizzazzjoni setgħu rrestrinġew l-għadd ta' offerenti u/jew influwenzaw il-prezz tal-bejgħ. Il-Kummissjoni tenniet mill-ġdid il-prattika stabbilita tagħha dwar il-bejgħ ta' assi ta' impriżi tal-Istat mill-Istat (jew f'dan il-każ imputabbli lill-Istat): kunsiderazzjonijiet mhux ekonomiċi li bejjiegħ privat ma kienx jagħmel, bħal raġunijiet dwar il-politika pubblika, rekwiżiti dwar l-impjiegi jew l-iżvilupp reġjonali, jissuġġerixxu l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat jekk dawn jimponu obbligi oneruż fuq ix-xerrej potenzjali u għalhekk huma suxxettibbli li jnaqqsu l-prezz tal-bejgħ.

([40]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/482/KE tat-28 ta' Novembru 2005 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 86(2) tat-Trattat rigward għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għal servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 312, 29.11.2005, p. 67).

([41]) Il-Qafas Komunitarju għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għal servizz pubbliku [Traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU C 297, 29.11.2005, p. 4).

([42]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/21/UE tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3).

([43]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: Il-Qafas tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku.

(109) Il-Kummissjoni qieset ukoll li l-hekk imsejħa *rekwiżiti finanzjarji* kif imposti fl-offerta ta' Laziomar effettivament fixklu l-offerta billi rrestrinġew l-offerenti potenzjali għal kumpaniji marittimi eżistenti, minħabba li f'dan il-każ, il-kumpanija nnifisha, li kellha l-kuntratt ta' servizz pubbliku, tpoġġiet għall-bejgħ ([44]).

(110) Bl-istess mod, il-Kummissjoni sostniet li l-*offerti tekniċi* ngħataw punteġġ, u b'hekk kellhom piż konsiderevolment ogħla mill-offerti ekonomiċi (ara l-Premessa 62), filwaqt li l-prezz tal-ishma ġie stabbilit mill-awtoritajiet pubbliċi.

(111) Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod preliminari li l-proċedura ta' privatizzazzjoni ta' Laziomar ma kinitx trasparenti u inkondizzjonata b'mod suffiċjenti sabiex tiżgura waħedha li l-bejgħ sar bil-prezz tas-suq u kiseb l-ogħla prezz għall-ishma. Għalhekk f'dak l-istadju l-Kummissjoni ma setgħetx teskludi li l-akkwirent ingħata vantaġġ ekonomiku.

(112) Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli meta ħarġet id-Deċiżjoni tagħha tal-2012 il-Kummissjoni qieset li kwalunkwe għajnuna li setgħet ingħatat matul il-proċess ta' privatizzazzjoni hija inkompatibbli.

3.3. **Il-kuntratt ta' servizz il-ġdid bejn ir-Reġjun tal-Lazio u Laziomar**

3.3.1. *L-osservanza tas-sentenza Altmark, l-eżistenza ta' għajnuna u l-kompatibbiltà*

(113) Fid-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-kumpens imħallas lil Laziomar ma kienx jissodisfa l-kriterji stabbiliti fis-sentenza *Altmark* u għalhekk kien jammonta għal għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Il-Kummissjoni waslet għal din il-konklużjoni minħabba li: (i) kompetituri li kien jidher li qed joffru servizzi simili kienu preżenti tal-anqas fuq ċerti rotot imħaddma minn Laziomar u ma kienx hemm informazzjoni suffiċjenti disponibbli li tippermetti lill-Kummissjoni tikkonkludi jekk l-SGEI kienx jirrifletti ħtieġa reali ta' servizz pubbliku li ma setgħetx tiġi ssodisfata mill-forzi tas-suq waħedhom; (ii) il-kalkolu tal-kumpens skont id-Direttiva CIPE kien jidher li wassal sabiex l-operatur jingħata kumpens żejjed għall-provvista tas-servizz pubbliku għall-istess raġunijiet li ġew espressi fid-Deċiżjoni tal-2011; u (iii) jidher li r-raba' kriterju tas-sentenza *Altmark* ma ġiex osservat, minħabba li s-sejħa għall-offerti għas-servizz pubbliku saret bil-kundizzjoni li l-offerent rebbieħ jakkwista l-kumpanija Laziomar fl-intier tagħha. Il-Kummissjoni qieset li kieku l-kuntratt ta' servizz pubbliku ġie offrut mingħajr ir-rekwiżit ta' xiri, dan seta' jirriżulta fi spiża aktar baxxa għall-komunità.

3.3.2. *Kompatibbiltà*

(114) Fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-kumpens lil Laziomar, il-Kummissjoni nnotat li, fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Taljani, id-Deċiżjoni SGEI tal-2011 dehret li ma kinitx applikabbli. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi dwar l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011 minħabba li f'dak l-istadju l-ftehim iffirmat ma kienx ġie pprovdut. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda informazzjoni (pereż. l-għadd ta' passiġġieri ttrasportati fis-sentejn preċedenti għal dik tal-inkarigu) biex teżamina l-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà li kien fadal tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011. Imbagħad, il-Kummissjoni evalwat l-għajnuna fuq il-bażi tal-Qafas SGEI tal-2011 iżda sabet li kellha dubji dwar jekk il-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà ta' dak il-Qafas kinux issodisfati u stiednet lill-Italja sabiex turi li dan kien il-każ.

3.4. **Il-prijorità tal-irmiġġ**

(115) Fid-Deċiżjoni tal-2011, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li fejn il-prijorità tal-irmiġġ ma tkunx remunerata, il-miżura tkun vantaġġ regolatorju li ma jinvolvi ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat u għalhekk ma tistax tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat. Min-naħa l-oħra, jekk il-prijorità tal-irmiġġ tkun remunerata, il-Kummissjoni qieset li dment li Laziomar tipprovdi SGEI ġenwin u li din il-prijorità tingħata biss fir-rigward tar-rotot koperti mill-SGEI, din ma tirriżultax f'vantaġġ ekonomiku addizzjonali billi tkun intrinsika għall-forniment tal-SGEI. Madankollu, il-Kummissjoni stiednet lill-Italja u lil terzi persuni biex jipprovdu aktar informazzjoni dwar din il-miżura.

([44]) L-istedina għall-preżentazzjoni tal-offerti kienet tistipula li l-fatturat totali fis-settur tat-trasport marittimu tal-offerenti potenzjali fit-tliet snin preċedenti ma setax ikun anqas minn EUR 60 miljun.

(116) Billi kienet qajmet dubji dwar il-leġittimità tal-missjoni tal-SGEI, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi dwar il-kompatibbiltà tal-miżura kieku din kienet għajnuna.

3.5. **Il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010**

(117) Fid-Deċiżjoni tal-2011, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-miżuri kollha stabbiliti mil-Liġi tal-2010 kienu jikkostitwixxu f'għajnuna mill-Istat favur il-kumpaniji ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia, inkluża Laziomar. Dawn kienu jinkludu: (1) l-użu possibbli tal-fondi allokati għall-ammeljorament tal-vapuri għall-fini ta' likwidità; (2) l-eżenzjonijiet fiskali relatati mal-proċess ta' privatizzazzjoni; u (3) l-użu possibbli tar-riżorsi tal-FAS. Il-Kummissjoni stiednet lill-Italja tiċċara jekk u b'liema mod kull waħda minn dawn il-miżuri kienet meħtieġa sabiex jiġi pprovdut is-servizz pubbliku.

(118) Il-Kummissjoni kienet ukoll tal-fehma preliminari li dawn il-miżuri x'aktarx kienu jikkostitwixxu f'għajnuna operatorja li tnaqqas il-ispejjeż li kieku Laziomar, u l-kumpaniji l-oħra ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia, kien ikollhom iġarrbu huma stess u għalhekk dawn il-miżuri jenħtieġ li jitqiesu bħala inkompatibbli mas-suq intern.

4. **KUMMENTI MILL-ITALJA**

4.1. **Dwar l-obbligi ta' servizz pubbliku u l-ambjent kompetittiv**

(119) L-Italja pprovdiet lista tar-rotot (sostnuta mid-dokumentazzjoni legali korrispondenti) operati minn Caremar u sussegwentement minn Laziomar li huma soġġetti għall-obbligi ta' servizz pubbliku, inklużi l-frekwenza u l-iskedi staġunali, l-ambjent kompetittiv u r-raġunijiet li wasslu għal dawn l-obbligi ta' servizz pubbliku.

(120) Fir-rigward tal-eżistenza ta' SGEI ġenwin, l-Italja nnotat li l-obbligi ta' servizz pubbliku msemmija hawn fuq ġew stabbiliti sabiex tinżamm il-kontinwità territorjali u l-konnessjoni tal-Italja kontinentali mal-gżejjer u tiġi żgurata l-provvista ta' oġġetti, inklużi oġġetti speċjali, meħtieġa għall-funzjoni xierqa tas-servizzi pubbliċi u soċjali għall-gżejjer. Dak is-servizz jikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp ekonomiku tal-gżejjer, jiggarantixxi l-ħtiġijiet essenzjali ta' mobbiltà tal-komunitajiet tal-gżejjer matul is-sena kollha u jiżgura li d-dritt kostituzzjonali għall-kontinwità territorjali jiġi rispettat. ([45])

(121) Għal dak li għandu x'jaqsam mal-ambjent kompetittiv, l-Italja ppreżentat informazzjoni li turi li Laziomar hija l-uniku operatur li jbaħħar il-linji matul is-sena kollha, filwaqt li kien hemm kompetizzjoni fuq xi rotot biss matul l-aktar żmien bieżel tas-sena. Madankollu, l-Italja hija tal-fehma li s-servizz offrut minn Laziomar ma jistax jiġi sostitwit u li l-garanzija għall-kontinwità territorjali ma setgħetx tinkiseb mill-forzi tas-suq waħedhom.

4.2. **Dwar il-privatizzazzjoni ta' Laziomar**

4.2.1. *Dwar il-prezz tal-bejgħ ta' Laziomar*

(122) Skont l-Italja, il-privatizzazzjoni ta' Laziomar kienet tinvolvi t-trasferiment tal-kapital azzjonarju kollu tal-kumpanija permezz ta' proċedura ta' sejħa pubblika għall-offerti mnedija mir-Reġjun tal-Lazio. Din il-proċedura kienet tinvolvi wkoll l-inkarigu simultanju tas-servizzi pubbliċi marittimi fl-arċipelagu ta' Pontino għal perjodu ta' 10 snin, sabiex tinżamm il-kontinwità territorjali.

(123) Ir-Reġjun tal-Lazio kkummissjona evalwazzjoni esperta indipendenti (ara l-Premessi 66) u (67) biex jivvaluta l-kwistjonijiet legali u ekonomiċi tal-bejgħ ta' Laziomar. Skont l-Italja, din l-evalwazzjoni tistabbilixxi b'mod ċar u konċiż il-proċeduri segwiti biex jiġi ddeterminat il-valur tas-suq tal-kapital azzjonarju ta' Laziomar.

([45]) Skont l-Italja, il-ħtieġa għall-kontinwità territorjali hija ta' importanza kbira b'mod partikolari għall-gżira ta' Ponza, li tinsab madwar 27 mil nawtiku minn Terracina u 36 mil nawtiku minn Anzio, u għandha anqas minn 3 400 abitant. Fil-fehma tagħha, konsiderazzjoni simili jenħtieġ li tapplika wkoll fir-rigward tal-gżira ta' Ventotene, li għandha anqas minn 800 abitant.

4.2.2. *Dwar in-natura trasparenti u nondiskriminatorja tal-proċedura*

(124) L-Italja tisħaq li l-proċeduri twettqu f'konformità mal-prinċipji ġuridiċi ta' trasparenza u ta' nondiskriminazzjoni. Hija ddefendiet li s-seba' partijiet kollha li ġew ammessi għall-istadju li jmiss tal-proċedura tal-offerti ngħataw l-informazzjoni rilevanti meħtieġa biex jippreżentaw l-offerta tagħhom, inklużi r-"regolamenti tal-offerti" u l-annessi, il-"kuntratt ta' servizz" u l-annessi u l-"kuntratt għat-trasferiment tal-ishma" u l-annessi.

(125) L-Italja ssostni wkoll li r-Reġjun tal-Lazio elimina mis-sejħa għall-offerti r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà finanzjarja li kienu jagħmluha possibbli biss għall-kumpaniji tat-tbaħħir li jieħdu sehem fil-proċedura (ara l-Premessa 109). Sabiex ikun jista' jkun hemm l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa possibbli fl-offerta, is-sejħa għall-offerti, barra minn hekk, ppermettiet espressament lill-offerenti jieħdu sehem f'forma konġunta permezz ta' gruppi temporanji ta' offerenti, konsorzji jew GEIE.

(126) Fir-rigward tad-dubji tal-Kummissjoni dwar li l-offerti tekniċi kellhom piż ferm ogħla meta mqabbla mal-offerti ekonomiċi (jiġifieri 70 u 30 punt rispettivament), l-Italja tirreferi għas-Sentenza Nru 782/2017 tat-30 ta' Marzu 2017 tal-Kunsill tal-Istat ([46]), fejn ġie ddikjarat li l-parti kontraenti, meta tapplika dan il-kriterju, jenħtieġ li "*tenfasizza l-elementi kwalitattivi tal-offerta u tagħżel kriterji li jiżguraw tqabbil kompetittiv effettiv tal-profili tekniċi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li hija tistabbilixxi l-punteġġ massimu previst għall-offerta ekonomika sabiex tiżgura li dan l-element ma jipprevalix fuq l-oħrajn*".

(127) Għalhekk, skont l-Italja, il-piż differenti għamilha possibbli li jiġu evalwati b'mod konsistenti l-elementi kwalitattivi tal-offerta u li jiġu skoraġġuti reviżjonijiet 'l isfel eċċessivi tal-prezz li kienu jkunu diffiċli biex jiġu sostnuti mingħajr ma tiġi sagrifikata l-kwalità tas-servizz pubbliku. Barra minn hekk, dan ippermetta wkoll li jinkiseb iffrankar sinifikanti fl-ispejjeż għar-Reġjun tal-Lazio, minħabba li l-offerent rebbieħ ingħata l-kuntratt li fuq il-bażi tiegħu kien se jwettaq is-servizz pubbliku għal ammont ta' kumpens li ġie stabbilit 10,8 % aktar baxx meta mqabbel mal-prezz bażi (ara l-Premessa 75).

4.3. **Dwar il-konformità tal-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali u tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid mal-kundizzjonijiet tas-sentenza *Altmark***

(128) L-Italja targumenta li l-erba' kriterji tas-sentenza *Altmark* huma ssodisfati, kemm għall-perjodu 2011-2013 kif ukoll għall-perjodu 2014-2024 għar-raġunijiet li ġejjin:

— L-ewwel u t-tieni kriterji tas-sentenza *Altmark* ma ġewx ikkontestati mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tagħha tal-2012;

— B'referenza għat-tielet kriterju tas-sentenza *Altmark*, u d-dubji espressi mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tagħha tal-2011 li l-primjum tar-riskju ta' 6,5 % stabbilit fid-Direttiva CIPE, ma jidhirx li jirrifletti livell xieraq ta' riskju (il-Premessi (206-207), l-Italja tirreferi għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar il-konnessjoni marittima rapida tal-passiġġieri fl-Italja bejn Messina u Reggio Calabria, fejn il-metodoloġija tal-kalkolu, bl-użu tat-8 % stabbilit bħala r-rata ta' remunerazzjoni mistennija, ma ġietx ikkontestata ([47]). B'mod partikolari, f'dan il-każ tal-aħħar il-Kummissjoni aċċettat rata ta' 8 % li kienet tikkonsisti mill-primjum tar-riskju ta' 6,5 % imsemmi fid-Direttiva CIPE, fid-dawl li l-kuntratt ma kienx jinvolvi l-għoti ta' drittijiet esklużivi, flimkien ma' żieda oħra ta' 1,5 %, fid-dawl taż-żmien qasir tal-kuntratt. Barra minn hekk, l-Italja, b'referenza għall-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid, issostni li kwalunkwe miżura biex jerġa' jiġi stabbilit il-bilanċ ekonomiku – finanzjarju setgħet tiġi applikata biss fil-każ ta' bidla fid-dħul nett ta' aktar minn 3 %, filwaqt li kwalunkwe tnaqqis ta' anqas minn 3 % kien jiġġarrab minn Laziomar. B'riżultat ta' dan, jiġi evitat kwalunkwe kumpens żejjed possibbli; u

— L-Italja tqis li r-raba' kriterju tas-sentenza *Altmark* huwa ssodisfat ukoll, minħabba li l-għoti tal-kuntratt ta' servizz pubbliku kien is-suġġett ta' proċedura ta' offerti trasparenti u kompetittiva, li ppermettiet l-għażla tal-offerent li kapaċi jipprovdi s-servizzi bl-anqas spiża possibbli. Barra minn hekk, fir-rigward tal-abbinar flimkien tal-kuntratt ta' servizz il-ġdid mal-privatizzazzjoni ta' Laziomar, l-Italja targumenta li l-ammont tal-offerta għall-bejgħ ta' Laziomar jirrappreżenta biss madwar 1,4 % tal-ammont totali stabbilit għas-servizz pubbliku (jiġifieri tal-kumpens totali ta' EUR 127 520 740 matul il-perjodu tal-kuntratt ta' 10 snin). Għalhekk, ma jidhirx li għandu xi impatt sinifikanti fuq l-eżitu tal-għażla tal-offerent, fir-rigward tal-ispiża tas-servizz.

([46]) Din is-sentenza ngħatat fuq talba tal-Ministeru tal-Infrastruttura u t-Trasport dwar l-abbozz ta' digriet leġiżlattiv dwar "Dispożizzjonijiet supplimentari u korrettivi għad-Digriet Leġiżlattiv Nru 50 tat-18 ta' April 2016" (jiġifieri d-digriet korrettiv għall-Kodiċi tal-Kuntratti Pubbliċi).

([47]) SA.42710 SGEI – konnessjoni marittima rapida tal-passiġġieri bejn Messina u Reggio Calabria.

4.4. **Dwar il-prijorità tal-irmiġġ**

(129) Fir-rigward tal-prijorità tal-irmiġġ (ara l-Premessa 83), l-Italja targumenta li dan huwa ġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi pprovdut is-servizz pubbliku, u ma jingħata l-ebda vantaġġ ekonomiku lil Laziomar li jimplika wkoll telf ta' riżorsi tal-Istat.

(130) Skont l-Italja, l-operaturi kollha tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma jħallsu tariffi regolari lill-awtoritajiet tal-port rilevanti għall-irmiġġ. L-Italja ssostni wkoll li din il-prijorità tal-irmiġġ kienet applikabbli biss għar-rotot tas-servizz pubbliku, u li Laziomar ma ħallset u ma tħallas l-ebda tariffa addizzjonali għal din il-prijorità tal-irmiġġ, billi l-portijiet jagħtuha l-ewwel għażla ta' slots tal-irmiġġ anki fin-nuqqas ta' prijorità formali tal-irmiġġ minħabba l-missjoni tagħha ta' servizz pubbliku.

4.5. **Dwar il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010**

(131) Bl-istess mod, fir-rigward tal-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010 (ara l-Premessi 84, 85 u 86), l-Italja ssostni li Laziomar ma ġietx allokata u lanqas ma bbenefikat jew se tibbenefika fil-futur minn dawn il-miżuri.

(132) F'dan il-kuntest, l-Italja ssostni li Caremar, li dak iż-żmien kienet topera hija stess r-rotot ta' kabotaġġ marittimu fl-arċipelagu ta' Pontino, kienet ġiet allokata u effettivament użat ir-riżorsi finanzjarji diġà impenjati mil-Liġi 102/2009. B'mod partikolari, Caremar ġiet allokata EUR 1 410 000 biex ittejjeb tnejn mill-vapuri li aktar tard ġew trasferiti lil Laziomar mingħajr ħlas (Quirino u Tetide). Sostniet ukoll li dawn il-fondi ma ntużawx għall-finijiet ta' likwidità.

(133) Fir-rigward tal-eżenzjonijiet fiskali relatati mal-proċess ta' privatizzazzjoni, l-Italja argumentat li fir-rigward tat-taxxa korporattiva, il-miżura ma ġietx applikata, billi t-trasferimenti ta' Caremar, ta' Saremar u ta' Toremar lir-reġjuni saru mingħajr ħlas. Għalhekk, fin-nuqqas ta' ebda remunerazzjoni, l-Artikolu 86(1)(a) tal-Liġi Konsolidata dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu rigward il-qligħ kapitali fil-każ ta' trasferimenti ta' assi bi ħlas ma japplikax. Fir-rigward tal-VAT, l-Italja nnotat li t-trasferimenti ta' Caremar, ta' Saremar u ta' Toremar jikkostitwixxu fi tranżazzjonijiet li huma eżentati mill-VAT skont l-Artikolu 10(1)(4) tad-Digriet Presidenzjali Nru 633 tas-26 ta' Ottubru 1972. Fir-rigward tat-taxxi indiretti minbarra l-VAT, l-Italja enfasizzat li l-eżenzjoni prevista mil-Liġi tal-2010 kienet imfassla għall-fini ta' simplifikazzjoni amministrattiva. Mill-perspettiva fiskali, l-effetti tagħha jistgħu jitqiesu bħala negliġibbli u ta' ftit impatt fir-rigward tat-taxxi, li jiġu imposti b'rati fissi. B'mod aktar speċifiku, dan jikkonċerna d-dazju ta' reġistrazzjoni (EUR 168 għal kull dokument), it-tariffi tar-reġistru tal-artijiet u tar-reġistrazzjoni tal-ipoteki (EUR 168 kull wieħed) u t-taxxa tal-boll (EUR 14,62 għal erba' paġni).

(134) Fir-rigward tar-riżorsi tal-FAS, l-Italja ssostni li Laziomar ma rċeviet l-ebda benefiċċju minnhom. Barra minn hekk, hija ċċarat li r-riżorsi tal-FAS ma ntużawx biex jingħata kumpens addizzjonali lill-kumpaniji ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia, inkluż lil Laziomar. Minflok, dawn ir-riżorsi tqiegħdu għad-dispożizzjoni sabiex jissupplimentaw l-approprjazzjonijiet baġitarji previsti għall-ħlas tal-kumpensi għall-obbligi ta' servizz pubbliku lill-kumpaniji ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia, f'każ li jirriżulta li dawk l-approprjazzjonijiet baġitarji ma jkunux biżżejjed. L-Italja tinnota li l-paragrafu 5-*ter* tal-Artikolu 1 tad-Digriet Amministrattiv 125/2010 ippermetta lir-reġjuni jużaw ir-riżorsi tal-FAS sabiex jiffinanzjaw il-kumpens regolari għall-obbligi ta' servizz pubbliku (jew parti minnu) u b'hekk tiġi żgurata kontinwità tas-servizzi pubbliċi marittimi. Barra minn hekk, l-Italja ċċarat li, skont l-Artikolu 26 tad-Digriet Amministrattiv 185/2008, ġew allokati EUR 65 miljun għal kull waħda mis-snin 2009, 2010 u 2011 lill-Gruppo Tirrenia u EUR 195 miljun ittieħdu kif xieraq mir-riżorsi tal-FAS. Dawk il-fondi mbagħad ġew trasferiti fil-kont tal-Ministeru tat-Trasport allokat għall-ħlas tal-kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku lill-kumpaniji ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia (Tirrenia, Siremar, Caremar (dak iż-żmien), Toremar u Saremar). Għalhekk, din il-miżura tikkonċerna biss allokazzjoni ta' riżorsi fil-baġit tal-Italja għall-ħlas tal-kumpensi għall-obbligi ta' servizz pubbliku.

4.6. **Dwar ir-regoli għall-kalkolu tal-kumpens għall-perjodu 2011 – 2019 u dwar il-primjum tar-riskju ta' 6,5 % stabbilit fid-Direttiva CIPE mill-2010**

(135) L-Italja ssostni li sal-14 ta' Jannar 2014, il-parametri użati għall-kalkolu tal-kumpens imħallas lil Laziomar kienu dawk definiti mid-Direttiva CIPE. Mill-15 ta' Jannar 2014, il-kumpens huwa definit fil-kuntratt ta' servizz pubbliku, fuq il-bażi tal-metodoloġija msemmija fid-Direttiva CIPE u b'kont meħud ukoll tal-offerta ekonomika ppreżentata mill-akkwirent ta' Laziomar, CLN, skont il-proċedura tal-offerti.

(136) L-Italja tikkjarifika li, minħabba li l-ammont ta' kumpens huwa limitat mil-Liġi tal-2009, ġie deċiż li l-kalkolu jiġi ssimplifikat billi tiġi applikata r-rata ta' 6,5 % bħala rata fissa ta' redditu fuq il-kapital. Dan l-approċċ simplifikat kien applikabbli matul l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali u għadu japplika taħt il-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid ma' Laziomar.

(137) Barra minn hekk, skont l-Italja, ir-rata fissa ta' 6,5 % ta' redditu fuq il-kapital hija meqjusa xierqa meta jitqies li l-mekkaniżmu ta' riekwilibriju stabbilit fl-Artikolu 25 tal-kuntratt (ara l-Premessa 78) huwa strett ħafna biex jiġi applikat. Barra minn hekk, tali mekkaniżmu (pereż. reviżjoni tal-limitu massimu annwali fuq il-prezzijiet) ma setax japplika f'każijiet fejn benefiċjarju, bħal Laziomar, ma jkunx ikkumpensat biżżejjed.

(138) Fit-Tabella 5, l-Italja tipprovdi l-elementi meħuda biex jiġi kkalkulat il-primjum tar-riskju għal Laziomar matul il-perjodu 2011-2019:

Tabella 5

ROCI ta' Laziomar għall-perjodu 2011-2019

(EUR '000)

	2011	2012	2013	2014	2015	2016	2017	2018	2019
Assi fissi tanġibbli u intanġibbli	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Inventarji	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Krediti tal-klijenti u kummerċjali	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Ammonti pagabbli lill-fornituri	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Kapital investit nett	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Redditu fuq il-kapital (6,5 %)	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]

4.7. **Dwar il-konformità tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid mad-Deċiżjoni SGEI tal-2011**

(139) Anki jekk l-Italja tqis li l-kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku mħallas lil Laziomar skont il-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid ma jikkostitwix f'għajnuna mill-Istat, hija argumentat ukoll għaliex dik il-miżura kienet tkun konformi mad-Deċiżjoni SGEI tal-2011, kieku kienet għajnuna.

(140) Fit-tweġiba tagħha, l-Italja ssostni li huma applikabbli kemm id-Deċiżjoni SGEI tal-2005 kif ukoll dik tal-2011, meta jitqies li l-konklużjoni tal-kuntratt ta' servizz pubbliku kienet prevista fl-Artikolu 19-*ter* tal-Liġi tal-2009, kif ukoll fid-Digriet tal-Lazio.

(141) L-Italja ppreżentat ċifri għas-snin 2012 u 2013 li juru li l-għadd annwali medju ta' passiġġieri ma qabiżx il-limitu ta' 300 000 passiġġier kif stabbilit fl-Artikolu 2(1)(d) tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011 fi kwalunkwe waħda mir-rotot ta' tbaħħir ikkonċernati matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel dik li fiha ġie assenjat l-SGEI lil Laziomar (jiġifieri 240 430 passiġġier fl-2012 u 254 167 passiġġier fl-2013).

4.8. **Dwar il-konformità tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid mal-Qafas SGEI tal-2011**

(142) L-Italja ssostni li s-servizz pubbliku fdat lil Laziomar jikkostitwixxi f'SGEI ġenwin ibbażat fuq att ta' inkarigu, jiġifieri l-kuntratt ta' servizz, li fih u jiddeskrivi l-kontenut u għal kemm idumu l-obbligi ta' servizz pubbliku, it-territorju kkonċernat, il-mekkaniżmu ta' kumpens u l-parametri għall-kalkolu tal-kumpens.

(143) Barra minn hekk, skont l-Italja, il-kumpens ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ biex ikopri l-ispejjeż imġarrba fit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku, billi l-ammont ta' kumpens ġie stabbilit fil-kuntest ta' proċedura ta' offerti fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fid-Direttiva CIPE, filwaqt li l-kuntratt jipprevedi sistema ta' monitoraġġ biex jiġi evitat kumpens żejjed.

(144) Bl-istess mod, fir-rigward tar-rata ta' redditu, l-Italja tirreferi għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Ġunju 2017 (fil-Kawża SA.42710) (ara l-Premessa 128), fejn rata ta' redditu ogħla mis-6,5 % (jiġifieri 8 %) ma ġietx ikkontestata mill-Kummissjoni.

5. **VALUTAZZJONI**

5.1. **Eżistenza ta' għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE**

(145) L-Artikolu 107(1) TFUE jistipula li "kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, sa fejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern".

(146) Il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 107(1) TFUE huma kumulattivi. Għalhekk, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-miżuri notifikati jikkostitwux f'għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, iridu jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha msemmija hawn fuq. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju:

(a) jingħata minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat,

(b) jiffavorixxi lil ċerti intrapriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti,

(c) ifixkel jew jhedded li jfixkel il-kompetizzjoni, u

(d) jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(147) Il-Kummissjoni tinnota li l-prijorità tal-irmiġġ, li tapplika biss għar-rotot ta' servizz pubbliku, hija intrinsikament marbuta mat-twettiq tal-SGEI minn Laziomar u mill-akkwirent tagħha CLN. Għalhekk, din il-miżura se tiġi vvalutata b'mod konġunt mal-kumpens rispettiv għall-obbligi ta' servizz pubbliku mogħti lil dawn il-kumpaniji (ara t-Taqsimiet 5.1.1 u 5.1.2).

(148) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid bejn l-Italja u Laziomar jenħtieġ li jiġi vvalutat b'mod konġunt mal-privatizzazzjoni ta' Laziomar. Tali valutazzjoni konġunta hija xierqa minħabba li, essenzjalment, l-Italja organizzat offerta għall-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid fejn l-offerent rebbieħ kellu jakkwista l-kapital azzjonarju kollu ta' Laziomar biex iwettaq l-obbligi ta' servizz pubbliku stabbiliti f'dan il-kuntratt ta' servizz pubbliku.

5.1.1. *L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn Laziomar u l-Italja*

5.1.1.1. Riżorsi tal-Istat

(149) Laziomar ġiet inkarigata mill-Italja bl-operat tar-rotot marittimi kif dettaljat mill-Konvenzjoni inizjali, kif estiża. Il-Konvenzjoni inizjali ġiet konkluża mal-Istat u l-kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku li jirriżulta għal Laziomar jitħallas mill-Istat mill-baġit tiegħu stess. Għalhekk, il-kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku lil Laziomar huwa imputabbli lill-Istat u jingħata permezz ta' riżorsi tal-Istat.

(150) Il-Kummissjoni tinnota li, skont l-Italja, l-operaturi kollha ta' mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma jħallsu tariffi regolari lill-awtoritajiet tal-port rilevanti għall-irmiġġ iżda li Laziomar ma ħallset l-ebda tariffa addizzjonali għall-prijorità tal-irmiġġ. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li, fil-prinċipju, l-Italja setgħet tagħżel li timponi tariffa addizzjonali għall-prijorità tal-irmiġġ u billi ma għamlitx hekk, tilfet dħul għall-Istat. Barra minn hekk, billi l-prijorità tal-irmiġġ hija konċessa bil-liġi (ara l-Premessa 83), hija imputabbli lill-Istat.

5.1.1.2. Selettività

(151) Biex tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat, miżura trid tkun selettiva. Il-kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku għall-forniment tas-servizzi marittimi inkwistjoni jingħata biss lil Laziomar, u b'hekk huwa selettiv. Billi l-prijorità tal-irmiġġ ingħatat biss lill-kumpaniji ta' dak li kienil-Gruppo Tirrenia, inkluż lil Laziomar, hija wkoll selettiva.

5.1.1.3. Vantaġġ ekonomiku

(152) Il-Kummissjoni tfakkar li l-kumpensi għall-obbligi ta' servizz pubbliku li jingħataw lil kumpanija jistgħu ma jkunux jikkostitwixxu f'vantaġġ ekonomiku taħt ċerti kundizzjonijiet iddefiniti b'mod strett.

(153) B'mod partikolari, fis-sentenza *Altmark* ([48]) tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li meta miżura tal-Istat trid titqies bħala kumpens għas-servizzi pprovduti mill-impriżi benefiċjarji sabiex iwettqu obbligi ta' servizz pubbliku, b'mod li dawk l-impriżi ma jiksbux vantaġġ finanzjarju reali u b'hekk il-miżura ma jkollhiex l-effett li tqegħedhom f'pożizzjoni kompetittiva aktar favorevoli mill-impriżi kompetituri tagħhom, tali miżura ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE.

(154) Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara wkoll li biex tali kumpens għal servizz pubbliku ma jaqax taħt il-kwalifika ta' għajnuna mill-Istat f'każ partikolari, iridu jkunu ssodisfati l-erba' kriterji kumulattivi (il-"kriterji tas-sentenza *Altmark*") miġbura fil-qosor hawn taħt:

— l-impriża benefiċjarja trid tkun effettivament inkarigata sabiex twettaq obbligi ta' servizz pubbliku u tali obbligi jridu jkunu definiti b'mod ċar ("L-ewwel kriterju tas-sentenza *Altmark*");

— il-parametri li fuqhom jiġi kkalkolat l-kumpens iridu jkunu stabbiliti bil-quddiem b'mod oġġettiv u trasparenti ("It-tieni kriterju tas-sentenza *Altmark*");

— il-kumpens ma jistax ikun aktar minn dak li hu neċessarju sabiex ikunu koperti l-ispejjeż kollha jew parti minnhom, li jirriżultaw mit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku, filwaqt li jiġi kkunsidrat id-dħul rilevanti kollu kif ukoll profitt raġjonevoli għat-twettiq ta' tali obbligi ("It-tielet kriterju tas-sentenza *Altmark*");

— meta, f'każ speċifiku, l-għażla tal-impriża inkarigata bit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku ma ssirx skont il-proċedura ta' akkwist pubbliku li tippermetti li jintgħażel il-kandidat li jkun kapaċi jipprovdi tali servizzi bl-anqas spiża għall-komunità, il-livell tal-kumpens neċessarju għandu jiġi determinat fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż li impriża medja, immexxija tajjeb u adegwatament mogħnija b'mezzi ta' trasport sabiex tkun tista' tissodisfa l-eżiġenzi neċessarji ta' servizz pubbliku, kienet iġġarrab sabiex twettaq tali obbligi, b'kont meħud tad-dħul rilevanti kollu kif ukoll profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawn l-obbligi ("Ir-raba' kriterju tas-sentenza *Altmark*").

(155) Il-Kummissjoni speċifikat il-mod kif hija tapplika l-kriterji tas-sentenza *Altmark* fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-kumpens mogħti għall-fornitura ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (il-"Komunikazzjoni dwar l-SGEI") ([49]).

(156) Minħabba li l-kriterji tas-sentenza *Altmark* iridu jiġu rrispettati b'mod kumulattiv, in-nuqqas ta' osservanza ta' xi wieħed minn dawn il-kriterji jwassal lill-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura taħt valutazzjoni tagħti vantaġġ ekonomiku lill-benefiċjarju. Imbagħad il-Kummissjoni tibda sabiex l-ewwel tivvaluta l-osservanza tar-raba' kriterju tas-sentenza *Altmark*.

(157) Ir-raba' kriterju tas-sentenza *Altmark* jipprevedi li l-kumpens irid ikun il-minimu neċessarju sabiex ma jikkwalifikax bħala għajnuna mill-Istat. Dan il-kriterju jitqies bħala ssodisfat jekk il-benefiċjarju tal-kumpens għal servizz pubbliku jkun intgħażel wara proċedura tal-offerti li tippermetti li jintgħażel l-offerent li jkun kapaċi jipprovdi s-servizzi bl-anqas spiża għall-komunità jew, fin-nuqqas ta' dan, il-kumpens ikun ġie kkalkolat b'referenza għall-ispejjeż ta' impriża effiċjenti.

([48]) Ara s-Sentenza tal-24 ta' Lulju 2003 fil-Kawża C-280/00 *Altmark Trans*, ECLI:EU:C:2003:415.

([49]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-fornitura ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU C 8, 11.1.2012, p. 4).

(158) Għall-ebda waħda mill-estensjonijiet tal-Konvenzjoni inizjali fil-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2011 sal-14 ta' Jannar 2014, Laziomar ma ntgħażlet wara proċedura tal-offerti. L-Italja sempliċiment estendiet is-sistema li kienet diġà fis-seħħ u b'hekk l-operatur prestabbilit ġie intitolat ikompli jirċievi kumpens għat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku.

(159) Barra minn hekk, l-Italja ma pprovdiet l-ebda indikazzjoni lill-Kummissjoni li l-livell ta' kumpens kien ġie ddeterminat fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż li impriża tipika, immexxija tajjeb u adegwatament ipprovduta b'mezzi ta' trasport sabiex tkun tista' tissodisfa l-ħtiġijiet neċessarji ta' servizz pubbliku, kienet iġġarrab fit-twettiq ta' dawk l-obbligi, wara kunsiderazzjoni tad-dħul rilevanti u profitt raġonevoli għat-twettiq tal-obbligi.

(160) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li f'dan il-każ ir-raba' kriterju tas-sentenza *Altmark* ma ġiex rispettat.

(161) Billi f'dan il-każ, l-erba' kundizzjonijiet tas-sentenza *Altmark* ma ġewx osservati b'mod kumulattiv, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kumpens għat-tħaddim tar-rotot marittimi bl-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali ta vantaġġ ekonomiku lil Laziomar.

(162) Fir-rigward tal-prijorità tal-irmiġġ, il-Kummissjoni tibda sabiex tfakkar li l-awtorità Taljana tal-kompetizzjoni, l-AGCM, tal-anqas f'żewġ okkażjonijiet qieset li din il-miżura għandha valur ekonomiku ([50]). Madankollu, Laziomar ma tħallas l-ebda tariffa għall-prijorità tal-irmiġġ (ara l-Premessa 130). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li l-prijorità tal-irmiġġ għandha, tal-anqas teoretikament, il-potenzjal li tnaqqas l-ispejjeż tal-operatur (pereż. minħabba li l-irmiġġ garantit jista' jnaqqas il-ħinijiet ta' stennija fil-portijiet u b'hekk iwassal għal spejjeż aktar baxxi tal-fuel) jew iżżid id-dħul tiegħu (pereż. minħabba li ċerti ħinijiet jattiraw domanda akbar mill-passiġġieri). Sa fejn il-prijorità tal-irmiġġ tippermetti proċedura tat-trakkar aktar mgħaġġel, l-utenti tas-servizz tat-trasport tul korp tal-ilma jistgħu jippreferu l-operatur li jibbenefika minn din il-miżura. Anki jekk dawn l-effetti jimmaterjalizzaw biss f'ċirkostanzi limitati jew ikunu relattivament żgħar, il-prijorità tal-irmiġġ xorta waħda tista' tikkostitwixxi f'vantaġġ ekonomiku għal Laziomar.

5.1.1.4. Effett fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ

(163) Meta l-għajnuna mogħtija minn Stat Membru ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbla ma' impriżi oħrajn li jikkompetu fil-kummerċ intra-UE, dawn tal-aħħar għandhom jitqiesu bħala affettwati minn dik l-għajnuna ([51]). Huwa biżżejjed li l-benefiċjarju tal-għajnuna jikkompeti ma' impriżi oħrajn fi swieq miftuħa għall-kompetizzjoni ([52]).

(164) F'dan il-każ, il-benefiċjarju jopera f'kompetizzjoni ma' impriżi oħra li jipprovdu servizzi tat-trasport marittimu fl-Unjoni, b'mod partikolari mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4055/86 ([53]) u tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu, li lliberalizzaw is-suq tat-trasport marittimu internazzjonali u tal-kabotaġġ marittimu, rispettivament. Il-fatt li fuq uħud mir-rotot dak iż-żmien Laziomar kienet l-uniku operatur ma jfissirx li operaturi (internazzjonali) oħra ma setgħux ikunu interessati li joffru servizzi tat-trasport marittimu simili. Għalhekk, il-kumpens għall-operat tar-rotot marittimi bl-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali jista' jaffettwa l-kummerċ tal-Unjoni u jfixkel il-kompetizzjoni fis-suq intern. Għall-istess raġunijiet, dik il-konklużjoni tgħodd ukoll għall-prijorità tal-irmiġġ.

5.1.1.5. Konklużjoni

(165) Billi l-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 107(1) TFUE huma ssodisfati, il-Kummissjoni tikkonkludi li kemm il-kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku mħallas fuq il-bażi tal-estensjonijiet suċċessivi tal-Konvenzjoni inizjali kif ukoll il-prijorità tal-irmiġġ għar-rotot ta' servizz pubbliku jikkostitwixxu f'għajnuna mill-Istat lil Laziomar.

([50]) Id-Deċiżjoni (UE) 2020/1412, il-Premessa 265.

([51]) Ara, b'mod partikolari, il-Kawża 730/79 *Philip Morris vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:C:1980:209, il-paragrafu 11; il-Kawża C-53/00 *Ferring*, ECLI:EU:C:2001:627, il-paragrafu 21; il-Kawża C-372/97 *L-Italja vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:C:2004:234, il-paragrafu 44.

([52]) Il-Kawża T-214/95 *Het Vlaamse Gewest vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:1998:77.

([53]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4055/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 li japplika l-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tat-trasport marittimu bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi (ĠU L 378, 31.12.1986, p. 1).

5.1.1.6. Għajnuna ġdida jew eżistenti

(166) Il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li l-kumpens imħallas lil Caremar (dak iż-żmien) għall-operat tal-obbligi ta' servizz pubbliku marittimu sa tmiem l-2008 ma huwiex ivvalutat f'din id-Deċiżjoni. Il-valutazzjoni ta' dak il-kumpens, u jekk jistax jiġi kklassifikat bħala għajnuna eżistenti fuq il-bażi tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu, hija s-suġġett ta' deċiżjoni separata tal-Kummissjoni ([54]).

(167) Skont l-Artikolu 1(c) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 ([55]), għajnuna ġdida tfisser "*kull għajnuna, jiġifieri, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali, li ma jkunux għajnuna eżistenti, inkluż tibdil fl-għajnuna eżistenti*". Barra minn hekk, l-Artikolu 108(3) TFUE jipprovdi li l-pjanijiet sabiex tingħata jew tiġi mmodifikata għajnuna eżistenti jridu jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni fi żmien xieraq u ma jistgħux jiġu implimentati sakemm il-proċedura tkun wasslet għal deċiżjoni finali ([56]). F'konformità mal-pożizzjoni tal-Qrati Ewropej ([57]), il-Kummissjoni tqis li l-emendar (jiġifieri l-estensjoni) ta' kemm iddum skema ta' għajnuna li kellha data ta' skadenza ċara (jiġifieri l-31 ta' Diċembru 2008) huwa suffiċjenti biex irendiha għajnuna ġdida irrispettivament minn jekk inbidlux karatteristiċi oħra tal-miżura jew le.

(168) Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li irrispettivament mill-fatt li l-kumpens mogħti lil Caremar (dak iż-żmien) sa tmiem l-2008 ġie kklassifikat bħala għajnuna eżistenti ([58]), il-kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku mħallas lil Laziomar fuq il-bażi tal-estensjonijiet suċċessivi tal-Konvenzjoni inizjali jenħtieġ li jitqies bħala għajnuna ġdida. Din il-konklużjoni tapplika wkoll għall-prijorità tal-irmiġġ.

5.1.2. *L-għoti tal-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid abbinat mal-attività kummerċjali ta' Laziomar*

(169) Biex tikkonkludi dwar jekk l-għoti tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid abbinat mal-attività kummerċjali ta' Laziomar jikkostitwix f'vantaġġ għal Laziomar u l-akkwirent tagħha, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, il-Kummissjoni trid tivvaluta l-osservanza tal-kriterji tas-sentenza *Altmark* (ara l-Premessa 154).

5.1.2.1. Altmark 1

(170) Il-Kummissjoni tfakkar li d-dritt tal-Unjoni ma għandux definizzjoni uniformi u preċiża ta' servizz li jista' jikkostitwixxi f'SGEI, la fis-sens tal-ewwel kundizzjoni tas-sentenza *Altmark* u lanqas fis-sens tal-Artikolu 106(2) TFUE ([59]). Il-paragrafu 46 tal-Komunikazzjoni huwa fformulat kif ġej:

"Fin-nuqqas ta' regoli speċifiċi tal-Unjoni li jiddefinixxu l-ambitu għall-eżistenza ta' SGEI, l-Istati Membri għandhom marġini wiesgħa ta' diskrezzjoni fid-definizzjoni ta' servizz partikolari bħala SGEI u fl-għoti ta' kumpens lill-fornitur tas-servizz. Il-kompetenza tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward hija limitata għal li tiċċekkja jekk l-Istat Membru għamilx żball ċar meta ddefinixxa s-servizz bħala SGEI u li tevalwa l-għajnuna mill-Istat involuta fil-kumpens. Fejn jeżistu regoli tal-Unjoni speċifiċi, id-diskrezzjoni tal-Istati Membri hija ulterjorment marbuta minn dawn ir-regoli, mingħajr ħsara għad-dmir tal-Kummissjoni li twettaq valutazzjoni dwar jekk l-SGEI ġiex definit b'mod korrett għall-għan tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat."

(171) Għalhekk, l-awtoritajiet nazzjonali huma intitolati li jqisu li ċerti servizzi huma fl-interess ġenerali u jridu jiġu operati permezz ta' obbligi ta' servizz pubbliku sabiex jiżguraw li l-interess pubbliku jkun protett meta l-forzi tas-suq ma jkunux biżżejjed sabiex jiggarantixxu li jkunu pprovduti bil-livell jew bil-kundizzjonijiet meħtieġa.

(172) Fil-qasam tal-kabotaġġ marittimu, ġew stabbiliti regoli dettaljati tal-Unjoni li jirregolaw l-obbligi ta' servizz pubbliku fir-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu u, għall-fini li tiġi eżaminata l-għajnuna potenzjali mill-Istat lill-impriżi involuti fit-trasport marittimu, fil-linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu ("il-Linji Gwida Marittimi") ([60]).

([54]) Id-Deċiżjoni (UE) 2020/1411.

([55]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

([56]) Il-Kawża C-590/14 P *DEI u Il-Kummissjoni vs Alouminion tis Ellados*, ECLI:EU:C:2016:797, il-paragrafu 45.

([57]) Il-Kawżi Magħquda T-127/99, T-129/99 u T-148/99 *Territorio Histórico de Álava - Diputación Foral de Álava u oħrajn vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:2002:59, il-paragrafu 175.

([58]) Id-Deċiżjoni (UE) 2020/1411.

([59]) Il-Kawża T-289/03 *BUPA u oħrajn vs Il-Kummissjoni* [2008] ECR II 81, il-paragrafu 96. Ara wkoll l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano fil-Kawża C-53/00 *Ferring*, ECR I 9069 u l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-Kawża C-126/01, *GEMO*, [2003] ECR I 13769.

([60]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni C(2004) 43 – Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu (ĠU C 13, 17.1.2004, p. 3) [Traduzzjoni mhux uffiċjali].

(173) L-Artikolu 4(1) tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu jistipula:

> "Stat Membru jista' jagħmel kuntratti ta' servizz pubbliku ma' jew jimponi obbligazzjonijiet ta' servizz pubbliku bħala kundizzjoni għall-għoti ta' servizzi ta' kabotaġġ, fuq kumpanniji ta' ġarr marittimu li jipparteċipaw f'servizzi regolari lejn, minn u bejn gżejjer. Kull meta Stat Membru jagħmel kuntratti ta' servizz pubbliku jew jimponi obbligazzjonijiet ta' servizz pubbliku, dan għandu jagħmel hekk fuq bażi mhux diskriminatorja għar-rigward ta' proprjetarji ta' vapuri tal-Komunità."

(174) L-Artikolu 2(3) tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu jistabbilixxi li kuntratt ta' servizz pubbliku jista' jkopri: servizzi tat-trasport li jissodisfaw standards fissi ta' kontinwità, regolarità, kapaċità u kwalità, servizzi ta' trasport addizzjonali, servizzi ta' trasport b'rati speċifiċi u soġġetti għal kundizzjonijiet speċifiċi, b'mod partikolari għal ċerti kategoriji ta' passiġġieri jew fuq ċerti rotot u aġġustamenti ta' servizzi għal ħtiġijiet attwali.

(175) F'konformità mat-Taqsima 9 tal-Linji Gwida Marittimi, "obbligi ta' servizz pubbliku jistgħu jiġu imposti jew kuntratti pubbliċi ta' servizz (PSCs) jistgħu jiġu konklużi għas-servizzi indikati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 3577/92", jiġifieri servizzi skedati lejnil-gżejjer, minnhom u bejniethom.

(176) Mill-ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-obbligi ta' servizz pubbliku jistgħu jiġu imposti biss jekk ikunu ġustifikati mill-ħtieġa li jiġu żgurati servizzi regolari u adegwati ta' trasport marittimu li ma jistgħux jiġu żgurati mill-forzi tas-suq waħedhom ([61]). Il-Komunikazzjoni dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu ([62]) tikkonferma li "*[huma] l-Istati Membri (inklużi, fejn xieraq, l-awtoritajiet reġjonali u lokali) u mhux is-sidien tal-bastimenti li għandhom il-kompetenza biex jiddeterminaw liema rotot jeħtieġu obbligi ta' servizz pubbliku. B'mod partikolari, l-obbligi ta' servizz pubbliku jistgħu jiġu kkunsidrati għal servizzi regolari (skedati) ta' kabotaġġ tal-gżejjer f'każ li s-suq jonqos milli jipprovdi servizzi adegwati*". Barra minn hekk, l-Artikolu 2(4) tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu jiddefinixxi l-obbligi ta' servizz pubbliku bħala obbligi li *"l-proprjetarju ta' vapur tal-Komunità f'dak il-każ, jekk ikun qiegħed jikkonsidra l-interessi kummerċjali tiegħu, ma jassumix jew ma jassumix sal-istess grad jew taħt l-istess kundizzjonijiet"*.

(177) F'konformità mal-ġurisprudenza ([63]), biex tivverifika jekk hemmx ħtieġa reali ta' servizz pubbliku u jekk dan kienx meħtieġ u proporzjonali, u b'hekk ukoll jekk ġiex issodisfat l-ewwel kriterju tas-sentenza *Altmark*, il-Kummissjoni se tivvaluta:

(1) Jekk kienx hemm **domanda mill-utenti**;

(2) Jekk dik id-domanda ma setgħetx tiġi ssodisfata mill-operaturi tas-suq fin-nuqqas ta' obbligu impost mill-awtoritajiet pubbliċi (l-**eżistenza ta' falliment tas-suq**);

(3) Jekk sempliċiment rikors għall-obbligi ta' servizz pubbliku ma kienx biżżejjed sabiex jiġi rrimedjat dak in-nuqqas (**l-anqas approċċ dannuż**).

(1) **Domanda mill-utenti**

(178) F'dan il-każ, Laziomar ġiet inkarigata bil-forniment ta' servizzi tal-passiġġieri, imħallta u tal-merkanzija fuq diversi linji kif ippreżentat fit-Tabella 9. L-obbligi ta' servizz pubbliku imposti fuq Laziomar kienu jikkonċernaw il-portijiet moqdija, it-tip u l-kapaċità tal-vapuri assenjati għall-konnessjonijiet marittimi operati taħt ir-reġim tas-servizz pubbliku, il-frekwenza tas-servizz u n-nollijiet massimi li kellhom jiġu imposti.

(179) Kif deskritt fil-Premessa 120, l-Italja imponiet l-obbligi ta' servizz pubbliku stabbiliti fil-Konvenzjoni l-ġdida prinċipalment sabiex (i) tiżgura l-kontinwità territorjali bejn l-Italja kontinentali u l-gżejjer u (ii) tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku tal-gżejjer ikkonċernati, permezz ta' servizzi tat-trasport marittimu regolari u affidabbli. Il-Kummissjoni tqis li dawn huma tabilħaqq objettivi leġittimi ta' interess pubbliku.

([61]) Ara l-Kawża C-205/99 *Asociación Profesional de Empresas Navieras de Líneas Regulares (Analir) et vs Administración General del Estado*, ECLI:EU:C:2001:107.

([62]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni li taġġorna u tirrettifika l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu), Brussell, COM(2014) 232 final, 22.4.2014.

([63]) Ara l-Kawża T-454/13 *SNCM vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:2017:134, il-punti 130 u 134.

(180) Storikament, l-objettivi segwiti mill-Italja ma ntlaħqux permezz tal-interazzjoni tal-forzi tas-suq waħedhom. L-adegwatezza ta' dawn is-servizzi kienet tradizzjonalment żgurata mill-impożizzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku fuq il-kumpaniji ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia għal dak il-għan u minquxa fil-Konvenzjonijiet inizjali. Il-Kummissjoni tinnota li r-rotot inkwistjoni ilhom jiġu operati, fil-biċċa l-kbira tagħhom kif inhuma issa, għal ħafna snin, jiġifieri tal-anqas mid-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni inizjali. L-Italja, u b'mod partikolari l-awtoritajiet reġjonali kkonċernati, qiesu li dawn is-servizzi kienu (u baqgħu) neċessarji sabiex jissodisfaw id-domanda tal-utenti.

(181) Fir-rigward tar-rotot tal-ġarr tal-merkanzija biss (jiġifieri l-Linja T3 u l-Linja T4), il-Kummissjoni tfakkar li l-Qorti Ġenerali diġà stabbiliet ([64]) li, biex ikun jista' jiġi kkaratterizzat bħala servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, is-servizz inkwistjoni mhux bilfors irid ikun jikkostitwixxi f'servizz universali *stricto sensu*. Il-kunċett ta' servizz universali ma jfissirx li s-servizz inkwistjoni jrid iwieġeb għal ħtieġa komuni għall-popolazzjoni kollha jew jiġi pprovdut fit-territorju ([65]) kollu iżda, minflok, li jservi l-interessi tas-soċjetà kollha kemm hi. Barra minn hekk, hija l-fehma tal-Kummissjoni li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma żżommx lill-Istati Membri milli jikkwalifikaw b'mod validu fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħhom ċerti servizzi marittimi ta' merkanzija lejn u minn żoni remoti bħala SGEI, dment li jiġu rrispettati l-prinċipji stabbiliti mir-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu.

(182) L-Italja spjegat li l-ħtiġijiet ta' servizz pubbliku huma marbuta mal-karatteristiċi ġeografiċi u soċjoekonomiċi speċjali tal-gżejjer fl-arċipelagu ta' Pontino. L-Artikolu 1 tal-kuntratt ta' servizz jistipula li s-servizzi mogħtija lil Laziomar huma *"[…] meħtieġa biex tinżamm il-kontinwità territorjali sabiex tiġi żgurata l-provvista ta' oġġetti, inklużi oġġetti speċjali, meħtieġa għall-funzjonament xieraq tas-servizzi pubbliċi u soċjali għall-gżejjer Pontini […]"*. Fir-rigward tal-gżira ta' Ponza, il-ħtieġa għall-kontinwità territorjali u l-provvista ta' oġġetti u oġġetti speċjali hija meħtieġa fid-dawl tad-distanza tagħha mill-Italja kontinentali (madwar 27 mil nawtiku minn Terracina) u l-għadd baxx tal-popolazzjoni tagħha (madwar 3 500 abitant). Konsiderazzjonijiet simili japplikaw għall-gżira ta' Ventotene (madwar 31 mil nawtiku minn Terracina u madwar 800 abitant). Il-frekwenza regolari ta' dawn is-servizzi ta' ġarr tal-merkanzija matul is-sena kollha tiżgura li anki fl-istaġun kwiet, meta jkun hemm anqas domanda mit-turisti, l-abitanti u l-kumpaniji ta' dawn il-gżejjer jibqgħu fornuti b'mod adegwat. Barra minn hekk, dawk is-servizzi jikkontribwixxu wkoll għall-iżvilupp ekonomiku taż-żewġ gżejjer billi jittrasportaw oġġetti u oġġetti speċjali (pereż. oġġetti perikoluż, skart solidu muniċipali, eċċ.) minn u lejn l-Italja kontinentali.

(183) Fir-rigward tas-servizzi tal-passiġġieri u dawk imħallta, biex turi d-domanda ġenwina, l-Italja pprovdiet statistika aggregata, li turi li fl-2012 Laziomar ittrasportat 240 430 passiġġier u 13 228 vettura fuq ir-rotot tas-servizz pubbliku kkombinati matul il-perjodi ta' żmien rispettivi koperti mill-obbligi ta' servizz pubbliku. Iċ-ċifri għall-2013 kienu ogħla (jiġifieri 254 167 passiġġier u 16 927 vettura). Dan juri li fis-sentejn ta' qabel ma Laziomar ġiet inkarigata bl-obbligi ta' servizz pubbliku tagħha, kien hemm domanda aggregata sinifikanti għas-servizzi tat-trasport marittimu fuq ir-rotot ikkonċernati (ara l-Premessa 291) għal statistika dettaljata dwar kull rotta għas-snin mill-2011 sal-2013).

(184) Biex tkompli turi li d-domanda tal-utenti baqgħet preżenti meta Laziomar bdiet topera fuq il-bażi tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid fuq ir-rotot kollha, l-Italja pprovdiet ukoll statistika aggregata sa tmiem l-2019 (ara t-Tabelli minn 6 sa 8). Dawn jikkonfermaw li d-domanda tal-utenti baqgħet preżenti, b'xi devjazzjonijiet żgħar, 'il fuq jew 'l isfel. Fi kwalunkwe każ, analiżi tal-istatistika rotta b'rotta għal kull sena sal-aħħar tal-2019 ma pprovdiet l-ebda indikazzjoni li d-domanda mill-utenti fuq rotot speċifiċi kienet se tisparixxi.

Tabella 6

Statistika tal-passiġġieri għas-snin 2014-2019

Sena	Linja T1	Linja T2	Linja T3	Linja T4	Linja A1	Linja A2	Linja A3	Għadd totali ta' passiġġieri
2014	125 720	63 376	30 812	1 509	36 474	58 680	40 000	356 571
2015	131 453	65 822	40 211	165	37 442	69 327	46 847	391 267
2016	141 720	81 572	45 006	308	42 209	60 263	37 981	409 959

([64]) Ara l-Kawża T-289/03 *BUPA u oħrajn vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:2008:29, il-paragrafu 186.

([65]) Ara l-Kawża 66/86 *Ahmed Saeed Flugreisen*, ECLI:EU:C:1989:140, il-paragrafu 55; il-Kawża C-266/96 *Corsica Ferries France*, ECLI:EU:C:1998:306, il-paragrafu 45; il-Kawża T-17/02 *Fred Olsen vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:2005:218, il-paragrafu 186 *et seq*.

2017	154 948	86 832	57 165	360	48 985	68 573	39 482	456 345
2018	160 304	85 310	59 642	168	58 013	68 405	37 226	447 581
2019	170 636	88 728	55 047	177	52 569	48 198	32 226	442 409

Tabella 7

Statistika tal-vetturi għas-snin 2014-2019

Sena	Linja T1	Linja T2	Linja T3	Linja T4	Linja A1	Linja A2	Linja A3	Għadd totali ta' vetturi [1]
2014	12 822	2 587	3 482	35				18 926
2015	12 874	2 819	3 212	390				19 295
2016	12 942	3 245	3 590	784				20 561
2017	13 796	3 331	3 772	324				21 223
2018	14 165	3 171	3 846	152				21 334
2019	14 011	3 242	3 316	172				20 741

[1] Il-vapuri użati fuq il-Linja T4, il-Linja A1, il-Linja A2 u l-Linja A3 ma jistgħux jittrasportaw vetturi.

Tabella 8

Merkanzija ttrasportata f'metri lineari għas-snin 2014-2019 [66]

Sena	Linja T3	Linja T4	Għadd totali ta' metri lineari
2014	206 514	16 367	222 881
2015	259 112	22 659	281 771
2016	281 229	23 230	304 459
2017	294 442	27 623	322 065
2018	310 736	14 256	324 992
2019	302 631	15 228	317 859

(185) Il-Kummissjoni tqis li l-istatistika ta' hawn fuq turi b'mod ċar li hemm domanda ġenwina għal servizzi tal-passiġġieri, imħallta u tal-merkanzija fuq kull waħda mir-rotot ta' servizz pubbliku rispettivi. Għalhekk, jista' jiġi konkluż li dawn is-servizzi jindirizzaw ħtiġijiet pubbliċi reali u jissodisfaw domanda ġenwina mill-utenti.

(2) **Eżistenza ta' falliment tas-suq**

(186) Skont il-paragrafu 48 tal-Komunikazzjoni dwar l-SGEI, "ma jkunx xieraq li tinkludi obbligi speċifiċi ta' servizz pubbliku ma' attività li qed tiġi diġà pprovduta jew li tista' tiġi pprovduta b'mod sodisfaċenti u taħt kundizzjonijiet, bħall-prezz, kriterji oġġettivi tal-kwalità, kontinwità u aċċess għas-servizz, konsistenti mal-interess pubbliku, kif definit mill-Istat, minn impriżi li joperaw skont il-kundizzjonijiet normali tas-suq [67]". Għalhekk, il-Kummissjoni trid teżamina jekk is-servizz ikunx inadegwat jekk il-forniment tiegħu jitħalla biss għall-forzi tas-suq fid-dawl tar-

[66] Għalkemm il-merkanzija tiġi ttrasportata fuq il-biċċa l-kbira tal-linji, din id-deċiżjoni tipprovdi biss informazzjoni dettaljata dwar il-merkanzija ttrasportata fuq il-Linja T3 u l-Linja T4, minħabba li l-kuntratt pubbliku ta' servizz jiddefinixxi ż-żewġ Linji bħala rotot tal-merkanzija għat-trasport ta' oġġetti u oġġetti speċjali.

[67] Ara l-Kawża C-205/99 *Analir u oħrajn*, ECLI:EU:C:2001:107, il-paragrafu 71.

rekwiżiti ta' servizz pubbliku imposti mill-Istat Membru bis-saħħa tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid. Il-paragrafu 48 tal-Komunikazzjoni dwar l-SGEI jinnota f'dan ir-rigward li "[l-]valutazzjoni tal-Kummissjoni hi limitata biss għal [...] li tiċċekkja jekk l-Istati Membri għamlux xi żball ovvju".

(187) Il-Kummissjoni tinnota li matul il-perjodu ta' żmien li wassal għall-iffirmar tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid ma' Laziomar, operaturi oħra offrew servizzi ta' mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma fuq ċerti rotot soġġetti għall-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid għalkemm mhux neċessarjament matul is-sena kollha, bl-istess frekwenza u l-istess tip ta' servizz. Fuq il-bażi tas-sitwazzjoni kompetittiva li ppreċediet il-mument tal-inkarigu fil-15 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni se tivvaluta għal kull waħda mir-rotot ikkonċernati jekk is-servizzi pprovduti minn operaturi oħra kinux ekwivalenti għal dawk li Laziomar kellha tipprovdi bil-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid.

(188) It-Tabella 9 turi s-sitwazzjoni kompetittiva fuq kull waħda mir-rotot maħduma minn Laziomar fiż-żmien tal-att ta' inkarigu:

Tabella 9

Is-sitwazzjoni kompetittiva fuq ir-rotot operati minn Laziomar

Rotta	Laziomar (vjaġġi matul is-sena kollha)	Kompetituri
Formia – Ponza **(il-Linja T1)**	Servizz imħallat (passiġġieri, vetturi u merkanzija)	Ħadd
Formia – Ventotene **(il-Linja T2)**	Servizz imħallat (passiġġieri, vetturi u merkanzija)	Ħadd
Terracina – Ponza **(il-Linja T3)** – rotta ġdida	Servizz tal-merkanzija u mħallat b'medja ta': — Minn Jannar sa Marzu u minn Ottubru sa Diċembru erba' vjaġġi (fil-ġimgħa) - servizz tal-merkanzija biss — F'April u f'Settembru erba' vjaġġi (fil-ġimgħa) - servizz tal-merkanzija biss, u erba' vjaġġi (fil-ġimgħa) - servizz imħallat — Minn Mejju sa Awwissu ħames vjaġġi (fil-ġimgħa) - servizz tal-merkanzija biss, u ħames vjaġġi (fil-ġimgħa) - servizz imħallat	Navigazione Libera del Golfo ('**NLG**'), servizz tal-passiġġieri biss b'medja ta': — Minn April sa Mejju u minn Settembru sa Ottubru tliet vjaġġi (fil-ġimgħa) — Minn Ġunju sa Awwissu minn wieħed sa żewġ vjaġġi (kuljum)
Terracina – Ventotene **(il-Linja T4)** – rotta ġdida	Servizz tal-merkanzija b'medja ta': — Minn Jannar sa Marzu u minn Ottubru sa Diċembru vjaġġ wieħed (fil-ġimgħa) — F'April u f'Settembru, żewġ vjaġġi (fil-ġimgħa) — Minn Mejju sa Awwissu, ħames vjaġġi (fil-ġimgħa)	Servizz tal-passiġġieri biss ta' **NLG** (bħala estensjoni għal-**il-Linja T3**) bi vjaġġ wieħed biss fil-ġimgħa minn Lulju sa Awwissu
Anzio – Ponza **(il-Linja A1)**	Servizz tal-passiġġieri (aliskaf) bejn Ġunju u Settembru bi vjaġġ wieħed kuljum u tnejn nhar ta' Ġimgħa, fi tmiem il-ġimgħa u fil-btajjel bankarji	**Vetor**, servizz tal-passiġġieri b'medja ta': — Minn Ġunju sa Lulju minn tnejn sa tliet vjaġġi matul il-jiem tal-ġimgħa u minn erbgħa sa ħamsa matul tmiem il-ġimgħa (kuljum - ara l-Premessa 192) — F'Awwissu tlieta sa erba' vjaġġi matul il-jiem tal-ġimgħa u minn erbgħa sa ħamsa matul tmiem il-ġimgħa (kuljum) — F'Settembru vjaġġ wieħed (kuljum - ara l-Premessa 192)

Formia – Ponza **(il-Linja A2)**	Servizz tal-passiġġieri (aliskaf)	Ħadd
Formia – Ventotene **(il-Linja A3)**	Servizz tal-passiġġieri (aliskaf)	Ħadd

(189) Il-Kummissjoni tqis, kif jidher b'mod ċar fit-Tabella 9, li s-servizzi offruti minn Laziomar ma humiex sostitwibbli għal dawk offruti minn kompetituri oħra, billi dawn tal-aħħar ma jaqdux jew ma jaqdux b'mod sħiħ l-obbligi ta' servizz pubbliku stabbiliti fil-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid ma' Laziomar. Madankollu, fuq erbgħa mis-seba' rotot, ma hemm ebda operatur ieħor minbarra Laziomar li joffri s-servizz (Linji T1, T2, A2 u A3). B'riżultat ta' dan, l-obbligi ta' servizz pubbliku stabbiliti fil-kuntratt ma' Laziomar għall-operat ta' dawk ir-rotot huma ġġustifikati minn ħtieġa pubblika ġenwina li tiġi żgurata l-kontinwità territorjali, billi dan ma jistax jiġi ssodisfat mis-suq waħdu.

(190) Fir-rigward tar-rotot fejn operaturi oħra joffru wkoll servizzi (il-Linji T3, T4 u A1), il-Kummissjoni tqis li hemm differenzi kbar fir-rigward tat-tip, ir-regolarità, il-kapaċità u l-prezz tas-servizzi offruti, għar-raġunijiet spjegati fid-dettall fil-paragrafi li ġejjin.

(191) Għal-Linji T3 u T4, Laziomar tagħmel vjaġġi matul is-sena kollha b'mod kontinwu, filwaqt li l-operatur l-ieħor, NLG, ma joffrix dan is-servizz kontinwu matul is-sena kollha u lanqas ma jagħmel dan fl-istess livell ta' frekwenza bħal Laziomar. Barra minn hekk, Laziomar toffri servizzi mħallta tal-merkanzija (il-Linja T3) u tal-merkanzija (il-Linja T4) billi tuża bastiment b'kapaċità li jittrasporta merkanzija, vetturi u sa 400 passiġġier, filwaqt li NLG tuża inġenju ta' veloċità għolja għat-trasport tal-passiġġieri biss. Fl-aħħar nett, hemm differenza sinifikanti fil-prezz bejn iż-żewġ operaturi. Għal-Linja T3, fejn iż-żewġ operaturi jittrasportaw il-passiġġieri (għall-kuntrarju tal-Linja T4 li hija servizz tal-merkanzija għal Laziomar), il-prezz offrut minn NLG huwa mmirat lejn is-settur turistiku (pereż. biljett għall-adulti f'direzzjoni waħda jiswa bejn EUR 24 u EUR 26 u għat-tfal sa 12-il sena minn EUR 13 sa EUR 15). Min-naħa l-oħra, is-servizz ta' Laziomar huwa soġġett għall-obbligi ta' nollijiet ta' servizz pubbliku (pereż. biljett għall-adulti f'direzzjoni waħda jiswa EUR 10 u għat-tfal sa 12-il sena EUR 5) u japplikaw nollijiet soċjali għar-residenti u għal dawk li jivvjaġġaw għax-xogħol (biljett f'direzzjoni waħda jiswa madwar EUR 3.50). B'riżultat ta' dan, mingħajr is-servizz ta' Laziomar fuq dawk ir-rotot partikolari, il-ħtieġa ta' servizz pubbliku għall-konnettività regolari ta' dik il-gżira mal-Italja kontinentali ma tkunx issodisfata, billi NLG ma setgħetx tipprovdi l-istess servizzi u bl-istess kundizzjonijiet bħal Laziomar matul il-perjodu kollu tal-kuntratt.

(192) Fir-rigward tal-Linja A1, kemm Laziomar kif ukoll il-kompetitur tagħha, Vetor, iħaddmu servizz tal-passiġġieri biss matul l-istaġun tas-sajf (bejn Ġunju u Settembru). Madankollu, l-Italja pprovdiet informazzjoni li turi li s-servizz ta' Vetor huwa mmirat prinċipalment lejn is-settur turistiku u jiġi pprovdut taħt kundizzjonijiet tas-suq. Għalkemm, skont l-iskeda taż-żmien tal-2013 (jiġifieri s-sena ta' qabel il-konklużjoni tal-att ta' inkarigu ma' Laziomar) kif muri fit-Tabella 9, Vetor tidher li kienet tagħmel vjaġġi aktar ta' spiss minn Laziomar, il-Kummissjoni tinnota li s-servizz ma kienx ipprovdut kontinwament fuq bażi ta' kuljum. B'mod aktar speċifiku, is-servizz ma ngħatax fl-4, fil-5, fil-11 u fit-12 ta' Ġunju 2013 u bejn l-10 u t-12 u s-16 sal-20 ta' Settembru 2013. Fis-snin sussegwenti tal-perjodu ta' inkarigu, l-informazzjoni ppreżentata mill-Italja turi li s-servizz ipprovdut minn Vetor ukoll ma żgurax konnettività ta' kuljum fuq din ir-rotta. Pereżempju, fl-2018 Vetor ma pprovdietx is-servizz fil-5 u fis-6 ta' Ġunju u fis-17 sal-20 ta' Settembru. B'mod ġenerali, għalhekk, il-frekwenzi tas-servizz ta' Vetor ivarjaw skont ix-xahar.

(193) Barra minn hekk, skont il-kuntratt ta' servizz, Laziomar hija soġġetta għal obbligi ta' servizz pubbliku f'termini ta' kontinwità u kwalità. Madankollu, f'każ ta' nuqqas ta' vjaġġar mingħajr raġuni xierqa, Laziomar hija soġġetta għal tnaqqis korrispondenti fit-tariffi u għal penali. Barra minn hekk, l-obbligu ta' kwalità jimplika li Laziomar trid tikkonforma ma' standards minimi preċiżi f'termini, fost l-oħrajn, ta' affidabbiltà, kundizzjonijiet iġjeniċi u kumdità tal-vjaġġ. Min-naħa l-oħra Vetor, li ma hijiex soġġetta għall-obbligi ta' servizz pubbliku, ma hijiex maħsuba biex tissodisfa standards għoljin ta' kwalità waqt li tkun qiegħda tipprovdi s-servizz. Barra minn hekk, mill-perspettiva tal-kapaċità tat-trasport, il-bastiment ta' Laziomar jista' jakkomoda massimu ta' 300 passiġġier, meta mqabbel ma' madwar 150 passiġġier li jistgħu jiġu ttrasportati bl-aliskaf ta' Vetor.

(194) Fl-aħħar nett, hemm differenza sinifikanti fil-prezz bejn iż-żewġ operaturi. Il-prezz offrut minn Vetor huwa mmirat prinċipalment lejn is-settur turistiku (pereż. biljett għall-adulti f'direzzjoni waħda jiswa EUR 36 li jiżdied għal EUR 46 matul tmiem il-ġimgħa, filwaqt li biljett għat-tfal sa 12-il sena jiswa EUR 18), filwaqt li toffri noll tar-residenti għal EUR 23. Vetor hija libera wkoll li tiddetermina l-prezz tal-biljetti tagħha u taġġustah kif xieraq fuq bażi purament kummerċjali. Min-naħa l-oħra, is-servizz ta' Laziomar huwa soġġett għall-obbligi ta' nollijiet ta' servizz pubbliku (pereż. biljett għall-adulti f'direzzjoni waħda jiswa EUR 23,40 u għat-tfal sa 12-il sena EUR 11,70)

u japplikaw nollijiet soċjali għar-residenti u għal dawk li jivvjaġġaw għax-xogħol (pereż. biljett f'direzzjoni waħda jiswa biss EUR 7). B'riżultat ta' dan, mingħajr is-servizz ta' Laziomar fuq dik ir-rotta partikolari, il-ħtieġa ta' servizz pubbliku għall-konnettività regolari ta' dik il-gżira mal-Italja kontinentali bi prezzijiet li jistgħu jintlaħqu ma tkunx issodisfata, billi Vetor ma setgħetx tipprovdi l-istess servizzi u bl-istess kundizzjonijiet bħal Laziomar matul il-perjodu kollu tal-kuntratt.

(195) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li, fil-mument tal-inkarigu ta' Laziomar, il-forzi tas-suq waħedhom ma kinux biżżejjed biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' servizz pubbliku. Fuq għadd ta' rotot, Laziomar kienet l-uniku operatur filwaqt li fuq ir-rotot l-oħra s-servizzi pprovduti mill-kompetituri fl-arċipelagu ta' Pontino ma kinux ekwivalenti f'termini ta' kontinwità, regolarità, kapaċità u kwalità u għalhekk ma kinux jissodisfaw b'mod sħiħ il-ħtiġijiet ta' servizz pubbliku stabbiliti fil-kuntratt ta' servizz il-ġdid ma' Laziomar.

(3) **Approċċ l-anqas dannuż**

(196) Il-Kummissjoni tinnota li l-Italja għażlet li tikkonkludi kuntratt ta' servizz pubbliku ma' operatur wieħed (Laziomar) pjuttost milli timponi obbligi ta' servizz pubbliku fuq l-operaturi kollha interessati li jservu r-rotot involuti. Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Italja, il-Kummissjoni taċċetta li d-domanda tal-utenti ma setgħetx tiġi ssodisfata billi jiġu imposti obbligi ta' servizz pubbliku (ara l-Premessa 180). B'mod partikolari, fuq diversi rotot, Laziomar hija l-uniku operatur u fejn dan ma huwiex il-każ, l-offerta pprovduta mill-operaturi l-oħra ma tissodisfax ir-rekwiżiti (kollha) ta' regolarità, ta' kontinwità u ta' kwalità. Barra minn hekk, l-operat tal-biċċa l-kbira tar-rotot, speċjalment matul l-istaġun kwiet, jagħmel it-telf, u għalhekk, mingħajr kumpens għal servizz pubbliku, lanqas biss kienu jiġu operati. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tieħu nota tal-argument tal-Italja li l-għażla għal kuntratt ta' servizz pubbliku kienet meħtieġa wkoll fid-dawl tal-privatizzazzjoni ta' Laziomar. B'mod aktar speċifiku, l-Italja targumenta li l-offerta ta' Laziomar flimkien ma' kuntratt ta' servizz pubbliku ġdid kienet tippermetti li (i) tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz pubbliku marittimu, u (ii) li jiġi massimizzat il-valur għall-Istat. Huwa għal dawn ir-raġunijiet li l-Kummissjoni qablet (ara l-Premessa 89) li l-Italja kienet se toħroġ sejħa għall-offerti għall-attività kummerċjali ta' Laziomar flimkien ma' kuntratt ta' servizz pubbliku ġdid. B'dan il-mod, il-Kummissjoni aċċettat ukoll, u terġa' ssostni f'din id-Deċiżjoni, li l-Italja ma setgħetx tibbaża fuq obbligi ta' servizz pubbliku li japplikaw għall-operaturi kollha iżda li pjuttost tikkonkludi kuntratt ta' servizz pubbliku ma' Laziomar biss.

Konklużjoni

(197) Fuq il-bażi tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Italja ma għamlitx żball ovvju meta ddefiniet is-servizzi fdati lil Laziomar bħala SGEI. B'hekk, id-dubji espressi mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-2012 ġew eliminati.

(198) Biex tikkonkludi li l-ewwel kriterju tas-sentenza *Altmark* huwa rrispettat, il-Kummissjoni xorta trid tivverifika jekk Laziomar ġietx inkarigata b'obbligi ta' servizz pubbliku, li kienu definiti b'mod ċar. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li l-obbligi ta' servizz pubbliku huma deskritti b'mod ċar fil-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid u fl-annessi tiegħu (li jinkludu pereżempju l-ispeċifikazzjonijiet tal-vapuri għal kull rotta). Bl-istess mod, ir-regoli li jirregolaw il-kumpens huma spjegati fid-dettall fil-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid, fil-Liġi tal-2009 u fid-Direttiva CIPE. Il-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid għandu wkoll tul ta' żmien ċar (10 snin), jidentifika lil Laziomar bħala l-operatur tas-servizz pubbliku u fih l-arranġamenti biex jiġi evitat u rkuprat kwalunkwe kumpens żejjed (ara wkoll il-Premessa (215). Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ewwel kriterju tas-sentenza *Altmark* huwa rrispettat.

Prijorità tal-irmiġġ

(199) L-Artikolu 19-*ter*, il-paragrafu 21 tal-Liġi tal-2009 jispeċifika b'mod ċar li l-prijorità tal-irmiġġ hija neċessarja sabiex tiġi garantita l-kontinwità territorjali mal-gżejjer u fid-dawl tal-obbligi ta' servizz pubbliku tal-kumpaniji ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia, inkluża Laziomar. Kieku l-kumpaniji inkarigati bl-obbligi ta' servizz pubbliku ma kellhomx prijorità tal-irmiġġ, jista' jkun il-każ li (xi drabi) ikollhom jistennew sakemm ikun imiss lilhom jitrakkaw u, għalhekk, iġarrbu dewmien, li jmur kontra l-iskop li tiġi żgurata konnettività affidabbli u konvenjenti għaċ-ċittadini. Biex jiġu ssodisfati l-eżiġenzi ta' mobbiltà tal-popolazzjoni tal-gżejjer u sabiex tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku tal-gżejjer ikkonċernati huwa assolutament neċessarju li jkun hemm skeda regolari. Barra minn hekk, billi fil-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid hemm obbligi speċifiċi tal-ħinijiet skedati tat-tluq għar-rotot ta' servizz pubbliku, il-prijorità tal-irmiġġ tgħin sabiex jiġi żgurat li l-portijiet jallokaw l-irmiġġi u l-ħinijiet tal-irmiġġ b'tali mod li jippermettu lill-operatur tas-servizz pubbliku jirrispetta l-obbligi ta' servizz pubbliku tiegħu. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tqis li din il-miżura hija mogħtija biex tippermetti lil Laziomar twettaq l-obbligi tagħha ta' servizz pubbliku, li jikkostitwixxu f'SGEI ġenwin (ara l-Premessa 197). Barra minn hekk, l-Italja kkonfermat li l-prijorità tal-irmiġġ hija applikabbli biss għas-servizzi pprovduti bis-sistema ta' servizz pubbliku. Għalhekk, il-prijorità tal-irmiġġ tikkonforma wkoll mal-ewwel kundizzjoni tas-sentenza *Altmark*.

5.1.2.2. Altmark 2

(200) Il-Kummissjoni tfakkar li fid-Deċiżjoni tal-2012 (ara l-paragrafu 205 tagħha), hija kienet tal-fehma preliminari li t-tieni kriterju tas-sentenza *Altmark* huwa rispettat.

(201) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tinnota li l-parametri li fuq il-bażi tagħhom ġie kkalkolat il-kumpens ġew stabbiliti minn qabel u josservaw ir-rekwiżiti ta' trasparenza f'konformità mat-tieni kriterju tas-sentenza *Altmark*.

(202) B'mod aktar speċifiku, il-parametri li fuq il-bażi tagħhom ġie kkalkolat il-kumpens huma spjegati fid-dettall fid-Direttiva CIPE u ġew applikati fil-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid (u l-annessi għalih) filwaqt li l-ammonti massimi ta' kumpens huma stabbiliti fil-Liġi tal-2009. Il-metodu tal-kalkolu tal-kumpens, inkluż pereżempju l-elementi tal-ispejjeż ikkunsidrati, huma spjegati fid-Direttiva CIPE. Billi l-prijorità tal-irmiġġ ma tinvolvix kumpens finanzjarju għal Laziomar, il-Kummissjoni tqis li din il-miżura tikkonforma mat-tieni kriterju ta' *Altmark*.

(203) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li t-tieni kundizzjoni tas-sentenza *Altmark* hija rispettata.

5.1.2.3. Altmark 3

(204) Skont it-tielet kundizzjoni tas-sentenza *Altmark*, il-kumpens li ngħata għat-twettiq tal-SGEI ma jistax jaqbeż dak li huwa neċessarju biex ikopri l-ispejjeż kollha jew parti mill-ispejjeż imġarrba fit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku, billi jitqiesu l-irċevuti rilevanti u profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawk l-obbligi.

(205) Madankollu, is-sentenza *Altmark* ma tipprovdix definizzjoni preċiża tal-profitt raġonevoli. Skont il-Komunikazzjoni dwar l-SGEI, jenħtieġ li profitt raġonevoli jinftiehem bħala r-rata ta' redditu fuq il-kapital li tkun meħtieġa minn kumpanija tipika li tkun qiegħda tikkunsidra jekk tipprovdix is-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali jew le għat-tul taż-żmien kollu tal-inkarigu, wara li tqis il-livell tar-riskju. Il-livell tar-riskju jiddependi mis-settur ikkonċernat, mit-tip ta' servizz u mill-karatteristiċi tal-mekkaniżmu ta' kumpens.

(206) Fid-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-proporzjonalità tal-kumpens imħallas lill-kumpaniji ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia, inkluża Laziomar mill-2014. B'mod partikolari, fir-rigward tal-kumpens imħallas mill-2010, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-primjum tar-riskju fiss ta' 6,5 % ma kienx jirrifletti livell xieraq ta' riskju minħabba li *prima facie* Laziomar ma kinitx tidher li qiegħda tassumi r-riskji li normalment jiġġarrbu fl-operat ta' tali servizzi. B'mod aktar speċifiku, l-elementi ta' spiża għall-fini tal-kalkolu tal-kumpens jinkludu l-ispejjeż kollha involuti fil-provvista tas-servizz u l-varjazzjonijiet pereżempju fil-prezzijiet tal-fuel ittieħdu inkunsiderazzjoni. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni qieset f'dak l-istadju li Laziomar setgħet ġiet ikkumpensata żżejjed.

(207) Il-Kummissjoni tinnota li ċerti aspetti tal-metodu ta' kumpens kif stabbilit fil-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid, jidhru li jnaqqsu r-riskju kummerċjali mġarrab minn Laziomar. B'mod partikolari, in-nollijiet massimi li Laziomar tista' timponi jiġu aġġustati kull sena biex titqies l-inflazzjoni u jiġu riflessi l-varjazzjonijiet fl-indiċi tal-prezzijiet għall-konsumatur. Barra minn hekk, il-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid fih ċerti klawżoli (ara l-Premessa 78) li l-għan tagħhom huwa li jinżamm l-ekwilibriju ekonomiku-finanzjarju tas-servizz pubbliku. B'mod partikolari, f'każ li l-kumpens għal servizz pubbliku ma jkunx biżżejjed sabiex ikopri l-ispiża tas-servizzi inkarigati mill-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid, dawn il-klawżoli jippermettu reviżjoni (i) tas-sistema tariffarja, (ii) tal-portata tas-servizzi pubbliċi offruti, (iii) tan-nollijiet massimi fis-sena, u (iv) tal-għotjiet kapitali għall-investimenti.

(208) Skont l-Artikolu 25 tal-kuntratt, meta jkun hemm diskrepanza fil-bilanċ ekonomiku u finanzjarju tagħha, Laziomar tista' titlob riekwilibriju billi tippreżenta proposta lir-Reġjun tal-Lazio. Din il-proposta mbagħad tiġi ppreżentata lill-Kumitat Tekniku responsabbli għall-ġestjoni tal-kuntratt.

(209) Għalkemm dawn is-salvagwardji jidhru li jnaqqsu r-riskju kummerċjali mġarrab minn Laziomar, il-Kummissjoni tqis li l-kumpanija tibqa' esposta għar-riskju li l-kumpens jista' ma jkunx suffiċjenti biex ikopri l-ispejjeż tat-tħaddim tas-servizz. Il-proposta ta' riekwilibriju tista' mhux dejjem tiġi aċċettata, billi r-Reġjun tal-Lazio għandu jiddeċiedi fuq il-merti u jadotta d-deċiżjoni tiegħu wara li jkun kiseb l-opinjoni tal-Kumitat Tekniku fi żmien 90 jum minn meta Laziomar tippreżenta t-talba tagħha. Sakemm tiġi adottata deċiżjoni, Laziomar trid ikompli topera s-servizz pubbliku mingħajr ebda tibdil. Kif sostnut mill-Italja, dan il-mekkaniżmu huwa diffiċli u strett ħafna biex jiġi applikat, u għalhekk Laziomar sa issa għadha ma użatx din il-possibbiltà.

(210) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li mhux il-kategoriji ta' spiża kollha huma soġġetti għal kontribuzzjoni ta' riekwilibriju. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 25 tal-kuntratt pubbliku ta' servizz, l-ispejjeż relatati ma' ineffiċjenzi maniġerjali, l-imposti finanzjarji, kwalunkwe żieda fil-kostijiet unitarji lavorattivi biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti legali tax-xogħol u kwalunkwe spiża relatata mal-politika kummerċjali applikata minn Laziomar jenħtieġ li jitħallsu minn Laziomar innifisha. Għalhekk, Laziomar tibqa' inċentivata biex taħdem b'mod effiċjenti u bl-anqas spiża għall-komunità.

(211) Kif imsemmi fil-Premessi minn 48 sa 52, id-Direttiva CIPE tipprevedi l-użu ta' primjum tar-riskju ta' 6,5 % biex jiġi ddeterminat ir-redditu fuq il-kapital bl-użu tal-formula tad-WACC. Madankollu, fil-prattika, ir-rata ta' 6,5 % ġiet applikata bħala rata fissa ta' redditu fuq il-kapital (ara wkoll il-Premessa 136).

(212) F'dan il-kuntest, irrispettivament mill-ammont kumpensatorju li Laziomar tkun intitolata għalih, b'kont meħud tal-primjum tar-riskju ta' 6,5 %, Laziomar qatt ma tista' tirċievi aktar mill-ammont massimu stabbilit mill-kuntratt pubbliku ta' servizz (ara l-Premessa 76). F'konformità mal-paragrafu 47 tal-Qafas SGEI tal-2011, il-Kummissjoni tivvaluta jekk kienx hemm kumpens żejjed tul iż-żmien kollu tal-kuntratt. Kif muri fit-Tabella 10, iċ-ċifri għall-perjodu 2014-2019 juru li l-kumpens reali għas-servizz pubbliku riċevut kien (bl-eċċezzjoni tal-ammonti għall-2016 u għall-2018 – li kienu għadhom anqas mil-limitu miftiehem skont il-kuntratt, jiġifieri EUR 13 524 536) insuffiċjenti biex ikopri l-ispiża netta tas-servizz (jiġifieri EUR 80 173 862 imħallsa għal spiża nett ta' EUR 80 397 000) anki qabel ma jitqies primjum tar-riskju ta' 6,5 % (jiġifieri EUR 1 928 000). Essenzjalment, għall-perjodu 2014-2019, Laziomar irċeviet madwar EUR 2 150 000 anqas mill-ammont eliġibbli (jiġifieri EUR 82 325 000 (kumpens eliġibbli) nieqes EUR 80 173 862 (kumpens reali), kif ikkalkulat bl-użu tal-metodoloġija li tinkludi ir-redditu ta' 6,5 % fuq il-kapital. Dan ifisser li, fil-prattika, Laziomar ma rċevietx l-ammont ikkalkulat bħala redditu fuq il-kapital. Fir-realtà, ir-redditu fuq il-kapital ta' Laziomar għall-perjodu kollu kemm hu (sal-2019) kien żero minflok 6,5 % inizjalment previst mill-Italja ([68]). Dawn iċ-ċifri jikkonfermaw li d-dispożizzjonijiet ta' riekwilibriju tal-Artikolu 25 tal-kuntratt ma jipproteġux lil Laziomar mir-riskji kollha relatati mal-operat tas-servizz pubbliku.

Tabella 10

Spiża netta tas-servizz pubbliku mħaddem minn Laziomar għall-perjodu 2014-2019

(EUR)

Missjoni ta' servizz pubbliku ta' Laziomar	2014	2015	2016	2017	2018	2019	Total kumples-siv
Dħul totali	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
- Spejjeż totali	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
- Amortizzament	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]

([68]) L-ammont totali ta' kumpens riċevut minn Laziomar matul il-perjodu 2014-2019 kien anqas mill-ispiża netta mġarrba fil-forniment tas-servizz pubbliku, mingħajr ma jitqies l-ebda redditu fuq il-kapital.

= Spiża netta tas-servizz pubbliku	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
+ Redditu fuq il-kapital (6,5 %)	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
= Eliġibbli għal kumpens	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
+ Kumpens reali	EUR 13 375 00-000	EUR 13 376 0-000	EUR 13 330 0-000	EUR 13 370 0-070	EUR 13 356 2-282	EUR 13 366 5-510	EUR 80 173 8-862
= Kumpens żejjed/nieqes	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	EUR - 2 151 138

(213) Fir-rigward tal-livell tal-profitt raġonevoli, matul l-investigazzjoni formali (ara l-Premessa 136), l-Italja kkjarifikat li, minħabba li l-ammont ta' kumpens huwa limitat mil-Liġi tal-2009, ittieħdet id-deċiżjoni li l-kalkolu jiġi ssimplifikat billi tiġi applikata rata fissa ta' 6,5 % ta' redditu fuq il-kapital. L-Italja tqis li l-approċċ simplifikat tagħha huwa konservattiv u ma jippermettix li Laziomar tirċievi kumpens ogħla minn dak li ġie stabbilit skont id-Direttiva CIPE.

(214) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni qabblet ir-redditu fuq il-kapital użat ta' 6,5 % li ġie applikat għal Laziomar mar-redditu medjan fuq il-kapital iġġenerat minn grupp ta' referenza fl-2013 (is-sena ta' qabel l-inkarigu ta' Laziomar). Il-grupp ta' referenza jikkonsisti f'operaturi magħżula ta' mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma li offrew konnessjonijiet marittimi fl-Italja jew bejn l-Italja u Stati Membri oħra ([69]). L-analiżi turi li r-redditu fuq il-kapital applikat għal Laziomar huwa simili għar-redditu medjan iġġenerat mill-kumpaniji fil-grupp ta' referenza. Dan it-tqabbil juri li fis-sena ta' qabel l-inkarigu ta' Laziomar, redditu fuq il-kapital ta' 6,5 % ma kienx irraġonevoli.

(215) Il-Kummissjoni tinnota wkoll b'mod pożittiv li l-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid jirrikjedi li kull sena Laziomar tibgħat il-kontijiet ta' ġestjoni tagħha (suddiviżi għal kull rotta u ċċertifikati minn awditur indipendenti) lill-Ministeru tal-Infrastruttura u t-Trasport biex dan tal-aħħar ikun jista' jivverifika jekk kienx hemm xi kumpens żejjed. Dan jipprovdi salvagwardja addizzjonali biex jiġi żgurat li Laziomar ma tkunx tista' tibbenefika minn xi kumpens żejjed. L-Italja ppreżentat ukoll dawn il-kontijiet ta' ġestjoni għall-perjodu 2014-2019 u b'hekk il-Kummissjoni setgħet tagħmel il-kalkoli fit-Tabella 10.

(216) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kumpens għal servizz pubbliku mogħti lil Laziomar ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ biex jiġu koperti l-ispejjeż imġarrba fit-twettiq tal-obbligi tagħha ta' servizz pubbliku, b'kont meħud tad-dħul rilevanti u profitt raġonevoli. B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni tqis li l-primjum tar-riskju ta' 6,5 % previst mid-Direttiva CIPE, għandu jiġi valutat flimkien mal-ammont massimu ta' kumpens stabbilit fil-kuntratt pubbliku ta' servizz. Fid-dawl ta' dan, ir-redditu fuq il-kapital li Laziomar setgħet tistenna minn perspettiva *ex ante* kien konsistenti mar-riskji li kienet tiffaċċja meta topera s-servizzi pubbliċi skont il-kuntratt pubbliku ta' servizz. Għalhekk, id-dubji tal-Kummissjoni dwar il-konformità mat-tielet kundizzjoni tas-sentenza *Altmark* huma eliminati.

(217) Fir-rigward tal-prijorità tal-irmiġġ u kwalunkwe kumpens żejjed possibbli li jista' jirriżulta minnha, il-Kummissjoni tinnota li sal-punt li din il-miżura tnaqqas l-ispejjeż operatorji jew iżżid id-dħul tal-operatur tas-servizz pubbliku, dawn l-effetti jkunu riflessi b'mod sħiħ fil-kontijiet interni tal-operatur. L-analiżi tal-Kummissjoni (ara l-Premessa 212) ikkonfermat li fil-perjodu 2014-2019 Laziomar ma rċevietx kumpens żejjed. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li anki l-prijorità tal-irmiġġ tikkonforma mat-tielet kriterju tas-sentenza *Altmark*.

([69]) Dan jikkonċerna b'mod partikolari lil Minoan Lines Shipping, La Méridionale, Moby, Grandi Navi Veloci, Libertylines, Grimaldi Group, Corsica Ferries, SNAV, u Caronte & Tourist. Kumpaniji oħra ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia (pereż. Caremar, CIN, Siremar) ġew eskluży mill-grupp ta' referenza.

5.1.2.4. Altmark 4

(218) Ir-raba' kriterju tas-sentenza *Altmark* ikun issodisfat jekk il-benefiċjarju tal-kumpens għall-operat ta' SGEI jkun intgħażel wara proċedura tal-offerti li tippermetti li jintgħażel l-offerent li jkun kapaċi jipprovdi l-SGEI bl-anqas spiża għall-komunità jew, fin-nuqqas ta' dan, il-kumpens ikun ġie kkalkolat b'referenza għall-ispejjeż ta' impriża effiċjenti.

(219) Skont il-paragrafu 63 tal-Komunikazzjoni dwar l-SGEI, l-aktar mod sempliċi sabiex l-awtoritajiet pubbliċi jissodisfaw ir-raba' kriterju tas-sentenza *Altmark* huwa li jagħmlu proċedura ta' akkwist pubbliku miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja f'konformità mad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([70]) u mad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([71]).

(220) Il-Kummissjoni tosserva li f'dan il-każ, il-proċedura tal-offerti tnediet qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([72]) (li tapplika għall-kuntratti pubbliċi mogħtija għall-operat tas-servizzi tat-trasport marittimu) u tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([73]). F'dak iż-żmien, id-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE kienu għadhom fis-seħħ. Madankollu, id-Direttiva 2004/17/KE ma tapplikax għas-servizzi tat-trasport marittimu, bħal dawk ipprovduti minn Laziomar. L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2004/17/KE jagħmilha ċara li huma biss is-servizzi tat-trasport bil-ferrovija, b'sistemi awtomatizzati, bit-trammijiet, bit-trolley bus, bil-karozza tal-linja jew bil-cable li huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

(221) Il-kuntratti pubbliċi mogħtija mill-awtoritajiet kontraenti fil-kuntest tal-attivitajiet ta' servizz tagħhom għat-trasport marittimu, kostali jew tax-xmajjar jaqgħu minflok fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/18/KE fuq il-bażi tal-Premessa (20) tagħha. Madankollu, is-servizzi tat-trasport bl-ilma huma elenkati wkoll fl-Anness II B ta' dik id-Direttiva li jimplika ([74]) li huma soġġetti biss għall-Artikoli 23 u 35(4) tagħha. Dan ifisser li, skont id-Direttiva 2004/18/KE, kuntratt pubbliku għas-servizzi tat-trasport marittimu huwa soġġett biss għall-obbligi li jikkonċernaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi (l-Artikolu 23) u għall-obbligu li jiġi ppubblikat avviż ta' għoti ta' kuntratt (wara l-għoti tal-kuntratt u, għalhekk, fl-aħħar, u mhux fil-bidu, tal-proċedura tal-għoti: l-Artikolu 35(4). Ir-regoli l-oħra kollha stabbiliti bid-Direttiva 004/18/KE – inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-kontenut tal-avviżi li għandhom jiġu ppubblikati (l-Artikolu 36(1) u d-dispożizzjonijiet dwar il-kriterji tal-għażla (l-Artikoli minn 45 sa 52) – ma japplikawx għal kuntratti pubbliċi ta' servizzi ta' trasport marittimu.

(222) Barra minn hekk, fi kwalunkwe każ id-Direttiva 2004/18/KE ma tapplikax għal konċessjonijiet ta' servizzi kif definit fl-Artikolu 1(4) tagħha ([75]). Il-Kummissjoni tinnota li l-konċessjonijiet ta' servizzi (u l-kuntratti pubbliċi), li għandhom ċertu interess transfruntier xorta jibqgħu soġġetti għall-prinċipji ġenerali tat-Trattat ta' trasparenza u trattament indaqs.

(223) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li d-Direttiva 2004/18/KE tista' tapplika biss fil-każ ta' kuntratt pubbliku iżda mhux fir-rigward ta' konċessjoni ta' servizz. Barra minn hekk, billi dan il-każ jikkonċerna servizzi ta' trasport bl-ilma soġġetti għal kuntratt pubbliku ta' servizz, kif imsemmi qabel, japplikaw biss uħud mir-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tqis li ma tistax tibbaża biss fuq il-konformità mad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku biex turi dik il-konformità mar-raba' kriterju tas-sentenza *Altmark*. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni sussegwentement tivvaluta jekk il-proċedura tal-offerti użata mill-Italja

([70]) Id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1).

([71]) Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114).

([72]) Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

([73]) Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

([74]) Skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2004/18/KE.

([75]) L-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2004/18/KE jistipula: "*'Konċessjoni tas-servizz' huwa kuntratt tal-istess tip bħal kuntratt għas-servizz pubbliku minbarra li l-konsiderazzjoni għall-dispożizzjoni tas-servizzi jikkonsisti jew waħdu fid-dritt li jesplojta s-servizz jew f'dan id-dritt kif ukoll bi ħlas.*"

kinitx kompetittiva, trasparenti, nondiskriminatorja u inkondizzjonata. Biex tagħmel din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq il-gwida rilevanti stabbilita fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Kunċett ta' Għajnuna ([76]) (b'mod partikolari fil-paragrafi 89 *et seq* tagħha) u l-Komunikazzjoni dwar l-SGEI (b'mod partikolari fil-paragrafi 63 *et seq* tagħha).

Natura kompetittiva u trasparenti tal-offerta

(224) Il-paragrafu 90 tal-Komunikazzjoni dwar il-Kunċett ta' Għajnuna jispeċifika li proċedura tal-offerti trid tkun kompetittiva ([77]) sabiex tippermetti lill-offerenti interessati u kkwalifikati kollha jipparteċipaw fil-proċess. Barra minn hekk, skont il-paragrafu 91 ta' dik il-Komunikazzjoni, il-proċedura trid tkun trasparenti, sabiex tippermetti lill-offerenti interessati kollha jkunu debitament u ugwalment informati f'kull stadju tal-proċedura tal-offerti. Dak il-paragrafu jenfasizza wkoll li l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni, l-għoti ta' żmien biżżejjed għall-offerenti interessati, u ċ-ċarezza tal-kriterji tal-għażla u tal-għoti huma kollha elementi kruċjali għal proċedura tal-għażla trasparenti u jindika li offerta trid tkun ippubbliċizzata biżżejjed sabiex l-offerenti potenzjali kollha jkunu jistgħu jieħdu nota tagħha.

(225) F'dan il-każ, is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika Taljana, f'erba' gazzetti nazzjonali u lokali Taljani ta' kuljum, kif ukoll fuq is-sit web tar-Reġjun tal-Lazio (ara l-Premessa 58). Din is-sejħa stiednet lil kull min seta' "*jiggarantixxi l-kontinwità tas-servizz tat-trasport marittimu*" sabiex jesprimi l-interess tiegħu u ma imponietx kundizzjonijiet ulterjuri. L-offerenti potenzjali ngħataw biżżejjed żmien biex jesprimu adegwatament l-interessi tagħhom biex imbagħad ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-proċess ulterjuri. Il-Kummissjoni għalhekk tqis li l-intenzjoni tar-Reġjun tal-Lazio li jbigħ lil Laziomar u li jagħti l-kuntratt pubbliku ta' servizz saret disponibbli b'mod wiesa' b'mod li jilħaq lill-offerenti kollha possibbli.

(226) Barra minn hekk, l-offerenti jridu jingħataw id-dokumenti u l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-parteċipazzjoni fil-proċess tal-offerti sabiex b'hekk ikunu jistgħu jivvalutaw sew il-kumpanija għall-bejgħ. Tali informazzjoni trid tkun disponibbli għall-offerenti potenzjali b'mod trasparenti u nondiskriminatorju u l-parteċipanti interessati kollha għandu jkollhom aċċess indaqs għall-informazzjoni rilevanti.

(227) L-ewwel nett, is-sejħa għall-espressjonijiet ta' interess semmiet li l-offerenti kellhom ikunu kapaċi "*jiggarantixxu l-kontinwità tas-servizz tat-trasport marittimu*". Dan kien l-uniku kriterju tal-għażla li l-Italja applikat sabiex tiddetermina jekk il-partijiet interessati kinux se jitħallew jipparteċipaw jew le fil-proċedura tal-offerti. Minħabba li s-sejħa ma speċifikatx il-mod kif l-offerenti setgħu juru li jissodisfaw dan ir-rekwiżit, awtomatikament dan kien ifisser li seta' jintuża kwalunkwe mezz ta' evidenza xieraq ([78]). Il-Kummissjoni tqis li dan il-kriterju tal-għażla kien ċar għall-offerenti interessati kollha u kien iġġustifikat ukoll fid-dawl tal-objettiv segwit.

(228) It-tieni nett, il-Liġi tal-2009 għamlitha ċara lill-partijiet interessati li malli tintemm il-proċedura tal-offerti kien se jiġi konkluż kuntratt pubbliku ta' servizz ġdid u li l-ammont annwali tal-kumpens għal servizz pubbliku kien ġie stabbilit għal massimu ta' EUR 10 030 606 miljun fis-sena. Barra minn hekk, is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess indikat li l-objettiv kien li l-attività kummerċjali ta' Laziomar tinbiegħ bi prezz fiss ta' EUR 2 272 000. Barra minn hekk, kif ikkonfermat mill-Italja, l-informazzjoni rilevanti kollha fir-rigward tal-ambitu tal-bejgħ, inkluż l-abbozz tal-kuntratt pubbliku ta' servizz li kellu jiġi konkluż bejn l-akkwirent u l-Italja, tpoġġiet għad-dispożizzjoni tas-seba' partijiet li ġew ammessi għall-istadju li jmiss tal-proċess tal-offerti. Dan ippermetta lil dawn il-partijiet jiddeċiedu jekk jitfgħux offerta jew le u, jekk iva, l-ammont li se joffru. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tqis li mis-sejħa għal espressjonijiet ta' interess kien ċar b'mod suffiċjenti li l-bejgħ kien jikkonċerna l-attività kummerċjali ta' Laziomar abbinat ma' kuntratt pubbliku ta' servizz ġdid. Wara li esprimew l-interess tagħhom, il-partijiet ingħataw aċċess għall-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jiddeċiedu dwar offerta possibbli.

([76]) L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 262, 19.7.2016, p. 1).

([77]) Fil-Komunikazzjoni dwar il-Kunċett ta' Għajnuna, il-Kummissjoni tosserva li fil-kuntest tal-għajnuna mill-Istat, il-Qrati tal-Unjoni spiss jirreferu għal proċedura tal-offerti "miftuħa". Madankollu, l-użu tal-kelma "miftuħa" ma jirreferix għal proċedura speċifika skont id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li jkun aktar opportun li tintuża l-kelma "kompetittiva". F'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tinnota wkoll li dan ma huwiex qiegħed isir bl-intenzjoni li tiddevja mill-kundizzjonijiet sostantivi stabbiliti fil-ġurisprudenza.

([78]) Barra minn hekk, kif spjegat aktar 'il fuq (ara l-Premessa 221), l-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2004/18/KE ma kienx japplika għal din is-sejħa għall-offerti. Għalhekk, l-Italja ma kellha l-ebda obbligu li tipprovdi l-kriterji tal-għażla fis-sejħa.

(229) It-tielet nett, il-Kummissjoni tqis li s-sejħa għal espressjonijiet ta' interess ġibdet għadd sostanzjali ta' offerenti potenzjali. Is-seba' kumpaniji kollha li ġew mistiedna għall-istadju li jmiss tal-proċess tal-offerti rċevew minn hemm 'il quddiem informazzjoni dettaljata mir-Reġjun tal-Lazio dwar il-proċess. Barra minn hekk, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/18/KE, jidher li l-Italja ma kellha l-ebda obbligu li tipprovdi informazzjoni addizzjonali fis-sejħa dwar il-kuntratt li kien se jingħata minbarra s-sempliċi referenza għall-kontinwazzjoni tal-provvista tas-servizz pubbliku u r-referenza għan-normi ġuridiċi li jirregolaw dak is-servizz (ara l-Premessa 221).

(230) Ir-raba', is-sejħa kien fiha l-informazzjoni minima meħtieġa sabiex tiġi ppreżentata espressjoni ta' interess (jiġifieri l-kontinwazzjoni tas-servizz pubbliku), u ma setgħetx twassal għall-esklużjoni ta' operaturi marittimi li setgħu kienu interessati. Id-deċiżjoni li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz pubbliku kif ukoll il-konnettività tal-gżejjer tal-arċipelagu ta' Pontino mal-Italja kontinentali kienet tal-awtoritajiet tal-ippjanar. Din il-kundizzjoni ġiet mgħarrfa bil-quddiem, kif spjegat hawn fuq, lill-operaturi potenzjali kollha li esprimew interess li jipparteċipaw fil-proċedura tal-offerti. Il-Kummissjoni għalhekk tqis li f'dak l-istadju l-Italja ma kellha l-ebda kontroll fuq l-offerenti potenzjali, li juri li ma kinitx l-intenzjoni tal-awtoritajiet tal-ippjanar, bħala riżultat tal-inklużjoni tar-rekwiżit obbligatorju li jitkompla s-servizz pubbliku, li jiffavorixxu b'mod selettiv xi offerent potenzjali biex jingħata l-kuntratt għas-servizz pubbliku u s-sjieda tal-attività kummerċjali ta' Laziomar. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-kriterji tal-għażla u l-iżvilupp ulterjuri tal-proċedura ġiet ipprovduta fl-ittra ta' stedina li ntbagħtet lis-seba' partijiet kollha li ġew ammessi għall-istadju tal-offerti.

(231) Fid-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar ċerti *rekwiżiti finanzjarji* tal-offerta (ara l-Premessa 109) li ġew imposti fuq l-offerenti permezz tal-kuntratt pubbliku ta' servizz, minbarra l-kundizzjonijiet kwalitattivi standard li fi kwalunkwe każ huma meħtieġa bħala obbligi ta' servizz pubbliku. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kellha d-dubji dwar jekk tali rekwiżiti setgħux jiġu aċċettati f'sitwazzjoni, bħal din preżenti, fejn il-kumpanija sħiħa titqiegħed għall-bejgħ.

(232) Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni madankollu rċeviet informazzjoni li naqqsitilha t-tħassib tagħha. B'mod partikolari, l-Italja eliminat mis-sejħa għall-offerti r-rekwiżiti finanzjarji (jiġifieri volumi determinati minn qabel ta' fatturat fis-settur tat-trasport marittimu) li kienu jagħmluha possibbli biss għall-kumpaniji tat-tbaħħir li jieħdu sehem fil-proċedura tal-offerti (ara l-Premessa 125). Il-Kummissjoni tinnota li Carpoint Motorsport S.p.A., li skont l-informazzjoni disponibbli b'mod pubbliku hija kumpanija attiva fis-settur tal-bejgħ bl-imnut u bl-ingrossa ta' vetturi, kienet fost dawk il-kumpaniji li esprimew interess li jipparteċipaw fl-offerta (ara l-Premessa 61).

(233) Il-Kummissjoni tilqa' wkoll l-inizjattiva meħuda mir-Reġjun tal-Lazio biex titħeġġeġ l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa possibbli fil-proċedura billi l-offerenti jitħallew jieħdu sehem f'forma konġunta permezz ta' gruppi temporanji ta' offerenti, konsorzji jew EEIGs (ara l-Premessa 60).

(234) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li, b'mod ġenerali, il-proċedura tal-offerti kienet kompetittiva u trasparenti. B'mod partikolari, l-intenzjoni tar-Reġjun tal-Lazio li jċedi l-attività kummerċjali ta' Laziomar u li jikkonkludi kuntratt pubbliku ġdid ta' servizz b'perjodu ta' 10 snin mal-offerent rebbieħ saret disponibbli b'mod wiesa' b'mod li jilħaq lill-offerenti possibbli kollha fis-suq reġjonali jew internazzjonali rilevanti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li l-offerenti potenzjali setgħu faċilment jesprimu l-interess tagħhom u ma kellhom jieħdu l-ebda impenn għall-ebda ħaġa f'dak l-istadju. Dment li setgħu juru li kienu jissodisfaw l-uniku kriterju tal-għażla li tiġi garantita l-kontinwità tas-servizz, dawk il-partijiet imbagħad ingħataw l-informazzjoni u ż-żmien kollha meħtieġa biex ikunu jistgħu jiddeċiedu jekk jagħmlux offerta u kemm riedu joffru għall-attività kummerċjali ta' Laziomar. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tqis li d-dubji tagħha li l-proċedura tal-offerta ma kinitx trasparenti biżżejjed minħabba nuqqasijiet possibbli fis-sejħa għal espressjonijiet ta' interess huma eliminati.

Natura nondiskriminatorja tal-offerta

(235) Il-paragrafu 92 tal-Komunikazzjoni dwar il-Kunċett ta' Għajnuna jenfasizza li t-trattament nondiskriminatorju tal-offerenti kollha f'kull stadju tal-proċedura kif ukoll kriterji tal-għażla u tal-għoti oġġettivi u speċifikati bil-quddiem huma kundizzjonijiet indispensabbli sabiex jiġi żgurat li t-tranżazzjoni li tirriżulta tkun konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq. Barra minn hekk, dak il-paragrafu jispeċifika li, sabiex jiġi ggarantit trattament indaqs, jenħtieġ li l-kriterji għall-għoti tal-kuntratt jippermettu t-tqabbil u l-valutazzjoni oġġettivi tal-offerti.

(236) Kif indikat aktar 'il fuq (ara l-Premessa 227), l-unika kundizzjoni fis-sejħa għal espressjonijiet ta' interess kien li l-offerenti jkunu kapaċi "*jiggarantixxu l-kontinwità tas-servizz tat-trasport marittimu*". It-tmien partijiet kollha li wieġbu għas-sejħa u esprimew interess kienu konxji minn dak l-obbligu. Il-Kummissjoni tqis li din il-kundizzjoni kienet oġġettiva u kienet ġiet magħmula ċara biżżejjed lill-partijiet interessati kollha fis-sejħa għal espressjonijiet ta' interess.

(237) Is-sebgħa mit-tmien offerenti interessati li ġew ammessi għall-istadju li jmiss tal-proċedura tal-offerti mbagħad ġew mistiedna jippreżentaw offerta wara li kollha rċevew l-istess informazzjoni (ara l-Premessa 61).

(238) Id-dubji tal-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-2011 li s-sejħa għal espressjonijiet ta' interess setgħet ma kinitx nondiskriminatorja biżżejjed huma għalhekk riżolti. Il-partijiet kollha kienu korrettament u ugwalment informati matul id-diversi stadji tal-proċedura tal-offerti u setgħu jagħmlu offerta b'għarfien sħiħ tal-proċedura u tar-rekwiżiti. Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-kriterji għall-għoti ppermettew tqabbil u valutazzjoni oġġettivi tal-offerti.

Żgurar li s-servizzi jiġu pprovduti bl-anqas spiża għall-komunità

(239) Il-paragrafu 65 tal-Komunikazzjoni dwar l-SGEI jipprevedi li fuq il-bażi tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, proċedura ta' akkwist pubbliku teskludi l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat biss fejn din tippermetti li jintgħażel l-offerent li kapaċi jipprovdi s-servizz "bl-anqas spiża għall-komunità".

(240) F'dan il-każ, l-offerta kienet tirrigwarda l-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid abbinat mal-attività kummerċjali ta' Laziomar u mhux sempliċiment il-kuntratt pubbliku ta' servizz nnifsu. L-Italja ddeċidiet li l-prezz għall-bejgħ tal-attività kummerċjali ta' Laziomar kien fiss (fuq il-bażi tal-valwazzjoni mwettqa minn espert indipendenti) u ma kienx negozjabbli, filwaqt li għall-kuntratt ta' servizz l-Italja għażlet l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża b'punteġġ ta' 30 punt għall-prezz u punteġġ ta' 70 punt għall-kriterji tekniċi (ara l-Premessa 62).

(241) Fir-rigward tal-użu tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża, il-paragrafu 67 tal-Komunikazzjoni dwar l-SGEI jindika li l-"offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża" hija meqjusa wkoll (minbarra l-"prezz l-aktar baxx") suffiċjenti sabiex tissodisfa r-raba' kriterju tas-sentenza *Altmark* "*[…] sakemm il-kriterji tal-għotja […], ikunu relatati mill-qrib mas-suġġett tas-servizz provdut u jippermettu għall-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża li taqbel mal-valur tas-suq*" ([79]).

(242) Il-Kummissjoni tinnota li l-Italja għamlet enfasi fuq l-għażla ta' operatur li jipprovdi s-servizz bi standards tekniċi u ta' kwalità għoljin, b'kont meħud ta' ċerti rekwiżiti. Fir-rigward tad-diżaggregazzjoni tal-punteġġi massimi għall-offerta teknika (70 punt) u l-offerta ekonomika (30 punt) għall-għoti tal-kuntratt, skont il-kriterju tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża, l-Italja, b'referenza għal opinjoni pprovduta mill-Kunsill tal-Istat Taljan (ara l-Premessa 126), tindika l-importanza tal-elementi kwalitattivi tal-offerta bħala mezz biex jiġu evitati reviżjonijiet 'l isfel eċċessivi tal-prezz li kienu jkunu diffiċli biex jiġu sostnuti mingħajr ma tiġi ssagrifikata l-kwalità tas-servizz pubbliku pprovdut. Fl-istess ħin, l-Italja targumenta li din id-diżaggregazzjoni għamlitha possibbli li jinkiseb prezz aħjar għas-servizz (ara l-Premessa 127).

(243) L-ittra ta' stedina għall-preżentazzjoni tal-offerti kienet tinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-kumpilazzjoni tal-offerti finanzjarji u tekniċi. Speċjalment fir-rigward tal-offerta teknika, is-seba' operaturi marittimi li ġew mistiedna jippreżenta offerta, kienu meħtieġa jipprovdu informazzjoni dettaljata li tiddeskrivi l-arranġamenti u l-kundizzjonijiet ta' ġestjoni li kienu se josservaw matul il-perjodu kollu tal-inkarigu. B'mod partikolari, l-operaturi kellhom juru dan li ġej: i) inizjattivi mmirati għat-titjib tal-ġestjoni (pereż. il-karta tas-servizz, il-politika tal-kummerċjalizzazzjoni u tal-komunikazzjoni, il-pjan ta' kummerċjalizzazzjoni fuq l-internet, l-ottimizzazzjoni tar-riżorsi umani u tal-vapuri - 10 punti); ii) l-arranġamenti għat-tiġdid tal-flotta (pereż. l-iżvilupp tal-età medja tal-flotta, il-konformità mal-karatteristiċi funzjonali minimi tal-vapuri, bħad-dimensjonijiet, il-kumdità, il-veloċità, is-sistema ta' sigurtà, eċċ. - 40 punt); u iii) l-allokazzjoni ta' vapuri biex jissupplimentaw il-flotta eżistenti (jiġifieri l-forniment tal-karatteristiċi tekniċi ta' kull wieħed mill-vapuri (inkluża l-linja) li l-operatur ikun beħsiebu juża biex iwettaq is-servizzi – 20 punt). Dawn ir-rekwiżiti huma evidentement relatati mill-qrib ma' u jagħtu valur miżjud lill-

([79]) Ara wkoll il-paragrafu 96 tal-Komunikazzjoni dwar il-Kunċett ta' Għajnuna.

forniment tas-servizz marittimu. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-użu tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża għas-servizz ikkonċernat abbinat mal-bejgħ tal-attività kummerċjali ta' Laziomar ippermetta lill-Italja toħloq kompetizzjoni effettiva u tikseb servizz bl-ogħla valur possibbli bl-anqas spiża għall-komunità. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tieħu nota li r-remunerazzjoni annwali li ngħatat lil CLN għall-forniment tas-servizz marittimu kienet ferm aktar baxxa mill-ammont massimu ta' kumpens annwali ssuġġerit mir-Reġjun tal-Lazio fil-bidu tal-offerti (ara l-Premessa 75).

(244) F'dak li jirrigwarda b'mod partikolari l-abbinar tas-servizz mal-bejgħ tal-attività kummerċjali ta' Laziomar, fid-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li s-sejħa għall-offerti għall-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid mingħajr obbligu li jiġu akkwistati l-vapuri ta' Laziomar meħtieġa għall-eżekuzzjoni tas-servizz pubbliku, kienet twassal għal spiża aktar baxxa għall-komunità.

(245) Il-Kummissjoni diġà kkonkludiet hawn fuq li l-proċedura tal-offerti kienet trasparenti u mhux diskriminatorja biżżejjed sabiex tippermetti l-parteċipazzjoni tal-akbar numru possibbli ta' offerenti potenzjali. Wara l-pubblikazzjoni mifruxa tas-sejħa għal espressjonijiet ta' interess, tmien operaturi marittimi wieġbu b'mod affermattiv u sebgħa ġew ammessi għall-istadju tal-offerti. L-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-proċedura tal-offerti ġiet ipprovduta fl-ittra ta' stedina mibgħuta lil dawn is-seba' operaturi.

(246) Wara l-istadju tal-espressjoni ta' interess, ġiet ippreżentata offerta kompetittiva waħda (CLN), li r-Reġjun tal-Lazio evalwa, billi qies l-offerta teknika u finanzjarja tagħha.

(247) Il-kundizzjoni obbligatorja sabiex tiġi ggarantita l-kontinwità tas-servizz pubbliku u l-abbinar tal-assi mal-obbligi ta' servizz pubbliku huma interrelatati. B'mod partikolari, permezz tal-abbinar tal-bejgħ ta' Laziomar ma' kuntratt pubbliku ġdid ta' servizz, l-akkwirent, CLN, awtomatikament isir soġġett għar-rekwiżit li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz pubbliku u jingħata l-prijorità tal-irmiġġ. Il-Kummissjoni tqis li l-abbinar tal-attività kummerċjali ta' Laziomar mal-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid u l-għoti tal-prijorità tal-irmiġġ ma jwasslux għal prezz aktar baxx milli kieku l-assi u dan il-kuntratt inbiegħu separatament, għar-raġunijiet li ġejjin.

(248) L-attività kummerċjali ta' Laziomar kienet assoċjata biss mal-forniment tas-servizz pubbliku u mal-iżgurar tal-kontinwità territorjali. Il-vapuri kollha ta' Laziomar kienu jintużaw u attwalment qed jintużaw għas-servizz pubbliku. Għalhekk, ma jistax jiġi argumentat li bejjiegħ privat kien jikseb prezz ogħla kieku dawk il-vapuri jew xi vapuri nbiegħu mingħajr l-imsemmija kundizzjoni. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-Italja u evalwazzjoni esperta indipendenti kkummissjonata mir-Reġjun tal-Lazio (ara l-Premessi 66) u (67), il-vapuri ta' Laziomar għandhom età avvanzata (li tvarja minn 22 sa 32 sena), u l-kundizzjoni tal-magni u ta' materjali oħra (pereż. il-materjali tal-kostruzzjoni tal-buq) jeħtieġu titjib u manutenzjoni wara tant sigħat ta' ħaddim matul is-snin tal-użu. Għalhekk, il-vapuri jattiraw domanda kummerċjali baxxa, jekk mhux bil-għan li jinxtraw għall-investiment, għar-restawr u għall-modernizzazzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir. Madankollu, jidher improbabbli li dawn il-vapuri setgħu jinbiegħu għal skopijiet ta' trasport marittimu, għajr dak li jinkludi l-kundizzjoni li jitkompla s-servizz pubbliku, għal prezz ogħla minn dak li kienu bbaġitjati għalih.

(249) Barra minn hekk, kieku Laziomar inbiegħet separatament, il-Kummissjoni tqis li huwa improbabbli li offerenti potenzjali seta' kellhom tali riżorsi sinifikanti (li jikkonsistu f'erba' vapuri u tagħmir industrijali u kummerċjali) faċilment disponibbli biex jiġu riassenjati biex joperaw l-obbligi ta' servizz pubbliku stabbiliti fil-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid. Dan huwa partikolarment minnu billi l-kuntratt il-ġdid fih rekwiżiti speċifiċi dwar il-vapuri li għandhom jintużaw fuq ir-rotot differenti tas-servizz pubbliku (ara l-Premessa 243). Probabbilment l-operaturi li diġà kellhom ir-riżorsi meħtieġa kienu diġà qegħdin jużawhom fuq rotot oħra u r-riassenjazzjoni tagħhom minħabba l-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid kien inevitabbilment iwassal għat-telf tad-dħul mill-użu preċedenti tagħhom.

(250) Il-Kummissjoni għalhekk tqis li l-abbinar ta' dawk il-vapuri mal-kuntratt pubbliku ta' servizz ippermetta li jinkiseb prezz ogħla għall-vapuri ta' Laziomar minħabba li, inkambju tal-operat tal-bastiment fuq ir-rotot ta' servizz pubbliku, l-akkwirent tagħhom kien se jirċievi kumpens għal servizz pubbliku għal perjodu ta' 10 snin. Barra minn hekk, kwalunkwe bejjiegħ f'ekonomija tas-suq kien jiddeċiedi li jbigħ lil Laziomar flimkien ma' kuntratt pubbliku ta' servizz ġdid biex jikseb l-ogħla prezz. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Italja ma rabtet l-ebda kundizzjoni li x'aktarx kienet tnaqqas il-prezz jew li bejjiegħ privat ma kienx jitlob.

(251) Il-Kummissjoni tikkonkludi li d-dubju tagħha li s-sejħa għall-offerti għall-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid flimkien mal-attività kummerċjali ta' Laziomar ma setgħetx twassal għal spiża aktar baxxa għall-komunità, ġie eliminat.

(252) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-użu tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża għall-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid abbinat mal-attività kummerċjali ta' Laziomar ħoloq kompetizzjoni ġenwina sal-aħħar tal-proċedura tal-offerti.

Salvagwardji b'saħħithom fit-tfassil tal-proċedura fejn tiġi ppreżentata offerta waħda biss

(253) Fuq il-bażi tal-valutazzjoni deskritta hawn fuq (ara l-Premessi minn 224 sa 252), il-Kummissjoni tikkonkludi li l-proċedura tal-offerti kienet miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja f'konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku. Madankollu, il-paragrafu 68 tal-Komunikazzjoni dwar l-SGEI jinnota li *"fil-każ ta' proċeduri fejn ġiet ippreżentata biss offerta waħda, l-offerta ma tistax titqies biżżejjed sabiex tiżgura li l-proċedura twassal għall-inqas spejjeż għall-komunità"*.

(254) Għaldaqstant, minħabba li CLN biss ippreżentat offerta fil-proċedura tal-offerti għal Laziomar (li kienet tinkludi l-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid), offerta bħal din normalment ma tkunx suffiċjenti biex tiżgura n-nuqqas ta' vantaġġ għar-rebbieħ.

(255) Il-Kummissjoni madankollu ċċarat il-pożizzjoni espressa fil-paragrafu 68 tal-Komunikazzjoni dwar l-SGEI fil-Gwida tagħha dwar l-SGEI ([80]) billi ddikjarat li *"dan ma jfissirx li ma jistax ikun hemm każijiet li fihom, minħabba salvagwardji partikolarment b'saħħithom fit-tfassil tal-proċedura, anki proċedura li fiha tiġi ppreżentata offerta waħda biss hija biżżejjed biex jiġi żgurat il-forniment tas-servizz "bl-inqas spiża għall-komunità"*.

(256) Il-Kummissjoni tqis li fil-każ li qed jiġi vvalutat, dawn is-salvagwardji kienu preżenti. B'mod aktar speċifiku:

(1) Il-proċedura tal-offerti kienet organizzata b'tali mod li timmassimizza l-interess minn offerenti potenzjali. Barra minn hekk, dawn l-offerenti potenzjali ma kellhomx għalfejn isegwu proċeduri impenjattivi u ma kienx ikollhom iġarrbu spejjeż sinifikanti sabiex jesprimu l-interess tagħhom. B'riżultat ta' dan, waslu tmien espressjonijiet ta' interess li sebgħa minnhom ġew mistiedna jippreżentaw offerta (ara l-Premessa 237);

(2) L-Italja għażlet il-proċedura ta' offerti ristretta biex tagħti l-kuntratt ta' servizz (ara l-Premessa 59), li hija proċess f'żewġ stadji fejn dawk l-operaturi biss li jkunu ġew mistiedna għall-istadju tal-offerti jistgħu jippreżentaw offerti. Skont il-paragrafu 66 tal-Komunikazzjoni dwar l-SGEI, *"[…] proċedura ristretta wkoll tista' tissodisfa r-raba' kriterju ta' Altmark, sakemm l-operaturi interessati ma jkunux imwaqqfa milli jagħmlu offerta mingħajr raġunijiet validi"*. Għal din is-sejħa għall-offerti, seba' offerenti possibbli (mit-tmienja li inizjalment kienu esprimew interess) baqgħu fil-fażi tal-offerti (ara l-Premessa 61), li turi li kienet possibbli kompetizzjoni ġenwina sa tmiem il-proċedura tal-offerti. Proċedura ristretta normalment tippermetti lill-offerenti potenzjali aktar żmien biex jevalwaw l-offerta tagħhom qabel is-sottomissjoni. Il-Kummissjoni tqis li fuq il-bażi tal-profil tagħhom, mill-anqas ħamsa mill-offerenti possibbli li kien fadal (jiġifieri NLG, Traghetti Lines, Navigazione Generale Italiana S. p.A., Vetor u Ustica Lines, din tal-aħħar issa qed topera bl-isem Liberty Lines) x'aktarx li setgħu (minħabba l-esperjenza u r-riżorsi finanzjarji tagħhom) jagħmlu offerti jew kellhom raġuni biex ikollhom interess ġenwin li jagħmlu offerta (pereż. NLG u Vetor diġà huma attivi fuq xi whud mir-rotot li tbaħħar Laziomar (ara t-Tabella 9), filwaqt li l-kumpaniji l-oħra huma operaturi marittimi stabbiliti b'attivitajiet nazzjonali kif ukoll internazzjonali);

(3) Is-sejħa għall-offerti mibgħuta lis-seba' operaturi li kienu esprimew interess inizjali kienet tikkonsisti fi prezz fiss għall-bejgħ tal-ishma kollha ta' Laziomar għal EUR 2 272 000, li ma kienx soġġett għal rieżami fid-dawl ta' kwalunkwe offerta ta' kwalunkwe tip (ara l-Premessa 62). Il-Kummissjoni tinnota li l-prezz tal-bejgħ għal Laziomar ġie ddeterminat minn espert indipendenti fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet ekonomiċi u tas-suq rilevanti f'dak iż-żmien u kien jikkostitwixxi fi prezz fiss fil-proċedura tal-offerti. Il-parteċipanti kollha kienu konxji ta' dak il-prezz u ma qajmu l-ebda lment fir-rigward tal-ambitu u l-livell tiegħu. Barra minn hekk, is-sejħa għall-offerti kienet tikkonsisti f'remunerazzjoni annwali massima għas-servizz pubbliku, stabbilita mir-Reġjun tal-Lazio, għal EUR 14 300 550 fis-sena, netti mill-VAT pagabbli għal 10 snin. Il-parteċipanti kollha ġew mistiedna

([80]) Ara b'mod aktar speċifiku t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-mistoqsija 68 fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tagħha "Gwida dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, l-akkwist pubbliku u s-suq intern għas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali" tad-29 ta' April 2013 (ara: http://ec.europa.eu/competition/state_aid/overview/new_guide_eu_rules_procurement_mt.pdf).

jippreżentaw offerti aħjar fir-rigward ta' din ir-remunerazzjoni annwali għas-servizz pubbliku fuq il-bażi ta' ċerti kriterji tekniċi. Din hija salvagwardja partikolarment b'saħħitha biex jiġi żgurat mhux biss li tinkiseb l-aktar offerta baxxa possibbli f'termini ta' remunerazzjoni annwali għas-servizz pubbliku (u għalhekk l-anqas spiża għall-komunità) iżda wkoll li l-offerenti ma kinux skoraġġuti milli jippreżentaw offerta.

(257) Il-Kummissjoni tqis li minħabba s-salvagwardji msemmija hawn fuq, il-proċedura tal-offerti kienet suffiċjenti biex tiżgura l-forniment tas-servizz bl-anqas spiża għall-komunità anki jekk eventwalment ġiet ippreżentata biss offerta waħda ([81]).

(258) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kriterju 4 tas-sentenza *Altmark* huwa rrispettat f'dan il-każ.

(259) Billi l-erba' kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża *Altmark* huma ssodisfati b'mod kumulattiv, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għoti tal-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid abbinat mal-attività kummerċjali ta' Laziomar u l-prijorità tal-irmiġġ lil Laziomar, ma jagħtix vantaġġ ekonomiku lil din tal-aħħar u lill-akkwirent tagħha, CLN.

5.1.2.5. Konklużjoni

(260) Billi mhux il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 107(1) TFUE huma ssodisfati, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għoti tal-kuntratt pubbliku ta' servizz abbinat mal-attività kummerċjali ta' Laziomar u l-prijorità tal-irmiġġ lil Laziomar u lill-akkwirent tagħha CLN ma jikkostitwux f'għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

5.1.3. *Il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010*

(261) Fid-Deċiżjoni tal-2011, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-miżuri kollha stabbiliti bid-Digriet Amministrattiv 125/2010 ikkonvertit b'emendi fil-Liġi tal-2010 jikkostitwixxu f'għajnuna mill-Istat favur il-kumpaniji ta' dak li kien il- Gruppo Tirrenia, billi l-benefiċjarji rispettivi setgħu jużaw dawn il-miżuri biex ikopru l-ħtiġijiet ta' likwidità u b'hekk itejbu l-pożizzjoni finanzjarja ġenerali tagħhom.

(262) Fuq il-bażi tal-informazzjoni li waslet matul l-investigazzjoni formali, il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li t-tliet miżuri jiġu vvalutati separatament.

5.1.3.1. Użu possibbli tal-fondi għall-immodernizzar tal-vapuri għall-finijiet ta' likwidità

(263) Riżorsi tal-Istat: Il-fondi inkwistjoni ngħataw mill-Istat mill-baġit tiegħu stess (ara l-Premessa 84) u l-użu tagħhom għall-finijiet ta' likwidità kien permess bil-Liġi tal-2010. Għaldaqstant, il-miżura hija imputabbli lill-Istat u tingħata permezz ta' riżorsi tal-Istat.

(264) Selettività: din il-miżura ngħatat biss lill-kumpaniji ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia, inkluż lil Laziomar, u għalhekk hija selettiva. Għall-kompletezza, il-Kummissjoni tindika li din il-miżura ma ngħatatx lil CLN.

(265) Vantaġġ ekonomiku: skont l-Italja, Caremar (dak iż-żmien) ibbenefikat mill-fondi inkwistjoni għax-xogħol ta' modernizzazzjoni fuq il-flotta użata fl-arċipelagu ta' Pontino biex iġġibha konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Uħud mix-xogħlijiet kienu jinvolvu żewġ unitajiet tal-flotta ta' Caremar li mbagħad ġew trasferiti mingħajr ħlas lil Laziomar (ara l-Premessa 132). Dawn il-fondi għalhekk qatt ma ntużaw għal skopijiet ta' likwidità (ara l-Premessa 132) u l-Kummissjoni ma sabitx evidenza biex issostni l-oppost.

(266) Billi Laziomar ma użatx dawn il-fondi għal skopijiet ta' likwidità sabiex tevita l-ispejjeż, li normalment ikollha tkopri hija stess permezz tar-riżorsi finanzjarji proprji, id-dubji espressi fid-Deċiżjoni tal-2011 ma għadhomx validi u l-Kummissjoni tqis li ma ngħata l-ebda vantaġġ ekonomiku lil Laziomar permezz tal-użu tal-fondi msemmija.

(267) Konklużjoni: billi mhux il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 107(1) TFUE huma ssodisfati, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura ma tikkostitwix f'għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

([81]) Għall-kompletezza, il-Kummissjoni tinnota li l-każ inkwistjoni huwa differenti minn każijiet oħra fejn ġiet ippreżentata biss offerta waħda. F'dan ir-rigward u għar-raġunament speċifiku ara d-Deċiżjoni (UE) 2020/1412 (il-Premessi 404 u 405).

5.1.3.2. Eżenzjonijiet fiskali relatati mal-proċess ta' privatizzazzjoni

(268) Kif deskritt fil-Premessa 86, skont l-Artikolu 1 tal-Liġi tal-2010, ċerti atti u operazzjonijiet imwettqa għall-privatizzazzjoni tal-Gruppo Tirrenia u deskritti fil-paragrafi minn 1 sa 15 tal-Artikolu 19-*ter* tad-Digriet Amministrattiv 135/2009, ikkonvertit b'modifiki fil-Liġi tal-2009, huma eżenti minn kull taxxa normalment dovuta fuq dawk l-atti u l-operazzjonijiet.

(269) Il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li jridu jiġu valutati tliet settijiet separati ta' trasferimenti: (1) it-trasferimenti tal-ex sussidjarji ta' Tirrenia Caremar, Saremar u Toremar minn Tirrenia għar-Reġjuni tal-Campania, Sardinja u t-Toskana (2) it-trasferiment tal-attività kummerċjali ta' Laziomar mir-Reġjun tal-Campania għar-Reġjun tal-Lazio, u (3) it-trasferiment tal-attività kummerċjali ta' Laziomar mir-Reġjun tal-Lazio għal CLN. It-taxxi eżentati huma b'mod partikolari d-dazju tar-reġistrazzjoni, il-miżati tar-reġistru tal-artijiet u tar-reġistrazzjoni tal-ipoteki, it-taxxa tal-boll (flimkien, "it-taxxi indiretti"), il-VAT u t-taxxa korporattiva. Il-benefiċjarji ta' din il-miżura ta' għajnuna jkunu l-bejjiegħ, l-akkwirent, jew it-tnejn li huma. F'din id-Deċiżjoni se jiġu vvalutati biss it-tieni u t-tielet sett ta' trasferimenti ([82]).

(270) Mill-bidu, il-Kummissjoni taċċetta li t-trasferiment tal-attività kummerċjali ta' Laziomar bejn ir-Reġjun tal-Campania u r-Reġjun tal-Lazio ma kienx soġġett għat-taxxa korporattiva (billi ma tħallas l-ebda korrispettiv) u għall-VAT (li ma tapplikax għal tali tranżazzjonijiet skont il-liġi nazzjonali). Fir-rigward tat-taxxi indiretti, dawk li, skont il-liġi nazzjonali, kienu pagabbli biss mill-akkwirenti, f'dan il-każ kienu pagabbli mir-Reġjun tal-Lazio li jagixxi fi ħdan il-mandat pubbliku tiegħu, jiġifieri bħala entità tal-Istat. Bħala tali, huwa ma jikkwalifikax bħala impriża. Għalhekk, l-ebda waħda mill-eżenzjonijiet mit-taxxa msemmija qabel mhi se tiġi vvalutata aktar f'din id-Deċiżjoni.

(271) Fir-rigward tat-tielet trasferiment, mill-bidu nett, il-Kummissjoni tinnota li skont id-Digriet Presidenzjali Nru 633 tas-26 ta' Ottubru 1972, it-trasferimenti ta' negozji avvjati jew ta' unitajiet ta' negozju lil kumpanija oħra ma humiex meqjusa bħala provvista ta' oġġetti u għalhekk ma jaqgħux fl-ambitu tal-VAT. Għalhekk, billi tranżazzjonijiet bħall-bejgħ tal-attività kummerċjali ta' Laziomar lil CLN ma humiex soġġetti għall-VAT, l-eżenzjoni mit-taxxa ma setgħetx tat vantaġġ lil Laziomar fir-rigward tal-VAT. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-kuntratt ta' bejgħ għall-attività kummerċjali ta' Laziomar jiddikjara b'mod ċar li l-akkwirent, jiġifieri CLN, għandu jġorr l-ispejjeż kollha relatati mal-bejgħ (jiġifieri t-tariffi tar-reġistrazzjoni, l-ispejjeż notarili, ir-reġistru tal-artijiet, eċċ.), mingħajr referenza għal kwalunkwe eżenzjoni li CLN gawdiet fuq dawn l-ispejjeż. Fir-rigward tal-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva, il-Kummissjoni tqis li tali taxxa tapplika biss għar-rikavat ta' bejgħ. F'dan il-każ, madankollu, CLN xtrat lil Laziomar mir-Reġjun tal-Lazio, li jfisser li din it-tranżazzjoni kienet tikkostitwixxi fi spiża għal CLN u b'riżultat ta' dan ma setgħet tkun dovuta l-ebda taxxa korporattiva. Għalhekk, din il-miżura ma tapplikax għal CLN. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li la Laziomar u lanqas CLN ma bbenefikaw minn dawn l-eżenzjonijiet fiskali.

(272) Għal dawn ir-raġunijiet, l-ebda waħda mill-eżenzjonijiet fiskali msemmija hawn fuq ma tikkostitwixxi f'għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

5.1.3.3. Possibbiltà tal-użu tar-riżorsi tal-FAS sabiex jiġu ssodisfati l-eżiġenzi ta' likwidità

(273) Fid-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012, il-Kummissjoni semmiet il-possibbiltà li l-kumpaniji ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia jużaw ir-riżorsi tal-FAS sabiex jissodisfaw eżiġenzi kurrenti ta' likwidità. Madankollu, matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-Italja ċċarat li r-riżorsi tal-FAS ma kinux intiżi bħala kumpens addizzjonali għal Laziomar jew għal CLN (jew għal xi kumpanija oħra ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia jew għall-akkwirenti rispettivi tagħhom). Minflok, dawn ir-riżorsi tqiegħdu għad-dispożizzjoni sabiex jissupplimentaw l-approprjazzjonijiet baġitarji previsti għall-ħlas tal-indennizz ta' servizz pubbliku lill-kumpaniji ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia, f'każ li jirriżulta li dawn ma kinux biżżejjed. L-Artikolu 1, il-paragrafu 5-*ter*, tal-Liġi tal-2010 ppermetta lir-reġjuni li jużaw ir-riżorsi tal-FAS biex jiffinanzjaw parti mill-kumpens regolari għas-servizz pubbliku u b'hekk jiżguraw il-kontinwità tas-servizzi pubbliċi marittimi. Fi kliem ieħor, din il-miżura tikkonċerna biss allokazzjoni ta' riżorsi fil-baġit tal-Istat Taljan għall-pagament tal-kumpensi tas-servizz pubbliku.

(274) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li r-riżorsi tal-FAS huma biss sors ta' finanzjament li jippermetti lill-Istat iħallas il-kumpensi għas-servizz pubbliku (mogħtija fuq il-bażi tal-Konvenzjoni inizjali estiża) u ma jikkostitwux f'miżura li minnha Laziomar tista' tibbenefika flimkien ma' dawn il-kumpensi għal servizz pubbliku. Għalhekk, l-użu possibbli tar-riżorsi tal-FAS ma jikkostitwix f'għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

([82]) L-ewwel sett ta' trasferimenti ġie vvalutat fid-Deċiżjoni (UE) 2020/1412 (ara l-Premessa 418).

5.1.4. *Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna*

(275) Fuq il-bażi tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ssib li:

— il-kumpens lil Laziomar għall-operat tar-rotot marittimi fil-perjodu bejn l-1 ta' Ġunju 2011 u l-14 ta' Jannar 2014 jikkostitwixxi f'għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE;

— l-għoti tal-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid għall-perjodu bejn il-15 ta' Jannar 2014 u l-14 ta' Jannar 2024, abbinat mal-attività kummerċjali ta' Laziomar u l-prijorità tal-irmiġġ lil Laziomar u lill-akkwirent tagħha CLN, jikkonforma mal-erba' kundizzjonijiet tas-sentenza *Altmark* u għalhekk ma jikkostitwix f'għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE;

— billi Laziomar ma użatx il-fondi biex ittejjeb il-vapuri għall-finijiet ta' likwidità, kif permess mil-Liġi tal-2010, dik il-miżura ma tikkostitwix f'għajnuna mill-Istat lil Laziomar fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE; u

— L-eżenzjonijiet fiskali relatati mal-proċess ta' privatizzazzjoni ta' Laziomar u l-possibbiltà li jintużaw riżorsi tal-FAS biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' likwidità kif stabbilit mil-Liġi tal-2010, ma jikkostitwux f'għajnuna mill-Istat lil Laziomar fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

5.2. **Il-legalità tal-għajnuna**

(276) Il-miżura ta' għajnuna fl-ambitu ta' din id-Deċiżjoni daħlet fis-seħħ qabel l-approvazzjoni formali mill-Kummissjoni. Għalhekk, billi din il-miżura ta' għajnuna ma kinitx eżentata min-notifika skont id-Deċiżjoni SGEI tal-2005 jew skont id-Deċiżjoni SGEI tal-2011, hija ngħatat mill-Italja bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE ([83]).

5.3. **Il-kompatibbiltà tal-għajnuna**

(277) Il-kompatibbiltà tal-kumpens għal servizz pubbliku mogħti lil Laziomar skont l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali trid tiġi vvalutata fid-dawl tal-Artikolu 106(2) TFUE.

5.3.1. *Regoli applikabbli*

(278) Kif diġà ssemma aktar 'il fuq, l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali wara tmiem l-2008 twettqet permezz ta' atti legali sussegwenti, kif ġej:

(a) Id-Digriet Amministrattiv Nru 207 tat-30 ta' Diċembru 2008, ikkonvertit fil-Liġi Nru 14 tas-27 ta' Frar 2009, stabbilixxa l-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009;

(b) Id-Digriet Amministrattiv Nru 135 tal-25 ta' Settembru 2009, ikkonvertit fil-Liġi tal-2009, stabbilixxa fost l-oħrajn l-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali mill-1 ta' Jannar 2010 sat-30 ta' Settembru 2010;

(c) Id-Digriet Amministrattiv Nru 125 tal-5 ta' Awwissu 2010, ikkonvertit fil-Liġi tal-2010, ipprovda għal estensjoni ulterjuri tal-Konvenzjonijiet inizjali mill-1 ta' Ottubru 2010 sat-tmiem tal-proċessi ta' privatizzazzjoni ta' Tirrenia u ta' Siremar; u

(d) Il-Liġi Nru 228 tar-Reġjun tal-Lazio tal-24 ta' Diċembru 2012, li kkonfermat l-obbligu ta' Laziomar li tiżgura l-kontinwità territorjali tar-rotot tal-arċipelagu ta' Pontino sal-privatizzazzjoni tagħha.

(279) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tinnota li l-għoti tal-kumpens għal servizz pubbliku skont l-aħħar estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali, seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011 u tal-Qafas SGEI tal-2011, għall-kuntrarju tal-ewwel tliet estensjonijiet, li seħħew qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-qafas leġiżlattiv. F'dan il-kuntest tal-aħħar, madankollu, il-pakkett SGEI tal-2011 – fl-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011 u l-paragrafu 69 tal-Qafas SGEI tal-2011 – fih regoli li jipprevedu l-applikazzjoni tiegħu wkoll għal għajnuna mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tal-pakkett SGEI tal-2011 fil-31 ta' Jannar 2012. B'mod partikolari, id-Deċiżjoni SGEI tal-2011 tipprevedi fl-Artikolu 10(b) tagħha li:

([83]) Il-Kummissjoni se tivvaluta jekk dan kienx tabilħaqq il-każ fit-Taqsima 5.3.1.

"kwalunkwe għajnuna li ngħatat effett qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni [jiġifieri qabel il-31 ta' Jannar 2012] li ma kinitx kompatibbli mas-suq intern u lanqas ma kienet eżenti mir-rekwiżit ta' notifika skont id-Deċiżjoni 2005/842/KE għandha tibqa' kompatibbli mas-suq intern u eżenti mir-rekwiżit ta' notifika minn qabel."

(280) Fir-rigward tal-Qafas SGEI tal-2011, il-paragrafi 68 u 69 ta' dak il-Qafas jispeċifikaw li l-Kummissjoni tapplika l-prinċipji stabbiliti f'dak il-Qafas għal kull proġett ta' għajnuna nnotifikat, kemm jekk in-notifika tkun saret qabel kif ukoll jekk tkun saret wara l-bidu tal-applikazzjoni ta' dak il-Qafas fil-31 ta' Jannar 2012, kif ukoll għal kull għajnuna illegali li dwarha tkun ittieħdet deċiżjoni wara l-31 ta' Jannar 2012, anki jekk dik l-għajnuna tkun ingħatat qabel il-31 ta' Jannar 2012. Fil-każ tal-aħħar, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 14, 19, 20, 24, 39 u 60 tal-Qafas SGEI tal-2011 ma humiex applikabbli.

(281) B'riżultat ta' dan, ir-regoli dwar l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011 u tal-Qafas SGEI tal-2011, kif deskritti hawn fuq, ifissru li l-kumpens għas-servizz pubbliku mogħti lil Laziomar matul il-perjodu ta' estensjoni jista' jiġi vvalutat skont il-pakkett SGEI tal-2011. Jekk il-kundizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011 jew tal-Qafas SGEI tal-2011 ikunu rispettati, din il-miżura ta' għajnuna tkun kompatibbli mas-suq intern għall-perjodu sħiħ mill-1 ta' Ġunju 2011 sal-14 ta' Jannar 2014 ([84]).

(282) Il-Kummissjoni l-ewwel se tivvaluta jekk il-kumpens għas-servizz pubbliku mogħti lil Laziomar matul il-perjodu ta' estensjoni jikkonformax mal-kundizzjonijiet tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011.

(283) Il-Kummissjoni tinnota li d-Deċiżjoni SGEI tal-2011 hija applikabbli biss għal għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għal servizz pubbliku għall-konnessjonijiet marittimi ma' gżejjer li fuqhom it-traffiku annwali medju matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel dik li fiha jkun ġie assenjat l-SGEI ma jaqbiżx it300 000 passiġġier (l-Artikolu 2(1)(d). Kif deskritt fil-Premessa (141), l-Italja ppreżentat ċifri li juru li dan il-limitu ma jinqabeż fuq l-ebda rotta ta' Laziomar. Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-kundizzjoni tal-Artikolu 2(1)(d) tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011 hija ssodisfata.

(284) Barra minn hekk, skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni SGEI, l-att ta' inkarigu għandu jinkludi, fost l-oħrajn, referenza għall-applikazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni tinnota li ma hija inkluża l-ebda referenza bħal din fil-kuntratt pubbliku ta' servizz bejn ir-Reġjun tal-Lazio u Laziomar jew f'xi wieħed mid-dokumenti ta' akkumpanjament tiegħu. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Artikolu 4 ma ġiex irrispettat u l-kompatibbiltà tal-kumpens għal servizz pubbliku mogħti lil Laziomar matul il-perjodu ta' estensjoni ma tistax tiġi vvalutata skont id-Deċiżjoni SGEI tal-2011.

(285) Għaldaqstant, il-kompatibbiltà tal-kumpens għal servizz pubbliku mogħti lil Laziomar mill-2011 u sat-tlestija tal-proċess ta' privatizzazzjoni normalment taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas SGEI tal-2011.

(286) F'dan il-kuntest, madankollu, minħabba li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(1)(d) tad-Deċiżjoni SGEI huma ssodisfati, japplika l-paragrafu 61 tal-Qafas SGEI tal-2011. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni se tivvaluta jekk il-kumpens għal servizz pubbliku mogħti lil Laziomar matul il-perjodu kollu tal-estensjoni jikkonformax mal-kundizzjonijiet tal-Qafas SGEI tal-2011, bl-eċċezzjoni tal-kundizzjonijiet fil-paragrafi 14, 19, 20, 24, 39 u 60 tiegħu.

([84]) Għall-finijiet ta' kompletezza, il-Kummissjoni tinnota li d-dispożizzjoni tranżizzjonali fl-Artikolu 10(a) tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011, li skont din kwalunkwe skema ta' għajnuna mdaħħla fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni (jiġifieri qabel il-31 ta' Jannar 2012) li kienet kompatibbli mas-suq intern u eżentata mir-rekwiżit ta' notifika f'konformità mad-Deċiżjoni SGEI tal-2005, għandha tkompli tkun kompatibbli mas-suq intern u eżentata mir-rekwiżit ta' notifika għal perjodu ulterjuri ta' sentejn (jiġifieri sat-30 ta' Jannar 2014, din id-data inkluża). Dan ifisser li l-għajnuna li ngħatat taħt tali skema fil-perjodu bejn id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni SGEI tal-2005 fid-19 ta' Diċembru 2005 u d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011 fil-31 ta' Jannar 2012 titqies kompatibbli mas-suq intern iżda biss mid-data li fiha ngħatat sat-30 ta' Jannar 2014, din id-data inkluża. Fi kwalunkwe każ, fil-każ ta' għajnuna li ngħatat mill-31 ta' Jannar 2012 'il quddiem, id-dispożizzjoni tranżizzjonali tal-Artikolu 10(a) tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011 ma hijiex applikabbli u l-valutazzjoni tal-kompatibbiltà trid issir skont id-Deċiżjoni SGEI tal-2011.

5.3.2. *Servizz ġenwin ta' interess ekonomiku ġenerali kif imsemmi fl-Artikolu 106 TFUE*

(287) Skont il-paragrafu 12 tal-Qafas SGEI tal-2011, "[l-]għajnuna trid tingħata għal servizz ta' interess ekonomiku ġenerali ġenwin u definit b'mod korrett kif imsemmi fl-Artikolu 106(2) tat-Trattat". Il-paragrafu 13 jiċċara li "l-Istati Membri ma jistgħux jinkludu obbligi speċifiċi ta' servizz pubbliku ma' servizzi li diġà huma pprovduti jew li jistgħu jiġu pprovduti b'mod sodisfaċenti, bħall-prezz, karatteristiċi oġġettivi ta' kwalità, kontinwità u l-aċċess għas-servizz, konsistenti mal-interess pubbliku, kif definit mill-Istat, mill-impriżi li joperaw skont il-kundizzjonijiet normali tas-suq. Rigward il-kwistjoni dwar jekk servizz jistax ikun provdut mis-suq, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni hija limitata għal verifika dwar jekk id-definizzjoni tal-Istat Membru hijiex vizzjata minn żball ċar, sakemm id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni Ewropea ma jipprovdux standard aktar strett". Fl-aħħar nett, il-paragrafu 56 tal-Qafas SGEI tal-2011 jirreferi għall-"marġini wiesgħa ta' diskrezzjoni tal-Istat Membru" fir-rigward tan-natura tas-servizzi li jistgħu jiġu kklassifikati bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali.

(288) Il-valutazzjoni ta' jekk l-SGEI humiex ġenwini trid issir ukoll fid-dawl tal-Komunikazzjoni dwar l-SGEI (ara l-Premessi 170 u 186, tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu (ara l-Premessi 173, 174 u 175 u tal-ġurisprudenza (ara l-Premessi 176 u 177). Għalhekk, għall-perjodu tal-estensjoni l-Kummissjoni trid tivvaluta:

(1) Jekk kienx hemm **domanda mill-utenti**;

(2) Jekk dik id-domanda ma setgħetx tiġi ssodisfata mill-operaturi tas-suq fin-nuqqas ta' obbligu impost mill-awtoritajiet pubbliċi (l-**eżistenza ta' falliment tas-suq**); u

(3) Li s-sempliċi rikors għall-obbligi ta' servizz pubbliku ma kienx biżżejjed sabiex jiġi rrimedjat dak in-nuqqas (**l-anqas approċċ dannuż**).

(289) Il-Kummissjoni tinnota li r-rotot ta' servizz pubbliku operati minn Laziomar matul il-perjodu ta' estensjoni huma l-istess bħal dawk fdati lilha bil-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid, bl-eċċezzjoni, li l-għadd ta' rotot matul il-perjodu ta' estensjoni kien biss ta' ħamsa (ara l-Premessa 43), filwaqt li bil-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid żdiedu żewġ rotot addizzjonali li jgħaqqdu Terracina ma' Ponza (Linja T3) u Ventotene (Linja T4) (ara l-Premessa 72). Barra minn hekk, il-Kummissjoni diġà ddeskriviet u vvalutat is-sitwazzjoni kompetittiva fuq dawk ir-rotot matul il-perjodu tal-estensjoni. F'dan l-isfond, il-valutazzjoni segwenti se tirreferi u tibbaża fuq il-partijiet rilevanti tal-valutazzjoni magħmula għall-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid aktar 'il fuq (ara t-Taqsima 5.1.2.1).

(290) Il-Kummissjoni l-ewwel tfakkar (ara l-Premessa 120) li l-Italja imponiet l-obbligi ta' servizz pubbliku stabbiliti fil-Konvenzjoni inizjali prinċipalment biex (i) tiżgura l-kontinwità territorjali bejn l-Italja kontinentali u l-gżejjer u biex (ii) tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku tal-gżejjer ikkonċernati, permezz ta' servizzi regolari u affidabbli tat-trasport marittimu. Il-Kummissjoni diġà kkonkludiet (ara l-Premessa 179) li dawn huma tabilħaqq objettivi leġittimi ta' interess pubbliku.

(291) Biex turi d-domanda ġenwina mill-utenti għas-servizzi marittimi kkonċernati, l-Italja pprovdiet (ara t-Tabelli 11 u 12), statistika dettaljata li turi li fl-2011, Laziomar ittrasportat 270 457 passiġġier u 17 717-il vettura fuq il-ħames rotot ta' servizz ikkombinati matul il-perjodi ta' żmien rispettivi koperti mill-obbligi ta' servizz pubbliku. Dawn iċ-ċifri fl-2012 kienu 240 430 passiġġier u 13 228 vettura u fl-2013 kienu 254 167 passiġġier u 16 927 vettura. ([85])

([85]) L-Italja pprovdiet ukoll ċifri għall-passiġġieri biss għas-snin 2009 u 2010. Ta' min ifakkar li r-rotot speċifiċi twettqu minn Caremar matul dak il-perjodu sal-aħħar ta' Mejju 2011. Iċ-ċifri fl-2009 kienu 287 639 passiġġier (157 055 għal T1 u A2, 99 087 għal T2 u A3 u 31 494 għal A1) u 253 638 fl-2010 (141 300 għal T1 u A2, 86 031 għal T2 u A3 u 26 307 għal A1).

Tabella 11

Statistika tal-passiġġieri għas-snin 2011-2013

Sena	Linja T1	Linja T2	Linja A1	Linja A2	Linja A3	Għadd totali ta' passiġġieri
2011	57 374	53 461	15 374	106 588	37 660	270 457
2012	36 446	61 978	16 372	96 125	29 509	240 430
2013	26 492	61 678	19 655	117 085	29 257	254 167

Tabella 12

Statistika tal-vetturi għas-snin 2011-2013

Sena	Linja T1	Linja T2	Linja A1	Linja A2	Linja A3	Għadd totali ta' vetturi [1]
2011	13 203	2 880	1 634 [2]			17 717
2012	10 614	2 614				13 228
2013	14 177	2 750				16 927

[1] Il-vapuri użati fuq il-Linja A1, il-Linja A2 u l-Linja A3 ma kinux jittrasportaw vetturi (bl-eċċezzjoni tal-Linja A1 fl-2011).
[2] Mill-2012 din ir-rotta serviet biss passiġġieri.

(292) B'mod ġenerali, iċ-ċifri juru li d-domanda mill-utenti għas-servizzi marittimi fuq kull waħda mir-rotot ikkonċernati kienet sinifikanti u pjuttost stabbli, u l-analiżi għas-snin 2011-2013 ma pprovdiet l-ebda indikazzjoni li kienet se tispiċċa. Il-Kummissjoni diġà wriet li kien hemm ukoll domanda sinifikanti mill-utenti għas-servizzi marittimi għall-perjodu mill-2014 'il quddiem (ara l-Premessa 184).

(293) Għalhekk, jista' jiġi konkluż li dawn is-servizzi indirizzaw domanda ġenwina mill-utenti u għalhekk issodisfaw ħtiġijiet pubbliċi reali.

(294) Kif spjegat taħt il-Premessa 186, il-Kummissjoni trid teżamina wkoll jekk is-servizz kienx ikun inadegwat kieku l-provvista tiegħu tħalliet biss għall-forzi tas-suq fid-dawl tal-obbligi ta' servizz pubbliku imposti mill-Istat Membru bis-saħħa tal-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali. Il-paragrafu 48 tal-Komunikazzjoni dwar l-SGEI jinnota f'dan ir-rigward li "*[l-]valutazzjoni tal-Kummissjoni hi limitata biss għal [...] li tiċċekkja jekk l-Istati Membri għamlux xi żball ovvju*".

(295) Il-Kummissjoni tinnota li matul il-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2011 sal-14 ta' Jannar 2014, fuq rotta waħda li kienet operata minn Laziomar bl-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali (il-Linja A3), operatur ieħor, Vetor, kien joffri servizz tal-passiġġieri għalkemm mhux bl-istess kontinwità, regolarità u prezz. Il-Kummissjoni diġà vvalutat fil-Premessa 195 is-sitwazzjoni kompetittiva fuq il-Linja A3 u jekk is-servizzi pprovduti minn Vetor kinux ekwivalenti għal dawk li Laziomar kellha tipprovdi skont il-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid. Il-Kummissjoni tfakkar li din il-valutazzjoni kienet ibbażata fuq is-sitwazzjoni kompetittiva fuq dik ir-rotta bejn l-1 ta' Ġunju 2011 u l-14 ta' Jannar 2014. Billi s-servizzi b'mod ġenerali li Laziomar trid topera huma kważi identiċi f'termini ta' rotot moqdija, frekwenzi u rekwiżiti tekniċi għal dawk li kellha twettaq matul il-perjodu tal-estensjoni, il-konklużjoni tal-Kummissjoni (ara l-Premessa 195) li l-forzi tas-suq waħedhom ma kinux biżżejjed biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-servizz pubbliku hija valida wkoll għal Laziomar matul il-perjodu kollu tal-estensjoni. Fuq il-biċċa l-kbira tar-rotot, Laziomar kienet l-uniku operatur filwaqt li fuq rotta waħda biss (il-Linja A3), is-servizzi pprovduti minn Vetor ma kinux ekwivalenti f'termini ta' kontinwità, regolarità, kapaċità u prezz u għalhekk ma kinux jissodisfaw b'mod sħiħ il-ħtiġijiet ta' servizz pubbliku imposti fuq Laziomar permezz tal-Konvenzjoni inizjali (kif estiża).

(296) Fl-aħħar nett, fid-dawl tal-privatizzazzjoni ppjanata u sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi pubbliċi li kienu qegħdin jiġu operati taħt il-Konvenzjoni inizjali, l-Italja ddeċidiet li testendi din il-Konvenzjoni mingħajr ebda tibdil u soġġett għat-tibdil tal-metodoloġija ta' kumpens applikabbli mill-2010 'il quddiem). Il-Kummissjoni taċċetta li d-domanda mill-utenti (kif deskritta fil-Premessi 291, 292 u 293 ma setgħetx tiġi ssodisfata billi jiġu imposti obbligi ta' servizz pubbliku applikabbli għall-operaturi kollha li jaqdu r-rotot inkwistjoni. B'mod partikolari, fuq il-biċċa l-kbira tar-rotot, Laziomar kienet l-uniku operatur (ara pereżempju l-Premessa (188) u, fejn dan ma kienx il-każ, l-offerta pprovduta mill-operatur l-ieħor ma kinitx tissodisfa r-rekwiżiti ta' regolarità, kontinwità, kapaċità u prezz affordabbli. Barra minn hekk, l-operat tal-biċċa l-kbira tar-rotot (jekk mhux kollha), speċjalment waqt l-istaġun kwiet, jagħmel it-telf, u għalhekk, mingħajr il-kumpens għal servizz pubbliku, x'aktarx dawn ma kinux jiġu operati affattu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni taċċetta li fid-dawl tal-proċess għall-privatizzazzjoni ta' Laziomar, l-estensjoni tal-kuntratt pubbliku ta' servizz eżistenti kienet l-uniku mod biex tiġi ggarantita l-kontinwità tas-servizzi pubbliċi sat-tlestija ta' dik il-privatizzazzjoni.

(297) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Italja ma għamlitx żball evidenti meta ddefiniet is-servizzi fdati lil Laziomar bħala SGEI. B'hekk, id-dubji espressi mill-Kummissjoni fid-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012 huma eliminati.

5.3.3. *Ħtieġa ta' att ta' inkarigu li jispeċifika l-obbligi ta' servizz pubbliku u l-metodi għall-kalkolu tal-kumpens*

(298) Kif indikat fit-Taqsima 2.3 tal-Qafas SGEI tal-2011, il-kunċett ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali fis-sens tal-Artikolu 106 TFUE jfisser li l-impriża inkwistjoni ġiet inkarigata bl-operat tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali permezz ta' att uffiċjali wieħed jew aktar.

(299) Dawn l-atti jridu jispeċifikaw, b'mod partikolari:

— In-natura preċiża tal-obbligu ta' servizz pubbliku u għal kemm idum;

— L-impriża u t-territorju kkonċernati;

— In-natura tad-drittijiet esklussivi;

— Il-parametri għall-kalkolu, għall-kontroll u għar-rieżami tal-kumpens;

— L-arranġamenti sabiex jiġi evitat u jitħallas lura kwalunkwe kumpens żejjed.

(300) Fid-Deċiżjonijiet tagħha tal-2011 u tal-2012, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk l-att ta' inkarigu kienx jipprovdi deskrizzjoni komprensiva tan-natura tal-obbligi ta' servizz pubbliku ta' Laziomar matul il-perjodu tal-estensjoni. Madankollu, il-Kummissjoni fakkret ukoll li elementi differenti tal-inkarigu jistgħu jiddaħħlu f'diversi atti mingħajr ma tiġi ddubitata l-adegwatezza tad-definizzjoni tal-obbligi. Matul il-perjodu tal-estensjoni, l-att ta' inkarigu ta' Laziomar kien jinkludi l-Konvenzjoni inizjali (kif emendata u estiża maż-żmien), il-pjanijiet ta' ħames snin li jkopru l-perjodi 2000-2004 u 2005-2008, sensiela ta' deċiżjonijiet *ad hoc* mill-Italja, id-Direttiva CIPE u l-Liġi tal-2009.

(301) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li l-Konvenzjoni inizjali (kif emendata maż-żmien), li tikkostitwixxi fin-nukleu tal-att ta' inkarigu ta' Laziomar, baqgħet applikabbli b'mod sħiħ sakemm intemmet il-privatizzazzjoni fuq il-bażi ta' sensiela ta' Digrieti Amministrattivi (ara l-Premessa 278). Dawn l-atti legali jispeċifikaw li Laziomar ġiet inkarigata b'obbligi ta' servizz pubbliku sakemm tintemm il-privatizzazzjoni tagħha.

(302) Skont il-Konvenzjoni inizjali, il-pjanijiet ta' ħames snin jispeċifikaw ir-rotot u l-portijiet li għandhom jiġu servuti, it-tip u l-kapaċità tal-vapuri li għandhom jintużaw għall-konnessjonijiet marittimi inkwistjoni, il-frekwenza tas-servizz u n-nollijiet li għandhom jitħallsu, inklużi nollijiet sussidjati, b'mod partikolari għar-residenti tar-reġjuni gżejjer. Filwaqt li l-pjanijiet għall-perjodu 2005-2008 ma ġewx adottati formalment, il-pjan għall-perjodu 2000-2004 kompla japplika mingħajr ebda tibdil fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet ta' dak il-pjan komplew japplikaw b'mod sħiħ matul il-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2011 sal-14 ta' Jannar 2014. Qabel l-2011, l-iskema oriġinali tan-nollijiet prevista fil-Konvenzjoni inizjali ġiet emendata b'għadd ta' atti sussegwenti. Madankollu, matul il-perjodu kollu tal-estensjoni, ma ġewx adottati digrieti interministerjali sabiex jemendaw ulterjorment in-nollijiet li kellhom jiġu imposti mill-kumpaniji ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia, inkluża Laziomar. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-obbligi ta' servizz pubbliku li Laziomar kellha tirrispetta matul il-perjodu tal-estensjoni kienu definiti b'mod ċar biżżejjed.

(303) Il-Kummissjoni diġà nnotat fil-Premessi 239 u 240 tad-Deċiżjoni tal-2011 li l-parametri meħtieġa għall-kalkolu tal-ammont tal-kumpens ġew stabbiliti minn qabel u huma deskritti b'mod ċar. B'mod partikolari, għas-snin mill-2011 sal-2013, il-Konvenzjoni inizjali (ara l-Premessa 46) fiha lista eżawrjenti u preċiża tal-elementi ta' ost li għandhom jitqiesu kif ukoll il-metodoloġija tal-kalkolu tar-redditu fuq il-kapital investit għall-operatur. Il-metodoloġija rilevanti hija stabbilita fid-Direttiva CIPE (ara l-Premessi minn 47 sa 57. B'mod aktar speċifiku, id-Direttiva CIPE tagħti dettalji dwar l-elementi ta' spiża li ġew ikkunsidrati u r-redditu fuq il-kapital investit. Fl-aħħar nett, il-Liġi tal-2009 tinkludi l-ammont massimu ta' kumpens ta' EUR 10 030 606 miljun fis-sena li japplika mill-2010 'il quddiem. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni inizjali stabbiliet li l-kumpens jitħallas f'pagamenti parzjali u żgurat li l-kumpens kien ibbażat fuq l-ispejjeż u d-dħul reali mġarrba għall-provvista tas-servizz pubbliku. B'dan il-mod, xi kumpens żejjed jkun jista' jinqabad u jiġi faċilment evitat. Fejn applikabbli, l-Istat imbagħad jista' jirkupra l-kumpens żejjed minn Laziomar.

(304) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tqis li għall-perjodu tal-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali, l-atti ta' inkarigu stabbilew definizzjoni ċara tal-obbligi ta' servizz pubbliku, tat-tul ta' żmien tal-impriża u tat-territorju kkonċernati, il-parametri għall-kalkolu, għall-kontroll u għar-rieżami tal-kumpens u l-arranġamenti sabiex jiġi evitat u jitħallas lura kwalunkwe kumpens żejjed kif meħtieġ skont il-Qafas SGEI tal-2011.

5.3.4. *It-tul tal-perjodu tal-inkarigu*

(305) Kif indikat fil-paragrafu 17 tal-Qafas SGEI tal-2011, "[…]it-tul tal-perjodu tal-inkarigu jenħtieġ li jiġi ġustifikat b'referenza għal kriterji oġġettivi bħall-bżonn li jiġu amortizzati assi fissi mhux trasferibbli. Fil-prinċipju, it-tul tal-perjodu tal-inkarigu ma għandux jaqbeż il-perjodu meħtieġ għad-deprezzament tal-assi l-iżjed sinifikanti meħtieġa biex jiġi pprovdut l-SGEI."

(306) L-Italja indikat li t-tul ta' żmien tal-estensjoni ġiet stabbilita b'referenza għall-perjodu meħtieġ għad-deprezzament tal-assi impenjati fil-forniment tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali. B'mod partikolari, it-tul totali ta' żmien tal-Konvenzjoni inizjali kif estiża tammonta għal ftit aktar minn 24 sena. Il-vapuri huma l-aktar assi sinifikattivi meħtieġa biex jipprovdu s-servizz pubbliku. Il-perjodu ta' deprezzament għall-vapuri użati għas-servizzi ta' trasport fuq il-baħar normalment ikun wieħed twil u jista' jaqbeż il-25 sena.

(307) L-Italja pprovdiet lill-Kummissjoni l-valur tad-deprezzament tal-vapuri ta' Laziomar għall-perjodu 2011-2013. Il-Kummissjoni tinnota li, fiż-żmien meta Laziomar bdiet topera r-rotot tal-arċipelagu ta' Pontino fl-1 ta' Ġunju 2011 bl-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali, l-erba' vapuri tagħha kellhom età medja ta' 24 sena.

(308) Il-Kummissjoni tinnota li l-estensjoni tal-perjodu għal sentejn u nofs kienet meħtieġa biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz pubbliku sat-tlestija tal-proċess ta' privatizzazzjoni. B'kont meħud, barra minn hekk, tal-età medja tal-vapuri, it-tul medju tad-deprezzament tal-vapuri użati b'mod ġenerali għas-servizzi ta' trasport tul korp tal-ilma, l-inizjattivi ta' modernizzazzjoni previsti skont id-dispożizzjonijiet tal-kuntratt ta' servizz u l-użu ta' vapuri ġodda (ara l-Premessa 243), il-Kummissjoni tikkonkludi li t-tul ta' żmien tal-att ta' inkarigu hija ġġustifikata b'mod suffiċjenti u li l-paragrafu 17 tal-Qafas SGEI huwa rrispettat.

5.3.5. *Konformità mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE* ([86])

(309) Skont il-paragrafu 18 tal-Qafas SGEI tal-2011, "[…] l-għajnuna se titqies kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat biss meta l-impriża tikkonforma, fejn applikabbli, mad-Direttiva 2006/111/KE dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi, kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja f'ċerti impriżi".

([86]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE tas-16 ta' Novembru 2006 dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja fi ħdan ċerti impriżi (ĠU L 318, 17.11.2006, p. 17).

(310) Barra minn hekk, il-paragrafu 44 tal-Qafas SGEI tal-2011 jirrikjedi li: "Fejn impriża twettaq attivitajiet li jaqgħu kemm ġewwa kif ukoll barra mill-ambitu tal-SGEI, il-kontijiet interni jridu juru separatament l-ispejjeż u d-dħul assoċjati mal-SGEI u dawk tas-servizzi l-oħra li huma konformi mal-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 31."

(311) L-Italja kkonfermat li Laziomar kienet attiva biss fil-forniment ta' servizzi pubbliċi skont il-Konvenzjoni inizjali.

(312) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-paragrafu 18 tal-Qafas SGEI tal-2011 ma huwiex applikabbli.

5.3.6. *Ammont tal-kumpens*

(313) Il-paragrafu 21 tal-Qafas SGEI tal-2011 jiddikjara li "[…] l-ammont ta' kumpens ma jistax jaqbeż dak li huwa meħtieġ biex ikopri l-ispiża netta għall-eżekuzzjoni tal-obbligi tas-servizz pubbliku, inkluż profitt raġonevoli".

(314) F'dan il-każ, minħabba li l-kumpens jikkostitwixxi f'għajnuna illegali li ngħatat qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, il-paragrafu 69 tal-Qafas SGEI tal-2011 jipprevedi speċifikament illi, għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat, l-użu tal-metodoloġija tal-ispejjeż netti evitati ma huwiex meħtieġ. Minflok, jistgħu jintużaw metodi alternattivi għall-kalkolu tal-ispiża netta meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku, bħall-metodoloġija bbażata fuq l-allokazzjoni tal-ispejjeż. Skont din l-aħħar metodoloġija, l-ispiża netta tiġi kkalkolata bħala d-differenza għal fornitur dežinjat bejn l-ispejjeż u d-dħul mill-eżekuzzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku, kif speċifikat u stmat fl-att ta' inkarigu. Il-paragrafi minn 28 sa 38 tal-Qafas SGEI tal-2011 jistabbilixxu f'aktar dettall il-mod kif din il-metodoloġija jenħtieġ li tiġi applikata.

(315) Fid-Deċiżjonijiet tagħha tal-2011 u tal-2012, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-primjum tar-riskju ta' 6,5 %, li kien japplika mill-2010 'il quddiem. B'mod partikolari, il-Kummissjoni kellha dubju jekk dan il-primjum jirriflettix livell xieraq ta' riskju, meta wieħed iqis li *prima facie* Toremar ma kinitx tidher li qiegħda tassumi r-riskji normalment sostnuti fl-operat ta' tali servizzi.

(316) Il-primjum tar-riskju ta' 6,5 % kien jiġi applikat sabiex jiġi ddeterminat ir-redditu fuq il-kapital permezz tal-formula tad-WACC. Madankollu, kif diġà ġie spjegat fil-Premessi 136, 137 u 138, l-Italja ċċarat li, minħabba li l-ammont ta' kumpens kien limitat mil-Liġi tal-2009, ġie deċiż li l-kalkolu jiġi ssimplifikat billi tiġi applikata r-rata ta' 6,5 % bħala redditu b'rata fissa fuq il-kapital.

(317) F'dan il-kuntest, fuq il-bażi tal-kontijiet rotta b'rotta ppreżentati mill-Italja u kif aggregati fit-Tabella 13, il-Kummissjoni setgħet tivverifika li għall-2011, l-2012 u l-2013 flimkien, il-kumpens għas-servizz pubbliku kien EUR 70 650 ogħla mill-ispiża netta tas-servizz (ma huwa inkluż l-ebda redditu fuq il-kapital):

Tabella 13

Spiża nett tas-servizz pubbliku operat minn Laziomar għall-perjodu 2011-2013

(EUR)

Missjoni ta' servizz pubbliku ta' Laziomar	2011	2012	2013	Total kumplessiv
Dħul totali	2 845 238	3 441 567	3 569 149	9 855 942
- Spejjeż totali	11 182 105	17 140 076	15 799 712	44 121 893
- Amortizzament	114 836	274 044	352 229	741 109
= Spiża nett tas-servizz pubbliku	- 8 451 703	- 13 972 553	- 12 582 792	- 35 007 048
+ Redditu fuq il-kapital (6,5 %)	0	0	0	0

= Eliġibbli għal kumpens	- 8 451 703	- 13 972 553	- 12 582 792	- 35 007 048
+ Kumpens reali	8 601 187	13 780 506	12 696 005	35 077 698
= Kumpens żejjed/nieqes	149 484	- 192 047	113 213	70 650

(318) Il-Kummissjoni tqis il-fatt li Laziomar bdiet topera r-rotot fl-arċipelagu ta' Pontino fl-1 ta' Ġunju 2011, immedjatament wara t-trasferiment ta' dawn ir-rotot mir-Reġjun tal-Campania u Caremar lir-Reġjun tal-Lazio u Laziomar (ara l-Premessi 4, 32 u 33). Għalhekk, l-eżerċizzju finanzjarju tal-2011, li juri differenza pożittiva ta' EUR 149 484, ma jistax jiġi attribwit b'mod sħiħ lil Laziomar u ma huwiex rappreżentattiv tar-riżultati reali ta' Laziomar. Għas-snin finanzjarji 2012 u 2013, li huma attribwiti b'mod sħiħ lil Laziomar, id-differenza kkombinata bejn il-kumpens eliġibbli u dak reali hija negattiva (EUR - 78 834).

(319) Il-Kummissjoni vverifikat ukoll il-kalkoli pprovduti mill-Italja rigward ir-redditu fuq il-kapital investit ibbażat fuq ir-rata fissa ta' 6,5 %. Minħabba li r-redditi huma negattivi matul il-perjodu 2011-2013 (ara l-Premessa 138), huma rappreżentati bħala "żero" fit-Tabella 13 għall-fini tal-kalkolu tal-ispiża nett tas-servizz pubbliku. Għalhekk, fid-dawl ta' dawn ir-riżultati negattivi, il-Kummissjoni tinnota li fil-każ tal-eżerċizzju finanzjarju ta' tliet snin, id-differenza pożittiva ta' EUR 70 650, li tirrappreżenta biss 0,2 % tal-kumpens reali mħallas lil Laziomar, hija maqbuda mir-rata fissa ta' 6,5 % u ma tirriżultax f'kumpens żejjed. Barra minn hekk, rata ta' redditu ta' 0,2 % (jew 20 punt bażi), ma taqbiżx ir-rata ta' swap rilevanti flimkien ma' primjum ta' 100 punt bażi, li, skont il-paragrafu 36 tal-Qafas SGEI tal-2011, titqies bħala raġonevoli fi kwalunkwe każ.

(320) Il-paragrafu 49 tal-Qafas SGEI tal-2011 jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li l-kumpens mogħti għall-operat tal-SGEI ma jirriżultax fir-riċevuta ta' kumpens żejjed mill-impriżi (kif iddefinit fil-paragrafu 47 ta' dak il-Qafas). Fost l-oħrajn, l-Istati Membri jridu jipprovdu evidenza b'talba mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, huma jridu jwettqu kontrolli regolari, jew jiżguraw li tali kontrolli jitwettqu, fi tmiem il-perjodu ta' inkarigu u, fi kwalunkwe każ, f'intervalli ta' mhux aktar minn tliet snin.

(321) Il-Kummissjoni diġà vvalutat taħt it-tielet kriterju tas-sentenza *Altmark* li r-redditu b'rata fissa ta' 6,5 % fuq il-kapital li Laziomar setgħet tistenna minn perspettiva *ex ante* kien konformi mar-riskji li kienet tiffaċċja meta topera s-servizzi pubbliċi skont il-kuntratt pubbliku ta' servizz (ara l-Premessi minn 211 sa 216). Barra minn hekk, il-Kummissjoni ttenni li l-Italja użat redditu b'rata fissa fuq il-kapital għal skopijiet ta' simplifikazzjoni tal-kalkolu.

(322) Il-Kummissjoni tinnota li d-Direttiva CIPE ppreżentata tieħu inkunsiderazzjoni ċerti valuri tas-suq applikabbli fis-settur tal-kabotaġġ marittimu. Hija tippreskrivi l-ispejjeż eliġibbli għall-finijiet tal-obbligi ta' servizz pubbliku, kif ukoll il-prinċipji tal-kalkolu li jikkonċernaw ir-rata ta' redditu fuq il-kapital fuq il-bażi tal-informazzjoni, il-kundizzjonijiet u r-riskji rilevanti għal dan is-settur partikolari.

(323) Barra minn hekk, kif diġà ġie spjegat fil-Premessa 214 fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-kuntratt pubbliku ġdid ta' servizz taħt it-tielet kriterju tas-sentenza *Altmark*, il-Kummissjoni sabet li fl-2013 (kif ukoll għall-perjodu kollu 2011-2013) ir-redditu medjan fuq il-kapital iġġenerat minn grupp ta' referenza ta' operaturi magħżula ta' mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma li kienu joffru konnessjonijiet marittimi fl-Italja jew bejn l-Italja u Stati Membri oħra kien ġeneralment simili għar-redditu fuq il-kapital ta' Laziomar ta' 6,5 %.

(324) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li r-redditu ta' 6,5 % fuq il-kapital jibqa' f'livell raġonevoli.

(325) Fl-aħħar nett, l-Italja pprovdiet l-evidenza meħtieġa sabiex turi li saru l-kontrolli regolari kollha biex jiġi żgurat li l-ammont tal-kumpens ma jaqbiżx l-ispiża netta tas-servizz. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar li l-kumpens jitħallas f'pagamenti parzjali (ara l-Premessa 45) u li l-ħlas finali jsir fuq il-bażi tal-ispejjeż u tad-dħul effettivi tas-sena. Dan jiżgura li l-ammont tal-kumpens ma jaqbiżx l-ispejjeż netti tas-servizz.

(326) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ammont ta' kumpens mogħti lil Laziomar matul l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali ma wassalx għal xi kumpens żejjed u li r-rekwiżiti applikabbli tat-Taqsima 2.8 tal-Qafas SGEI huma rispettati.

5.3.7. *Il-prijorità tal-irmiġġ*

(327) L-Artikolu 19-*ter*, il-paragrafu 21 tal-Liġi tal-2009 jispeċifika b'mod ċar li l-prijorità tal-irmiġġ kienet neċessarja biex tiġi garantita l-kontinwità territorjali mal-gżejjer u fid-dawl tal-obbligi ta' servizz pubbliku tal-kumpaniji ta' dak li kien il-Gruppo Tirrenia, inkluża Laziomar. Fin-nuqqas ta' tali prijorità tal-irmiġġ għall-kumpaniji inkarigati bl-obbligi ta' servizz pubbliku, dawn jista' jkollhom bżonn jistennew sa ma jkun imisshom jitrakkaw u b'konsegwenti dewmien, li jmur kontra l-iskop li tiġi żgurata konnettività affidabbli u konvenjenti għall-konsumaturi. Biex jiġu ssodisfati l-eżiġenzi ta' mobbiltà tal-popolazzjoni tal-gżejjer u sabiex tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku tal-gżejjer ikkonċernati huwa assolutament neċessarju li jkun hemm skeda regolari. Barra minn hekk, billi l-ħinijiet tat-tluq fuq ir-rotot tas-servizz pubbliku huma stabbiliti mill-Konvenzjoni, il-prijorità tal-irmiġġ hija neċessarja biex jiġi żgurat li l-portijiet jallokaw l-irmiġġi u l-ħinijiet tal-irmiġġ b'tali mod li jippermettu lill-operatur tas-servizz pubbliku jirrispetta l-obbligi ta' servizz pubbliku tiegħu.

(328) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tqis li din il-miżura ngħatat biex Laziomar tkun tista' twettaq l-obbligi tagħha ta' servizz pubbliku, li jikkostitwixxu f'SGEI ġenwin (ara t-Taqsima 5.3.2). Barra minn hekk, l-Italja kkonfermat li l-prijorità tal-irmiġġ hija applikabbli biss għas-servizzi pprovduti taħt ir-reġim ta' servizz pubbliku.

(329) Il-Kummissjoni diġà vvalutat fid-dettall il-kompatibbiltà tal-SGEI u l-kumpens relatat għal Laziomar matul l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali (ara t-Taqsimiet minn 5.3.2 sa 5.3.6). B'hekk, il-Kummissjoni tqis li l-valutazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà tal-prijorità tal-irmiġġ tista' tkun limitata sbiex jiġi stabbilit jekk din il-miżura tistax twassal għal kumpens żejjed jew le.

(330) Il-Kummissjoni tqis li kwalunkwe vantaġġ monetarju possibbli mill-prijorità tal-irmiġġ ikun limitat (ara l-Premessa 162). B'riżultat ta' dan, anki r-riskju ta' kumpens żejjed li jirriżulta minn din il-miżura jkun limitat. Barra minn hekk, f'każ li din il-miżura twassal għal tnaqqis fl-ispejjeż operatorji jew żieda fid-dħul tal-operatur tas-servizz pubbliku, dawn l-effetti jkunu riflessi b'mod sħiħ fil-kontijiet interni tal-operatur. Għalhekk, il-kontrolli fir-rigward tal-kumpens żejjed li ġew applikati għal Laziomar kif deskritt fit-Taqsima 5.3.6 huma tajbin ukoll biex jiġi identifikat kwalunkwe kumpens żejjed possibbli li jirriżulta mill-prijorità tal-irmiġġ.

(331) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-prijorità tal-irmiġġ, li hija intrinsikament marbuta mas-servizz pubbliku mwettaq minn Laziomar, hija kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 106(2) TFUE u l-Qafas SGEI tal-2011.

5.3.8. *Konklużjoni*

(332) Fuq il-bażi tal-valutazzjoni fil-Premessi minn 278 sa 331, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kumpens mogħti lil Laziomar għall-forniment tas-servizzi marittimi soġġetti għall-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali fil-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2011 sal-14 ta' Jannar 2014 u l-prijorità tal-irmiġġ jikkonformaw mal-kundizzjonijiet applikabbli tal-Qafas SGEI tal-2011 u għalhekk huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 106 TFUE.

6. **KONKLUŻJONI**

(333) Il-Kummissjoni ssib li l-Italja implimentat illegalment il-miżuri ta' għajnuna taħt valutazzjoni bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni preċedenti, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kumpens għas-servizz pubbliku mogħti lil Laziomar taħt l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali huwa kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 106 TFUE. Barra minn hekk, billi l-prijorità tal-irmiġġ hija intrinsikament marbuta mal-eżekuzzjoni tal-SGEI minn Laziomar, din il-miżura hija kompatibbli wkoll mas-suq intern skont l-Artikolu 106 TFUE.

(334) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssib li l-miżuri li ġejjin ma jikkostitwux f'għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE:

(a) il-kumpens mogħti lil Laziomar għall-forniment ta' servizzi marittimi skont il-kuntratt ta' servizz il-ġdid għall-perjodu bejn il-15 ta' Jannar 2014 u l-14 ta' Jannar 2024, abbinat mal-attività kummerċjali ta' Laziomar u l-prijorità tal-irmiġġ għal Laziomar, minħabba li jikkonforma mal-erba' kriterji tas-sentenza *Altmark*;

(b) l-użu possibbli ta' fondi minn Laziomar biex ittejjeb il-vapuri għal skopijiet ta' likwidità, billi Laziomar ma għamlitx użu minn dawn il-fondi għall-iskopijiet imsemmija;

(c) L-eżenzjonijiet fiskali relatati mal-proċess ta' privatizzazzjoni ta' Laziomar u l-possibbiltà li jintużaw ir-riżorsi tal-FAS sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' likwidità kif stabbilit mil-Liġi tal-2010,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kumpens lil Laziomar u l-prijorità tal-irmiġġ għall-forniment ta' servizzi marittimi taħt l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali fil-perjodu bejn l-1 ta' Ġunju 2011 u l-14 ta' Jannar 2014 jikkostitwixxu f'għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. L-Italja implimentat l-għajnuna lil Laziomar bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE. Din l-għajnuna hija kompatibbli mas-suq intern.

Artikolu 2

L-għoti tal-kuntratt pubbliku ta' servizz il-ġdid għall-perjodu bejn il-15 ta' Jannar 2014 u l-14 ta' Jannar 2024, abbinat mal-attività kummerċjali ta' Laziomar u l-prijorità tal-irmiġġ lil Laziomar ma jikkostitwix f'għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

Artikolu 3

Il-possibbiltà li jintużaw, fuq bażi temporanja, ir-riżorsi finanzjarji diġà impenjati għat-titjib u l-immodernizzar tal-flotta, sabiex ikopru l-ħtiġijiet urġenti ta' likwidità, kif stabbilit mil-Liġi tal-2010, ma kinitx sfruttata sa fejn hija kkonċernata Laziomar. Għalhekk, hija ma tikkostitwix f'għajnuna mill-Istat lil Laziomar fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

Artikolu 4

L-eżenzjonijiet fiskali relatati mal-proċess ta' privatizzazzjoni ta' Laziomar kif stabbilit mil-Liġi tal-2010, ma jikkostitwux f'għajnuna mill-Istat lil Laziomar fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

Artikolu 5

Il-possibbiltà li jintużaw ir-riżorsi tal-*Fondo Aree Sottoutilizzate* biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' likwidità, kif stabbilit mil-Liġi tal-2010, ma tikkostitwix f'għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Membru tal-Kummissjoni